ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 201

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

30 ta' Lulju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl (Verżjoni kodifikata)** ........ 1

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena ta' l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ** 8

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 735/2008 tad-29 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd** ........ 16

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jaħtar il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard tal-krustaċji, ir-rabja u t-tuberkolożi ta' l-ifrat, li jistipula responsabbiltajiet u ħidmiet supplementari għal-laboratorji ta' referenza Komunitarja għar-rabja u t-tuberkolożi ta' l-ifrat u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........ 29

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 738/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jemenda, għat-tnax-il darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)** ........ 33

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 739/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jipprojbixxi s-sajd għall-Bażuga fiż-żoni VI, VII u VIII ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għajr Spanja, Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit** ........ 34

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 18 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 740/2008 tad-29 ta’ Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 fir-rigward tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għal esportazzjoni ta’ skart lejn ċerti pajjiżi** ([1]) ........ 36

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 741/2008 tad-29 ta’ Lulju 2008 dwar il-ħruġ ta’ liċenzji ta’ l-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa għall-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2008 sat-30 ta’ Ġunju 2009 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 996/97 għall-falda rqiqa ffriżata tal-bovini ........ 45

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2008/81/KE tad-29 ta’ Lulju 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi d-difenacoum bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha** ([1]) ........ 46

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B’MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 742/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta’ riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta’ persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta’ l-użu ta’ Teknoloġiji ta’ l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni Ġodda** ([1]) ........ 49

★ **Deċiżjoni Nru 743/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta’ riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja lill-impriżi żgħar u ta’ daqs medju li jwettqu attivitajiet ta’ riċerka u żvilupp.** ([1]) ........ 58

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/624/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Lulju 2008 li taħtar erba’ membri u erba’ membri supplenti Franċiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni** ........ 68

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA’ FTEHIM INTERNAZZJONALI

★ **Regolament Nru. 30 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta’ tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-mutur u għat-trejlers tagħhom** ........ 70

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 733/2008

**tal-15 ta' Lulju 2008**

**dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl**

**(Verżjoni kodifikata)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 tat-22 ta' Marzu 1990 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident ta' l-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl [1] ġie emendat kemm-il darba [2] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Wara l-inċident fl-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl fis-26 ta' April 1986, kwantitajiet konsiderevoli ta' elementi radjuattivi ġew rilaxxati fl-atmosfera.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-possibilità li, fejn ikun meħtieġ, wieħed jirrikorri, fil-futur, għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabilixxi l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni radjuattiva permessi għall-oġġetti ta' l-ikel u għall-għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika [3], il-Komunità għandha tassigura, rigward l-effetti speċifiċi ta' l-inċident ta' Chernobyl, li l-prodotti agrikoli u l-prodotti agrikoli proċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li x'aktarx ikunu kontaminati jiġu mdaħħla fil-Komunità biss skond arranġamenti komuni.

(4) Dawk l-arranġamenti komuni għandhom jissalvagwardaw is-saħħa tal-konsumaturi, għandhom iżommu, mingħajr ma jkollhom effetti ħżiena fuq il-kummerċ bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, in-natura unifikata tas-suq u jipprevjenu t-tagħwiġ fil-kummerċ.

(5) Il-konformità mal-livelli massimi permessi għandha tkun is-suġġett ta' kontrolli xierqa, li jistgħu jwasslu għall-projbizzjoni ta' l-importazzjonijiet fil-każi ta' nuqqas ta' konformità.

(6) Il-kontaminazzjoni radjoattiva f'ħafna prodotti agrikoli naqset u trid tissokta tonqos għal-livelli li kienu jeżistu qabel l-inċident ta' Chernobyl. Għalhekk għandha tiġi stabbilita proċedura sabiex tagħti l-poter illi jiġu esklużi dawn il-prodotti mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(7) Ġaladarba dan ir-Regolament ikopri l-prodotti agrikoli kollha u l-prodotti agrikoli pproċessati maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ma hemmx bżonn, fil-każ preżenti, li tiġi applikata l-proċedura imsemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin [4].

---

(1) ĠU L 82, 29.3.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).
(2) Ara l-Anness III.
(3) ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (Euratom) Nru 2218/89 (ĠU L 211, 22.7.1989, p. 1).
(4) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321 Verżjoni korretta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 128.

(8) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Bl-eċċezzjoni tal-prodotti li ma jkunux tajba għall-konsum mill-bniedem li huma elenkati fl-Anness I u dawk il-prodotti li jistgħu jiġu esklużi mill-iskop ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 5(2), dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi koperti bi:

(a) Anness I għat-Trattat;

(b) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 dwar il-glutosju u l-lattosju ([2]);

(ċ) ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2783/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq is-sistema komuni għall-kummerċ fl-ovalbumin u l-lactalbumin ([3]);

(d) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ([4]).

*Artikolu 2*

1. Mingħajr preġudizju għad-dispożizzjonijiet l-oħra eżistenti, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti riferiti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-konformità mal-livelli massimi permessi mniżżla fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

2. Il-livell massimu akkumulat ta' radjuattività f'termini ta' ċesju – 134 u – 137 għandu jkun ([5]):

(a) 370 Bq/kg għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib imniżżla fl-Anness II u għal oġġetti ta' l-ikel intenzjonati għat-tmiegħ speċjali tat-trabi fl-ewwel erba' sa sitt xhur tal-ħajja, li jilħqu, fihom infushom, il-bżonnijiet nutrizzjonali ta' din il-kategorija ta' persuni u li jkunu mpoġġija għall-bejgħ bl-imnut f'pakketti li jkunu identifikabbli b'mod ċar u bit-tikketta "preparazzjoni ta' ikel għat-trabi";

(b) 600 Bq/kg għall-prodotti l-oħra kollha in kwestjoni.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw il-konformità mal-livelli massimi permessi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) rigward il-prodotti riferiti fl-Artikolu 1, billi jitqiesu l-livelli ta' kontaminazzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini.

Il-kontroll jista' jinkludi wkoll il-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' l-esportazzjoni.

Skond ir-riżultati tal-kontrolli mwettqa, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi applikat l-Artikolu 2(1), inkluża l-projbizzjoni tar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa, filwaqt li jieħdu kull każ individwalment jew b'mod ġenerali għal prodott imsemmi.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment dawk il-każi ta' nuqqas ta' konformità mal-livelli massimi permessi.

Il-Kummissjoni għandha tiċċirkola dan it-tagħrif lill-Istati Membri l-oħra.

3. Fil-każi fejn ikun hemm nuqqas ripetut ta' konformità mal-livelli massimi permessi, jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 5(2).

Dawn il-miżuri jistgħu saħansitra jinkludu l-projbizzjoni ta' l-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi terzi interessati.

*Artikolu 4*

L-arranġamenti sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament, kull emenda li trid issir għall-prodotti f'Anness I, u l-lista tal-prodotti esklużi minn dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 5(2).

*Artikolu 5*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE huwa stabbilit għal xahar.

---

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 104. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2916/95 (ĠU L 305, 19.12.1995, p. 49).
([4]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).
([5]) Il-livell li japplika għall-prodotti kkonċentrati jew imnixxfa għandhom jiġu kalkolati fuq il-bażi tal-prodott rikonstitwit bħala lest għall-konsum.

*Artikolu 6*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90, kif emendat mir-Regolamenti imniżżla fl-Anness III, hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa jiskadi:

(a) fil-31 ta' Marzu 2010, sakemm il-Kunsill ma jiddeċidix mod ieħor f'data aktar bikrija, partikolarment jekk il-lista ta' prodotti li għandhom ikunu esklużi li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 4 tkopri l-prodotti kollha li jkunu tajbin għal konsum uman li fir-rigward tagħhom huwa applikabbli dan ir-Regolament;

(b) mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87, jekk dan id-dħul fis-seħħ iseħħ qabel il-31 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

*ANNESS I*

**Il-Prodotti li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0101 10 10<br>ex 0101 90 19 | Żwiemel tat-tiġrija |
| ex 0106 | Oħrajn (annimali ħajjin, esklużi fniek domestiċi u ħamiem: li mhumiex tajbin għall-konsum uman) |
| ex 0301 10 | ħut ħaj ornamentali |
| 0408 11 20<br>0408 19 20<br>0408 91 20<br>0408 99 20 | Bajd, mhux fil-qoxra, u isfar tal-bajd, li ma jkunux tajba għall-konsum uman (1) |
| ex 0504 00 00 | imsaren, bżieżaq u stonki ta' l-animali li ma jittieklux (apparti minn ħut), sħiħ jew bċejjeċ minnu |
| 0511 10 00<br>ex 0511 91 90<br>0511 99 | Prodotti mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi post ieħor, eskluż demm ta' l-annimali li jittiekel; annimali mejta ta' Kapitoli 1 jew Kapitolu 3, mhux tajba għall-konsum uman |
| ex 0713 | ħxejjex legumini mqadda, maħruġa mill-fosdqa, sew jekk imqaxxra jew le, jew maqsuma, għaż-żriegħ |
| 1001 90 10 | Spelt xorta ta' qamħ għaż-żriegħ (1) |
| 1005 10 11<br>1005 10 13<br>1005 10 15<br>1005 10 19 | Qamħirrum ibridu għaż-żriegħ (1) |
| 1006 10 10 | Ross għaż-żriegħ (1) |
| 1007 00 10 | Sorgu ibrdiu għaż-żriegħ (1) |
| 1201 00 10<br>1202 10 10<br>1204 00 10<br>1205 10 10<br>1206 00 10<br>1207 20 10<br>1207 40 10<br>1207 50 10<br>1207 91 10<br>1207 99 15 | Żrieragħ taż-żejt u frott oleoganejo, sħiħ jew imfarrak għaż-żriegħ (1) |
| 1209 | Żrieragħ, frott u spori, tat-tip użati għaż-żriegħ |
| 1501 00 11 | Sonża u xaħmijiet oħra tal-qżieqeż għal użu industrijali apparti milli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman (1) |
| 1502 00 10 | Sonża ta' annimali bovini, nagħaġ jew mogħoż, ħlief dawk taħt l-intestatura 1503, għal użu industrijali apparti minn għal manifattura ta' oġġetti ta' ikel għal konsum uman (1) |
| 1503 00 11 | Sonża stearin u oleostearin għal użu industrijali (1) |
| 1503 00 30 | Żejt tat-tallow (xaħam tad-dam) għal użu industrijali apparti milli għal manifattura ta' "oġġetti tal-ikel għal konsum uman (1)" |
| 1505 00 | Xaħam tas-suf u sustanzi mxaħma idderivati minnhom (inkluz il-lanolin) |
| 1507 10 10<br>1507 90 10 | Żejt mill-ful tas-soya u l-frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat u anki jekk le; imma mhux kimikament modifikat, għal użu tekniku apparti minn għal manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman (1) |
| 1508 10 10<br>1508 90 10 | Żejt minn ġewż mitħun u l-frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat u anki jekk le imma mhux kimikament raffinat, għal użu tekniku jew industrijali apparti milli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman (1) |
| 1511 10 10 | Żejt tal-palma krud u l-frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat u anki jekk le, imma mhux kimikament modifikat, għal użu tekniku jew industrijali apparti milli għal manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum uman (1) |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1511 90 91<br>1512 11 10<br>1512 19 10<br>1512 21 10<br>1512 29 10<br>1513 11 10<br>1513 19 30<br>1513 21 10<br>1513 29 30<br>1514 11 10<br>1514 19 10<br>1514 91 10<br>1514 99 10<br>1515 19 10<br>1515 21 10<br>1515 29 10<br>1515 50 11<br>1515 50 91<br>1515 90 21<br>1515 90 31<br>1515 90 40<br>1515 90 60<br>1516 20 95 | Żjut oħra għall-użu tekniku jew industrijali apparti milli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal konsum uman (1) |
| 1515 30 10 | Żejt tal-kastru u l-frazzjonijiet tiegħu għal produzzjoni ta' aċidi aminoundecanoiċi għall-użu fil-manifattura ta' fibri sintetiċi jew ta' materjali plastiċi artifiċjali (1) |
| 1515 90 11 | Żejt tung; żjut ġoġoba u oiticica; xemgħa tar-riħan u xemgħa Ġappuniża; frazzjonijiet tagħhom |
| 1518 00 31<br>1518 00 39 | Żjut veġetali għal stabilizzar, fluwidi, imħallta, għal użu tekniku jew industrijali apparti milli għal manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għal konsum uman (1) |
| 2207 20 00 | Ethyl alkoħol u spirti oħra; denaturati, ta' kull qawwa |
| 3824 10 00 | Għaqqada mħejjija għal forom tal-funderija jew għal partijiet minnhom |
| 4501 | Sufra naturali, nejja jew sempliċement imħejjija; Ħela tas-sufra; Sufra mgħaffġa, mfarrka, jew magħmula trab |
| 5301 10 00<br>5301 21 00<br>5301 29 00 | Kittien, nej jew ipproċessat imma mhux minsuġ |
| 5302 | Qanneb veru (*Cannabis sativa* L.), nej jew ipproċessat imma mhux minsuġ; Stoppa u ħela ta' qanneb veru (inkluża ħela tal-ħjut u stoppa maħluġa) |
| ex Kapitolu 6 | Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u simili, fjuri maqtuha u ħxejjex ornamentali, esklużi pjanti u għeruq taċ-ċikwejra tas-sub-interstatura 0601 20 10 |

(1) Dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Komunità.

*ANNESS II*

**Il-ħalib u l-prodotti mill-ħalib li għalihom japplika l-livell massimu permess ta' 370 Bq/kg**

| | |
|---|---|
| Kodiċi tan-NM | 0401 |
| | 0402 |
| | 0403 10 11 sa 39 |
| | 0403 90 11 sa 69 |
| | 0404 |

*ANNESS III*

**Regolament imħassar flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 (ĠU L 82, 29.3.1990, p. 1) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 686/95 (ĠU L 71, 31.3.1995, p. 15) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 616/2000 (ĠU L 75, 24.3.2000, p. 1) | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1) | Punt 7 biss ta' l-Anness III |

*ANNESS IV*

**Tabella ta’ korrelazzjoni**

| Regolament (KEE) Nru 737/90 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1, kliem tal-bidu | Artikolu 1, kliem tal-bidu |
| Artikolu 1, l-ewwel inċiż | Artikolu 1(a) |
| Artikolu 1, it-tieni inċiż | Artikolu 1(b) |
| Artikolu 1, it-tielet inċiż | Artikolu 1(ċ) |
| Artikolu 1, ir-raba’ inċiż | Artikolu 1(d) |
| Artikolu 1, il-ħames inċiż | — |
| Artikolu 2 | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 3, l-ewwel sentenza | — |
| Artikolu 3, it-tieni sentenza | Artikolu 2(2), introduzzjoni |
| Artikolu 3, l-ewwel u t-tieni inċiż | Artikolu 2(2) (a) u (b) |
| Artikolu 4(1), l-ewwel, it-tieni u t-tielet sentenza | Artikolu 3(1), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafu |
| Artikolu 4(2), l-ewwel u t-tieni sentenza | Artikolu 3(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 5, l-ewwel u t-tieni sentenza | Artikolu 3(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 6 | Artikolu 4 |
| Artikolu 7(1) u (2) | Artikolu 5(1) u (2) |
| Artikolu 7(3) | — |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 8, l-ewwel paragrafu | Artikolu 7, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 8, it-tieni paragrafu, kliem tal-bidu | Artikolu 7, it-tieni paragrafu, kliem tal-bidu |
| Artikolu 8, it-tieni paragrafu, punt 1 | Artikolu 7, it-tieni paragrafu, (a) |
| Artikolu 8, it-tieni paragrafu, punt 2 | Artikolu 7, it-tieni paragrafu, (b) |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II |
| — | Anness III |
| — | Anness IV |

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 734/2008

## tal-15 ta’ Lulju 2008

## dwar il-protezzjoni ta’ ekosistemi marini vulnerabbli f’ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena ta’ l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ

IL-KUNSILL TA’ L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta’ l-10 ta’ Diċembru 1982 rigward il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Ħażniet ta’ Ħut Transżonali u Ħażniet ta’ Ħut Migratorju Ħafna. Dawn l-istrumenti internazzjonali jistabbilixxu d-dmir ta’ l-Istati li jikkooperaw fil-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin ta’ l-ibħra internazzjonali, u jistipulaw li din il-kooperazzjoni għandha tkun segwita direttament mill-Istati permezz ta’ organizzazzjonijiet jew arranġamenti reġjonali jew sottoreġjonali xierqa għall-ġestjoni tas-sajd.

(2) In-nuqqas ta’ organizzazzjoni jew arranġament reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd ma jeżentax lill-Istati mill-obbligu tagħhom skond il-Liġi tal-Baħar li jadottaw fir-rigward taċ-ċittadini tagħhom dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin ta’ l-ibħra internazzjonali, inkluża l-protezzjoni ta’ l-ekosistemi marini vulnerabbli mill-effetti ħżiena ta’ l-attivitajiet tas-sajd.

(3) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta’ l-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd skond il-politika komuni dwar is-sajd ([2]) jipprevedi li l-politika komuni dwar is-sajd għandha tapplika l-approċċ prekawzjonali fit-teħid ta’ miżuri li jimminimizzaw l-impatt ta’ l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi marini. L-Artikolu 7 ta’ l-istess Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi dwar miżuri ta’ emerġenza fuq talba ssostanzjata minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jekk ikun hemm evidenza ta’ theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, jew għall-ekosistema marina b’riżultat ta’ attivitajiet tas-sajd u li tkun teħtieġ azzjoni immedjata.

(4) Il-Komunità hija impenjata favur il-konservazzjoni ta’ l-ekosistemi marini bħalma huma skollijiet, muntanji tal-baħar, qroll tal-baħar fond, bokok idrotermali u qigħan ta’ l-isponoż. Teżisti informazzjoni xjentifika abbundanti li turi li l-integrità ta’ dawn l-ekosistemi hija mhedda minn attivitajiet tas-sajd li jużaw irkaptu tal-qiegħ. Il-Komunità diġà adottat miżuri biex tagħlaq għas-sajd tal-qiegħ iż-żoni fl-ibħra Komunitarji li fihom jinsabu dawn l-ekosistemi. Hi kienet strumentali wkoll fl-adozzjoni ta’ miżuri simili fl-ibħra internazzjonali fiż-żoni tal-kompetenza ta’ l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd eżistenti kollha li għandhom il-poter li jirregolaw is-sajd tal-qiegħ. Hi kkontribwixxiet ukoll b’mod attiv għat-twaqqif ta’ organizzazzjonijiet jew arranġamenti ġodda bil-ħsieb li jkun hemm kopertura sħiħa ta’ l-oċeani tad-dinja permezz ta’ reġimi xierqa reġjonali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tas-sajd. Madankollu, hemm ċerti żoni fl-ibħra internazzjonali fejn it-twaqqif ta’ korp bħal dan għalihom jiltaqa’ ma’ diffikultajiet sinifikanti.

(5) Bir-Riżoluzzjoni 61/105 ta’ l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata fit-8 ta’ Diċembru 2006, il-komunità internazzjonali qablet dwar il-ħtieġa urġenti li jiġu adottati miżuri għall-ħarsien ta’ l-ekosistemi marini vulnerabbli mill-effetti distruttivi ta’ l-attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ permezz ta’ regolamentazzjoni stretta ta’ dawk l-attivitajiet minn organizzazzjonijiet jew arranġamenti reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd jew mill-Istati fir-rigward tal-bastimenti bil-bandiera tagħhom li jkunu qed joperaw f’żoni fejn ma tkunx twaqqfet tali organizzazzjoni jew arranġament.

L-Assemblea Ġenerali pprovdiet gwida dwar it-tip ta’ miżuri li għandhom jiġu adottati għal dan il-għan. Il-ħidma mwettqa fi ħdan il-FAO biex ikunu żviluppati linji gwida dwar il-ġestjoni ta’ dawn l-attivitajiet tas-sajd fil-qafas tal-Kodiċi tal-Kondotta għal Sajd Responsabbli hija wkoll ta’ rilevanza kbira għad-disinn u l-adozzjoni ta’ tali miżuri, kif ukoll għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri.

([1]) Opinjoni ta’ l-4 ta’ Ġunju 2008 (għadha mhix ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

(6) Il-Komunità għandha flotta mdaqqsa li twettaq sajd tal-qiegħ f'żoni mhux irregolati minn organizzazzjoni jew arranġament reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd bil-kompetenza li tirregola tali attivitajiet tas-sajd u li għalihom mhux mistenni li titwaqqaf tali organizzazzjoni jew arranġament fi żmien qasir. Mingħajr preġudizzju għall-isforzi kontinwi biex jiġu rrimedjati dawn in-nuqqasijiet fil-kopertura li għad baqa' fis-sistema tar-regolamentazzjoni internazzjonali tas-sajd, il-Komunità għandha twettaq l-obbligi tagħha skond il-liġi tal-baħar fejn tidħol il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin marini f'dawn iż-żoni u għandha għalhekk tadotta miżuri xierqa fir-rigward ta' dawn il-flotot. Fit-twettiq ta' dan, il-Komunità għandha taġixxi skond il-gwida pprovduta mill-Assemblea Ġenerali fir-Riżoluzzjoni 61/105.

(7) Komponent ewlieni tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Assemblea Ġenerali huma l-miżuri "… biex jivvalutaw, abbażi ta' l-aqwa informazzjoni xjentifika disponibbli, jekk l-attivitajiet individwali tas-sajd tal-qiegħ ikollhomx impatti ħżiena sinifikanti fuq l-ekosistemi marini vulnerabbli, u biex jiġi żgurat li f'każ li jitqies li dawn l-attivitajiet ikun se jkollhom impatti ħżiena sinifikanti, huma jiġu ġestiti b'mod li jipprevjeni tali impatti, jew ma jiġux awtorizzati jkomplu".

(8) L-implimentazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni titlob li l-bastimenti tas-sajd ikkonċernati jiġu awtorizzati li jistadu taħt permess speċjali tas-sajd maħruġ skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd ([1]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2943/95 ta' l-20 ta' Diċembru 1995 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 ([2]). Barra minn dan, il-ħruġ u l-validità ta' tali permessi għandhom ikunu soġġetti għal kondizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw li l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd awtorizzati jkun ġie vvalutat kif suppost u li t-twettiq ta' l-operazzjonijiet tas-sajd ikunu konformi ma' din il-valutazzjoni.

(9) L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Assemblea Ġenerali titlob ukoll miżuri rilevanti ta' monitoraġġ biex tkun żgurata l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-ħruġ tal-permessi. Dawn jinkludu osservaturi abbord u dispożizzjonijiet speċifiċi rigward it-tħaddim ta' Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti bis-satellita biex jiġu indirizzati okkorrenzi ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjoni tas-sistema, oltre dawk imsemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-Sistemi ta' Sorveljanza tal-Bastimenti bbażata fuq satellita ([3]).

([1]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.
([2]) ĠU L 308, 21.12.1995, p. 15.
([3]) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

(10) L-identifikazzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'żoni mhux irregolati minn organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd hija ħidma li għadha qed issir u l-informazzjoni xjentifika f'dan ir-rigward hija relattivament limitata. Għal din ir-raġuni, huwa imperattiv li jiġi pprojbit l-użu ta' l-irkaptu tal-qiegħ f'żoni li ma jkunux ġew soġġetti għal valutazzjoni xjentifika għar-riskji ta' impatti avversi sinifikanti li dawn l-attivitajiet ta' sajd jista' jkollhom fuq ekosistemi marini vulnerabbli.

(11) Il-ksur ta' kondizzjonijiet speċifiċi bħal dawk marbuta ma' żoni li ma jkunux ġew ivvalutati, it-tħaddim tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti u t-trasferiment ta' l-attivitajiet lejn żona oħra f'każ ta' skoperta imprevista ta' xi ekosistema marina vulnerabbli jista' jwassal għal ħsara irreparabbli f'tali ekosistemi u jistħoqqlu għaldaqstant li jiġi inkluż fil-lista ta' infrazzjonijiet serji fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999 ta' l-24 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi lista tal-modi ta' mġiba li jiksru serjament ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd ([4]).

(12) Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali hija rregolata bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([5]), li huwa applikabbli fl-intier tiegħu għall-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tas-soġġetti tad-*data* għall-aċċess, ir-rettifika, l-imblukkar u t-tħassir ta' *data* u notifika lil partijiet terzi, li bħala konsegwenza ma ġewx speċifikati aktar f'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji li jkunu qed iwettqu attivitajiet tas-sajd b'irkaptu tal-qiegħ f'ibħra internazzjonali.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji li joperaw fiż-żoni:

(a) taħt ir-responsabbiltà ta' organizzazzjoni jew arranġament reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd bil-kompetenza li jirregola tali attivitajiet tas-sajd;

([4]) ĠU L 167, 2.7.1999, p. 5.
([5]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(b) li fir-rigward tagħhom ikun għaddej proċess għall-istabbiliment ta' organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd; fejn il-parteċipanti f'tali proċess ikunu qablu dwar miżuri interim għall-ħarsien ta' l-ekosistemi marini vulnerabbli mill-impatti distruttivi li jirriżultaw mill-użu ta' rkaptu tal-qiegħ.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ekosistema marina" tfisser kumpless dinamiku ta' komunitajiet ta' pjanti, annimali u mikro-organiżmi u l-ambjent abijotiku tagħhom f'interazzjoni bħala unità funzjonali;

(b) "ekosistema marina vulnerabbli" tfisser kull ekosistema marina li l-integrità tagħha (jiġifieri, l-istruttura jew il-funzjoni ta' l-ekosistema) hija, skond l-aqwa informazzjoni xjentifika disponibbli u l-prinċipju prekawzjonali, mhedda minn impatti avversi sinifikanti li jirriżultaw mill-kuntatt fiżiku ma' l-irkaptu tal-qiegħ waqt attivitajiet normali tas-sajd, inklużi inter alia skollijiet, muntanji tal-baħar, bokok idrotermali, qroll tal-baħar kiesaħ jew qigħan ta' sponoż tal-baħar kiesaħ. L-ekosistemi l-aktar vulnerabbli huma dawk li jiġu imfixkla faċilment u li barra minn hekk jirkupraw bil-mod ħafna, jew jistgħu ma jirkupraw qatt;

(ċ) "impatti avversi sinifikanti" tfisser impatti (evalwati individwalment, flimkien jew b'mod kumulattiv) li jikkompromettu l-integrità ta' ekosistema b'mod li jfixkel il-kapaċità tal-popolazzjonijiet affettwati milli jissostitwixxu lilhom infushom u li jiddegrada l-produttività naturali fit-tul tal-abitats, jew jikkawża fuq bażi aktar minn temporanja telf sinifikanti tar-rikkezza, l-abitat u t-tipi komunitarji ta' l-ispeċi;

(d) "irkaptu tal-qiegħ" tfisser irkapti użati waqt attivitajiet normali tas-sajd f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar, inklużi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, gangmi, għeżul tal-qiegħ, konzijiet tal-qiegħ, u nases.

*Artikolu 3*

**Permess speċjali tas-sajd**

1. Sabiex iwettqu l-attivitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-bastimenti tas-sajd Komunitarji għandu jkollhom permess speċjali tas-sajd.

2. Il-permess speċjali tas-sajd għandu jinħareġ skond ir-Regolament (KE) Nru 1627/94 u jkun soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Kondizzjonijiet tal-ħruġ**

1. L-applikazzjonijiet għal permess speċjali tas-sajd previst fl-Artikolu 3(1) għandhom ikunu akkumpanjati minn pjan dettaljat tas-sajd li jispeċifika b'mod partikolari:

(a) iż-żona prevista ta' l-attivitajiet,

(b) l-ispeċi mmirati,

(ċ) it-tip ta' rkaptu u l-fond li fih ikun se jintuża, u

(d) il-konfigurazzjoni tal-profil batimetriku ta' qiegħ il-baħar fit-territorji tas-sajd li fihom isiru l-attivitajiet, meta din l-informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-Bandiera kkonċernat.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu permess speċjali tas-sajd wara li jkunu għamlu valutazzjoni ta' l-impatti potenzjali ta' l-attivitajiet tas-sajd li bi ħsiebu jagħmel il-bastiment u jkunu kkonkludew li tali attivitajiet mhux probabbli li jħallu impatti ħżiena sinifikanti fuq l-ekosistemi marini vulnerabbli.

3. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu fuq l-aqwa informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli dwar iż-żona ta' l-ekosistemi marini vulnerabbli fiż-żoni fejn il-bastimenti tas-sajd ikkonċernati jkollhom il-ħsieb li joperaw. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi, fejn tkun disponibbli, *data* xjentifika li abbażi tagħha tkun tista' tiġi stmata l-probabbiltà ta' l-okkorrenza ta' dawn l-ekosistemi. Il-proċess ta' valutazzjoni għandu jinkludi elementi adegwati ta' reviżjoni xjentifika indipendenti bejn il-pari.

4. L-evalwazzjoni tar-riskju ta' impatti avversi sinifikanti fuq ekosistemi marini vulnerabbli li ssir taħt il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tqis, skond kif ikun opportun, il-kondizzjonijiet li jvarjaw prevalenti fiż-żoni fejn l-attivitajiet tas-sajd bl-irkaptu tal-qiegħ huma stabbiliti sew u f'żoni fejn dawn l-attivitajiet tas-sajd ma seħħewx jew iseħħu okkażjonalment.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw kriterji prekawzjonali fit-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. F'każ ta' dubju dwar jekk l-impatti ħżiena humiex sinifikanti jew le, huma għandhom iqisu li l-impatti ħżiena probabbli li jirriżultaw mill-pariri xjentifiċi mogħtija huma sinifikanti.

6. Fejn il-valutazzjoni tikkonkludi li l-attivitajiet imwettqa skond il-pjan tas-sajd ippreżentat jistgħu jirriżultaw f'impatti ħżiena sinifikanti fuq l-ekosistemi marini vulnerabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jispeċifikaw ir-riskji vvalutati u jippermettu lill-applikant jemenda l-pjan tas-sajd biex jevitahom. Fin-nuqqas ta' tali emendi, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx joħorġu l-permess speċjali mitlub tas-sajd.

*Artikolu 5*

**Kondizzjonijiet tal-validità**

1. Il-permess speċjali tas-sajd previst fl-Artikolu 3(1) għandu jagħmel b'mod espliċitu l-fatt li l-attivitajiet tas-sajd imwettqa taħtu għandhom jikkonformaw f'kull ħin mal-pjan tas-sajd ippreżentat skond l-Artikolu 4(1).

2. Fejn ċirkostanzi barra l-kontroll tal-persuna responsabbli mill-operazzjonijiet tal-bastiment ikunu jeħtieġu bidla fil-pjani ppreżentati, il-persuna responsabbli mill-operazzjonijiet tal-bastiment għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti bla dewmien, u tindika l-modifiki li bi ħsiebha tagħmel fil-pjan oriġinali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw dawn il-modifiki u ma għandhomx jawtorizzawhom jekk jimplikaw rilokazzjoni ta' l-attivitajiet lejn żoni fejn jinsabu jew x'aktarx jinsabu ekosistemi vulnerabbli marini.

3. In-nuqqas ta' konformità mal-pjan tas-sajd previst fl-Artikolu 4(1) f'ċirkostanzi għajr dawk speċifikati fil-paragrafu (2) għandu jwassal għall-irtirar mill-Istat tal-bandiera tal-permess speċjali tas-sajd maħruġ lill-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

*Artikolu 6*

**Żoni li ma jkunux ġew ivvalutati**

1. Fiż-żoni fejn l-ebda valutazzjoni xjentifika proprja ma tkun saret u ġiet magħmula disponibbli, l-użu ta' rkaptu tas-sajd tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit. Din il-projbizzjoni għandha tkun soġġetta għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament prevista fl-Artikolu 13.

2. L-attivitajiet ta' sajd tal-qiegħ għandhom ikunu permessi taħt il-kundizzjonijiet imniżżla f'dan ir-Regolament fejn din il-valutazzjoni xjentifika turi li l-ekosistemi marini vulnerabbli ma jkunux f'riskju.

*Artikolu 7*

**Skoperta imprevista ta' ekosistemi marini vulnerabbli**

1. Fejn, waqt l-operazzjonijiet tas-sajd, bastiment tas-sajd jiskopri ekosistema marina vulnerabbli, hu għandu jieqaf jistad immedjatament, jew ma jistadx fis-sit ikkonċernat. Dan għandu jissokta bl-operazzjonijiet tiegħu biss meta jkun wasal f'sit alternattiv f'distanza minima ta' 5 mili nawtiċi lil hinn mis-sit li fih ikun iltaqa' maż-żona prevista fil-pjan tas-sajd tiegħu previst fl-Artikolu 4(1).

2. Jekk jerġa' jiltaqa ma' ekosistema marina vulnerabbli oħra fis-sit alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-bastiment għandu jibqa' jbiddel il-pożizzjoni tiegħu skond ir-regoli mniżżlin f'dak il-paragrafu sakemm jintlaħaq sit fejn ma jkun hemm l-ebda ekosistema vulnerabbli marina.

3. Il-bastiment tas-sajd għandu jirrapporta kull skoperta ta' ekosistema vulnerabbli marina lill-awtoritajiet kompetenti bla dewmien, u jagħti informazzjoni preċiża dwar in-natura, il-lokalizzazzjoni, il-ħin u kull ċirkostanza oħra rilevanti dwar din l-iskoperta.

*Artikolu 8*

**Għeluq ta' żoni**

1. Abbażi ta' l-aqwa informazzjoni xjentifika disponibbli dwar l-okkorrenza jew dwar il-probabbiltà ta' l-okkorrenza ta' ekosistemi marini vulnerabbli fir-reġjun ta' l-operazzjonijiet tal-bastimenti tas-sajd tagħhom, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw iż-żoni li għandhom jingħalqu għas-sajd bl-irkaptu tal-qiegħ. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw dan l-għeluq mingħajr dewmien fir-rigward tal-bastimenti tagħhom u jgħarrfu immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan l-għeluq. Il-Kummissjoni għandha tiċċirkola n-notifika lill-Istati Membri kollha mingħajr dewmien.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-Kummissjoni għandha, kif ikun xieraq, tippreżenta proposti lill-Kunsill skond l-Artikolu 37 tat-Trattat għall-adozzjoni ta' miżuri Komunitarji biex jiġi implimentat l-għeluq ta' żoni, kemm abbażi ta' l-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri jew fuq inizjattiva tagħha stess.

*Artikolu 9*

**Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti**

1. Minkejja l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003, fl-eventwalità ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' funzjonament ta' l-apparat ta' lokalizzazzjoni bis-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd, il-kaptan tal-bastiment għandu jirrapporta l-pożizzjoni ġeografika tiegħu lill-Istat Membru tal-bandiera kull sagħtejn.

2. Wara li jirritorna mill-vjaġġ fuq il-baħar, il-bastiment m'għandux jerġa' jħalli l-port qabel ma l-apparat ta' lokalizzazzjoni bis-satellita ma jkunx qed jaħdem għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 10*

**Infrazzjonijiet serji**

1. Kwalunkwe attività tas-sajd li titwettaq mill-ħin li l-bastiment jiżvija mill-pjan tas-sajd tiegħu f'ċirkostanzi għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 5(2) għandu jitqies bħala sajd mingħajr permess tas-sajd u għaldaqstant bħala mġiba li tikser b'mod serju r-regoli tal-politika komuni dwar is-sajd.

2. Każijiet ripetuti ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7 u 9 għandhom jitqiesu bħala mġiba li tikser serjament r-regoli tal-politika komuni dwar is-sajd.

*Artikolu 11*

**Osservaturi**

1. L-osservaturi għandhom ikunu abbord il-bastimenti kollha li jinħarġilhom permess speċjali tas-sajd previst fl-Artikolu 3(1). L-osservaturi għandhom josservaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment tul it-twettiq tal-pjan tas-sajd tiegħu previst fl-Artikolu 4(1).

L-għadd ta' osservaturi li jkopru l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd għandu jiġi rrivedut fit-30 ta' Lulju 2009.

2. L-osservatur għandu:

(a) jirreġistra b'mod indipendenti, fl-istess format bħal dak użat fil-ġurnal ta' abbord, l-informazzjoni dwar il-qabda prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll applikabbli għall-politika komuni dwar is-sajd ([1]);

(b) jirreġistra kull każ ta' bidla fil-pjan tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 5(2);

(ċ) jirreġistra kull laqgħa imprevista ma' ekosistemi marini vulnerabbli msemmijin fl-Artikolu 7, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni li tista' tkun utli għall-protezzjoni tas-sit;

(d) jirreġistra l-livelli ta' fond li fihom jintuża l-irkaptu;

(e) jippreżenta rapport lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat fi żmien 20 jum mit-tmiem tal-perijodu ta' osservazzjoni. Kopja ta' dan ir-rapport għandha tintbagħat lill-Kummissjoni, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi t-talba bil-miktub.

3. L-osservatur m'għandux ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) qarib tal-kaptan tal-bastiment jew ta' xi uffiċjal ieħor li jkun jaħdem fuq il-bastiment li fuqu jkun assenjat l-osservatur;

(b) impjegat tal-kaptan tal-bastiment li għalih jiġi assenjat;

(ċ) impjegat tar-rappreżentant tal-kaptan;

(d) impjegat ta' kumpanija kkontrollata mill-kaptan jew ir-rappreżentant tiegħu;

(e) qarib tar-rappreżentant tal-kaptan.

*Artikolu 12*

**Informazzjoni**

1. Safejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull semestru tas-sena kalendarja fi żmien tliet xhur mill-iskadenza ta' dak is-semestru tas-sena kalendarja, rapport dwar:

(a) minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-qabdiet mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu (1), stabbiliti abbażi ta' l-informazzjoni rreġistrata fil-ġurnali ta' abbord, inklużi entrati kompleti tal-ġranet tas-sajd barra l-port u r-rapporti ppreżentati mill-osservaturi, imqassmin fuq kull tliet xhur tas-sena kalendarja, skond it-tip ta' rkaptu u skond l-ispeċi;

(b) il-konformità mal-pjan tas-sajd u mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 7 u 8 mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1(1) u l-miżuri meħuda biex jirrimedjaw u jissanzjonaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità u infrazzjonijiet serji kif imsemmija fl-Artikolu 10;

(ċ) l-implimentazzjoni min-naħa tagħhom ta' l-Artikolu 8.

2. Ir-rapporti ppreżentati skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu akkumpanjati mill-valutazzjonijiet kollha ta' impatt imwettqa mill-Istat Membru kkonċernat skond l-Artikolu 4(2) matul il-perijodu ta' sitt xhur irrappurtat.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblikament disponibbli l-informazzjoni li tirċievi kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2, *inter alia* permezz tal-FAO, u għandha tittrasmettiha wkoll mingħajr dewmien lill-korpi xjentifiċi rilevanti kif ukoll lill-Istati Membri meta jitolbu dan.

([1]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11), ikkoreġut bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

*Artikolu 13*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament qabel it-30 ta' Ġunju 2010. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat fejn ikun meħtieġ bi proposti għall-emendar ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARNIER

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 735/2008**

**tad-29 ta’ Lulju 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta’ l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta’ l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta’ Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta’ Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 590/2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 24).

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 28,9 |
| | TR | 74,2 |
| | XS | 29,6 |
| | ZZ | 44,2 |
| 0707 00 05 | MK | 27,4 |
| | TR | 106,2 |
| | ZZ | 66,8 |
| 0709 90 70 | TR | 97,2 |
| | ZZ | 97,2 |
| 0805 50 10 | AR | 84,2 |
| | US | 62,5 |
| | UY | 59,6 |
| | ZA | 89,4 |
| | ZZ | 73,9 |
| 0806 10 10 | CL | 58,0 |
| | EG | 144,2 |
| | IL | 145,6 |
| | TR | 123,9 |
| | ZZ | 117,9 |
| 0808 10 80 | AR | 95,1 |
| | BR | 101,6 |
| | CL | 97,9 |
| | CN | 87,4 |
| | NZ | 115,6 |
| | US | 107,9 |
| | ZA | 88,2 |
| | ZZ | 99,1 |
| 0808 20 50 | AR | 67,9 |
| | CL | 88,3 |
| | NZ | 97,1 |
| | TR | 156,5 |
| | ZA | 100,6 |
| | ZZ | 102,1 |
| 0809 10 00 | TR | 172,1 |
| | US | 186,2 |
| | ZZ | 179,2 |
| 0809 20 95 | CA | 388,4 |
| | TR | 449,8 |
| | US | 433,2 |
| | ZZ | 423,8 |
| 0809 30 | TR | 143,6 |
| | ZZ | 143,6 |
| 0809 40 05 | BA | 82,7 |
| | IL | 116,4 |
| | TR | 115,5 |
| | XS | 66,2 |
| | ZZ | 95,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 736/2008

## tat-22 ta' Lulju 2008

## dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lil ċerti kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali [għajnuna orizzontali mill-Istat] ([1]), u partikolarment l-Artikolu 1(1)(a)(i) tiegħu,

Wara liġie ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ([2]),

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 994/98 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tiddikjara, skond l-Artikolu 87 tat-Trattat, li taħt ċerti kundizzjonijiet, għajnuna lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SME") hija kompatibbli mas-suq komuni u mhux suġġetta għar-rekwiżiti tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat lill-impriżi [impriżi] żgħar u ta' daqs medju ([3]) ma japplikax għall-attivitajiet marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ([4]).

(3) Il-Kummissjoni applikat l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat f'għadd kbir ta' deċiżjonijiet għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u wkoll iddikjarat il-politika tagħha, l-aktar riċenti fil-Linji ta' Gwida għall-eżaminar ta' l-għajnuna mill-Istat għas-sajd u għall-akkwakultura ([5]) (minn issa 'l quddiem "Il-Linji ta' Gwida dwar is-Sajd"). Fid-dawl ta' l-esperjenza konsiderevoli li għandha l-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dawk l-Artikoli għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd, jixraq li, bil-għan li tiġi assigurata s-superviżjoni effiċjenti u li tiġi simplifikata l-amministrazzjoni mingħajr ma ddgħajjef il-monitoraġġ tal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni għandha tuża effettivament is-setgħat mogħtija lilha permezz tar-Regolament (KE) Nru 994/98 anki għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd, safejn l-Artikolu 89 tat-Trattat ġie ddikjarat li hu applikabbli għal dawn il-prodotti.

(4) Il-kompatibbilità ta' l-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd hija vvalutata mill-Kummissjoni abbażi ta' l-għanijiet kemm tal-Politika tal-Kompetizzjoni u tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

(5) Dan ir-Regolament għandu jkopri t-tipi ta' għajnuna mogħtija fis-settur tas-sajd li ġew approvati sistematikament mill-Kummissjoni għal ħafna snin. Din l-għajnuna ma tirrikjedix li l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni każ b'każ dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni, dejjem jekk tikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kusill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([6]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007 tas-26 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([7]) u ma' ċerti kundizzjonijiet oħra. Minkejja li r-Regolament (KE) Nru 1198/2006 ilu fis-seħħ biss mill-4 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni, abbażi tal-Linji ta' Gwida għas-Sajd eżistenti, kisbet biżżejjed esperjenza biex tapplika kundizzjonijiet simili għat-tip ta' miżuri konċernati sabiex tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet ta' dak ir-Regolament huma preċiżi biżżejjed biex jiġġustifikaw li m'hemmx bżonn ta' valutazzjoni għal kull każ.

(6) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għall-possibilità li l-Istati Membri jinnotifikaw għajnuna lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jkunu attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd. Tali notifiki għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fid-dawl ta' dan ir-Regolament u abbażi tal-Linji ta' Gwida għas-Sajd.

([1]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.
([2]) ĠU C 248, 23.10.2007, p. 13.
([3]) ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1976/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85).
([4]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22, Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3.).
([5]) ĠU C 229, 14.9.2004, p. 5.
([6]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.
([7]) ĠU L 120, 10.5.2007, p. 1.

(7) L-għajnuna li Stati Membri għandhom l-intenzjoni jagħtu fis-settur tas-sajd iżda li ma taqax fl-iskop ta' dan ir-Regolament, jew ta' Regolamenti oħra adottati in segwitu għall-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98, għandha tibqa' suġġetta għal ħtieġa ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat. Dik l-għajnuna se tiġi evalwata fid-dawl ta' dan ir-Regolament u l-Linji ta' Gwida dwar is-Sajd.

(8) Dan ir-Regolament għandu jeżenta kull għajnuna li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li jistipula u kwalunwke skema ta' għajnuna, bil-kundizzjoni li kwalunkwe għajnuna li setgħet tingħata taħt tali skema tissodisfa l-ħtiġijiet rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament. Għotjiet individwali allokati taħt skema ta' għajnuna u għajnuniet ad hoc għandu jkollhom fihom referenza speċifika għal dan ir-Regolament.

(9) Fl-interessi tal-koerenza ma' miżuri ta' appoġġ iffinanzjati mill-Komunità, l-ogħla livelli ta' għajnuna koperti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu ugwali għal dawk iffissati għall-istess tip ta' għajnuna fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

(10) Huwa essenzjali li ma tingħata l-ebda għajnuna f'ċirkostanzi fejn ta' nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-Komunità, u b'mod partikolari mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għalhekk l-għajnuna fis-settur tas-sajd tista' tingħata biss minn Stat Membru jekk il-miżuri ffinanzjati u l-effetti tagħhom jikkonformaw mal-liġi Komunitarja. Qabel ma jagħtu kwalunkwe għajnuna, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-benefiċjarji ta' l-għajnuna mill-Istat jikkonformaw mar-regoli dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

(11) Bil-għan li jiġi żgurat li l-għajnuna tkun proporzjonata u limitata għall-ammont neċessarju, il-limiti għandhom, kull meta jkun possibbli, jiġu espressi f'termini ta' intensitajiet ta' għajnuna b'relazzjoni għal sett ta' spejjeż eliġibbli. Bil-għan li jiġu kkalkulati l-intensitajiet ta' l-għajnuna, l-għajnuna pagabbli f'diversi kambjali għandha tiġi skontata għall-valur tagħha meta tingħata. Ir-rata ta' interessi li trid tintuża għal finijiet ta' għoti ta' skont u biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' għajnuna f'għajnuna li mhix forma ta' għotja, għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli meta tingħata l-għotja, kif stipulat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' skont ([1]).

(12) Fid-dawl tal-ħtieġa li jinstab il-bilanċ xieraq bejn il-minimizzar tax-xkiel għall-kompetizzjoni fis-settur megħjun u l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, m'għandux jeżenta għotjiet individwali li jaqbżu ammont massimu stabbilit, kemm jekk magħmula taħt skema ta' għajnuna enżetata minn dan ir-Regolament u kemm jekk le.

(13) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal attivitajiet marbuta ma' l-esportazzjoni jew l-għajnuna li tiffavorixxi prodotti domestiċi fuq prodotti importati. B'mod partikolari, m'għandux japplika għall-għajnuna li tiffinanzja l-istabbiliment u l-operat ta' netwerk ta' distribuzzjoni f'pajjiżi oħra. L-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ispiża tal-parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali, jew għal servizzi ta' studji jew konsulenza meħtieġa biex tniedi prodott ġdid jew eżistenti f'suq ġdid normalment m'għandhiex tikkostitwixxi għajnuna għall-importazzjoni.

(14) Għajnuna mogħtija lill-impriżi f'diffikultà skond l-ambitu tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-kumpaniji f'diffikultà ([2]) għandhom jiġu vvalutati taħt dawk il-linji gwida sabiex tiġi evitata ċ-ċirkumvenzjoni tagħhom. Għalhekk, għajnuniet lil impriżi ta' dan it-tip għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, fl-għoti ta' għajnuna koperta minn dan ir-Regolament, id-definizzjoni ta' x'għandu jitqies bħala impriża f'diffikulta għandha tiġi simplifikata meta mqabbla mad-definizzjoni użata f'dawk il-Linji ta' Gwida. Barra minn hekk, l-SMEs li jkunu ilhom li twaqqfu għal inqas minn tliet snin m'għandhomx jitqiesu li huma f'diffikultà f'dan il-perjodu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament sakemm ma jissodisfawx il-kriterji taħt il-liġi domestika tagħhom bħala s-suġġett ta' proċeduri ta' insolvenza kollettiva. Dawn is-simplifikazzjonijiet m'għandhomx jippreġudikaw il-kwalifikazzjoni ta' dawn l-SME fil-kuntest ta' dawk il-Linji ta' Gwida fir-rigward ta' għajnuna li ma tkunx koperta minn dan ir-Regolament li tibqa' soġġetta għad-definizzjoni sħiħa pprovduta f'dawk il-Linji Gwida.

(15) Il-Kummissjoni trid tiżgura li għajnuna awtorizzata ma tbiddilx il-kundizzjonijiet tan-negozju b'mod kuntrarju għall-interess ġenerali. Għalhekk, l-għajnuna lil xi benefiċarju li hi soġġetta għal ordni ta' rkupru li nhareġ wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, għandha tiġi eskluża mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Bħala konsegwenza, kwalunkwe għajnuna *ad hoc* mogħtija lil dan il-benefiċjarju, kwalunkwe skema ta' għajnuna li ma jkunx fiha dispożizzjoni li speċifikament teskludi dawn il-benefiċjarji tibqa' soġġetta għar-rekwiżiti tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tolqot l-aspettativi leġittimi ta' benefiċjarji ta' skemi ta' għajnuna li mhumiex suġġetti għal ordnijiet ta' rkupru pendenti.

(16) Sabiex jiġu eliminati d-differenzi li jistgħu jwasslu għal xkiel fil-kompetizzjoni u tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni bejn l-inizjattivi differenti tal-Komunità u dawk nazzjonali li jikkonċernaw l-SMEs, id-definizzjoni ta' "impriżi żgħar u ta' daqs medju" użata f'dan ir-Regolament għandha tkun dik stipulata fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 70/2001.

([1]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

([2]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

(17) Għall-finijiet ta’ trasparenza, trattament ugwali u monitoraġġ effettiv, dan ir-Regolament għandu japplika biss għal għajnuna li tkun trasparenti. L-għajnuna trasparenti hija l-għajnuna li għaliha tista’ tiġi kkalkulata b’mod preċiż l-għotja globali ekwivalenti ex ante mingħajr il-ħtieġa ta’ evalwazzjoni tar-riskju. Għajnuna fil-forma ta’ self, b’mod partikolari, għandha titqies bħala trasparenti fejn l-ekwivalenti gross f’għotjiet ikun ġie kkalkulat fuq il-bażi tar-rata ta’ referenza kif stipulat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta’ referenza u ta’ skont ([1]). L-għajnuna magħmula minn miżuri fiskali għandha titqies bħala trasparenti meta l-miżuri jipprovdu għall-iffissar ta’ limitu li jassigura limitu applikabbli ma jinqabiżx.

(18) Għajnuna inkluża fi skemi ta’ garanzija għandha titqies bħala trasparenti meta l-metodoloġija għall-kalkoli ta’ l-ekwivalenti gross f’għotjiet tkun ġiet approvata wara notifika ta’ din il-metodoloġija lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni teżamina dawn in-notifiki abbażi tan-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta’ l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta’ garanziji ([2]). Għajnuna inkluża fi skemi ta’ garanzija għandha titqies bħala trasparenti ukoll meta l-benefiċjarju jkun SME u l-ekwivalenti gross f’għotjiet jkun ġie kkalkulati fuq il-bażi tal-primjums fil-limitu ta’ eżenzjoni stipulati fit-Taqsimiet 3.3 u 3.5 ta’ dak l-Avviż.

(19) Minħabba d-diffikultà fil-kalkolu ta’ l-ekwivalenti ta’ l-għotja f’għajnuna fil-forma ta’ self li jitħallas lura, din l-għajnuna m’għandhiex tkun koperta b’dan ir-Regolament, ħlief jekk l-ammont totali tas-self li jitħallas lura ikun inqas mil-limitu ta’ notifikazzjoni individwali applikabbli u l-massimu ta’ l-intensità ta’ l-għajnuna pprovduta skond dan ir-Regolament.

(20) Wara li jitqies l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, l-għajnuna normalment m’għandhiex ikollha biss l-effett li kontinwament jew perjodikament tnaqqas l-ispejjeż operattivi li l-benefiċjarju s-soltu jkollu jġarrab, u għandha tkun proporzjonata għall-iżvantaġġi li jridu jingħelbu sabiex jitħarsu l-benefiċċji soċjo-ekonomiċi meqjusa bħala fl-interess Komunitarju. Miżuri ta’ għajnuna mill-Istat li sempliċement jippruvaw itejbu l-qagħda finanzjarja tal-produtturi iżda li bl-ebda mod ma jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur, u b’mod partikolari għall-għajnuna li tingħata biss abbażi tal-prezz, kwantità, unità ta’ produzzjoni jew unità tal-mezzi ta’ produzzjoni jitqiesu li jikkostitwixxu l-għajnuna għat-tħaddim li huma inkompatibbli mas-suq komuni. Barra minn hekk, dik l-għajnuna x’aktarx tinterferixxi wkoll mal-mekkaniżmi ta’ l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq. Għalhekk jixraq li jiġi limitat l-ambitu ta’ dan ir-Regolament għal għajnuna fuq investimenti, kif ukoll għal għajnuna fuq ċerti miżuri soċjo-ekonomiċi.

(21) Sabiex jiġi assigurat li l-għajnuna hi meħtieġa u taġixxi bħala inċentiv biex jiġu żviluppati ċerti attivitajiet, dan ir-Regolament m’għandux japplika għall-għajnuna għal attivitajiet li fihom ikun diġà involva ruħu waħdu l-benefiċarju taħt kundizzjonijiet tas-suq. Dan l-inċentiv għandu jitqies preżenti meta, qabel jinbdew l-attivitajiet relatati ma’ l-implimentazzjoni tal-proġett jew ta’ l-attivitajiet megħjuna, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni lill-Istat Membru.

(22) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta’ notifika individwali u l-intensitajiet massimi ta’ għajnuna stabbiliti f’dan ir-Regolament ġewx rispettati, l-ammont totali ta’ appoġġ pubbliku għall-attività jew il-proġett assistit għandu jiġi kkunsidrat, mingħajr ma jiġi meqjus jekk dak l-appoġġ ikunx finanzjat minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Komunità.

(23) Dan ir-Regolament għandu jkopri l-għajnuna li ġejja: għajnuna għal twaqqif permanenti u temporanju ta’ l-attivitajiet tas-sajd, għajnuna għall-finanzjament ta’ miżuri soċjo-ekonomiċi, għajnuna għal investimenti produttivi fl-akkwakultura, għajnuna għal miżuri akkwa-ambjentali, għajnuna għal miżuri dwar is-saħħa pubblika u saħħet l-annimali, għajnuna għal sajd fil-magħluq, għajnuna għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u ta’ l-akkwakultura, għajnuna għal miżuri ta’ interess komuni li jiġu implimentati bl-appoġġ attiv ta’ l-operaturi nfushom jew minn organizzazzjonijiet li jaġixxu għannom tal-produtturi jew ta’ organizzazzjoni oħra rikonoxxuta mill-Istati Membri, għajnuna għal miżuri ta’ interess komuni maħsuba biex tipproteġi u tiżviluppa l-fawna u l-flora akkwatika filwaqt li ttejjeb l-ambjent akkwatiku, għajnuna għall-investimenti f’portijiet tas-sajd pubbliċi jew privati, postijiet ta’ żbark u kenn għas-sajd, għajnuna għal miżuri ta’ interess komuni intiżi biex tiġi implimentata politika ta’ kwalità u ta’ titjib fil-valur, żvilupp ta’ swieq ġodda jew kampanji promozzjonali għal prodotti tas-sajd u ta’ l-akkwakultura, għajnuna għal proġetti pilota, għajnuna għal modifikazzjoni għal assenjament mill-ġdid tal-bastimenti tas-sajd, u għajnuna għall-assistenza teknika.

(24) Meta l-eżenzjonijiet mit-taxxa pprovduti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta’ Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta’ enerġija u elettriku ([3]) jiġu applikat bl-istess mod għas-settur kollu tas-sajd, il-Kummissjoni tqis li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-settur u jaqdu l-interess komuni. Dawn l-eżenzjonijiet ġew applikati bl-istess mod mill-Istati Membri l-esperjenza fl-applikazzjoni ta’ dawn il-miżuri skond ir-Regolament (KE) Nru 1595/2004 wriet li m’affettwawx il-kundizzjonijiet tan-negozju b’mod negattiv u għenu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd billi jiżguraw kundizzjonijiet

([1]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.
([2]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.
([3]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/75/KE (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 100).

ekonomiċi u soċjali sostenibbli. Fid-dawl tat-trasparenza tal-miżura, bl-għajnuna kkalkulata fuq l-ammont reali ta' fjuwil li jintuża mill-bastiment, u wkoll jekk jitqies il-fatt li dan ir-regolament japplika biss għall-SMEs u li l-maġġoranza l-kbira ta' l-impriżi tas-sajd fl-Unjoni Ewropea huma SMEs (il-maġġoranza ta' l-impriżi jibbenefikaw minn dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa huma impriżi żgħar li għandhom biss bastiment wieħed), il-Kummissjoni tqis li miżuri bħal dawn ma jxekkluxwisq il-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kundizzjonijiet ta' kummerċ b'tali mod li jmorru kontra l-interess komuni. B'konsegwenza, eżenzjonijiet bħal dawn mit-taxxa għandhom, minkejja li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, jkunu dikjarati bħala kompatibbli mas-suq komuni u eżenti mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE bil-kundizzjoni li jaderixxu ma' dawk id-Direttivi u li jkunu aplikabbli għas-settur kollu tas-sajd. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu wkoll, f'ċerti kundizzjonijiet, jiddikjara bħala kompatibbli mas-suq komuni u eżenti mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, eżenzjonijiet mit-taxxa jew tnaqqis applikabbli għas-sajd fl-ilmijiet interni u xogħlijiet ta' pixxikultura li l-Istati Membri jistgħu jintroduċuhom skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

(25) Sabiex tiġi assigurata t-trasparenza u l-monitoraġġ effettiv, skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 994/98, jixraq li jiġi stabbilit format standard li fih l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni mqassra kull meta, skond dan ir-Regolament, tiġi implimentata xi skema ta' għajnuna jew għajnuna individwali. Il-Kummissjoni trid tagħti numru ta' identifikazzjoni lil kull miżura ta' għajnuna li tiġi kkomunikata lilha. Il-fatt li dak in-numru jingħata lil xi miżura ta' għajnuna ma jfissirx li l-Kummissjoni eżaminat jekk l-għajnuna tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Għalhekk hi ma toħloq l-ebda tamiet leġittimi għall-Istati Membri jew għall-benefiċjarju fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna ma' dan ir-Regolament.

(26) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-forma u l-kontenut tar-rapporti annwali li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jirrigwardaw ir-reġistri li għandhom jinżammu mill-Istati Membri fir-rigward ta' skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali eżentata minn dan ir-Regolament, f'konformità mar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 569/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

(27) Sabiex timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun ukoll f'pożizzjoni li tiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja mill-Istati Membri dwar il-miżuri implimentati taħt il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni dwar dawn il-miżuri ta' għajnuna fi żmien raġonevoli ta' skadenza, dan jista' jitqies bħala indikazzjoni li l-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhumiex jiġu rrispettati. Jekk Stat Membru jonqos milli jipprovdi informazzjoni li tippermetti li jsir monitoraġġ ta' xi miżuri ta' għajnuna dan jista' jwassal lill-Kummissjoni li tiddeċiedi li r-Regolament, jew il-parti relevanti tar-Regolament, għandha tkun irtirata fir-rigward ta' l-Istat Membru kkonċernat u li l-miżuri sussegwenti kollha ta' għajnuna, inklużi miżuri individwali ġodda allokati fuq il-bażi ta' skemi ta' għajnuna li qabel kienu koperti minn dan ir-Regolament, dan jeħtieġ li jiġi notifikat lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 88 tat-Trattat. Hekk kif l-Istat Membru jipprovdi informazzjoni korretta u sħiħa, il-Kummissjoni għandha tippermetti li r-Regolament jerġa' jkun kollu kemm hu applikabbli mill-ġdid.

(28) B'referenza għad-data ta' skadenza tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 u l-fatt li l-kundizzjonijiet biex tingħata l-għajnuna taħt dan ir-Regolament ġew konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tal-Fond Ewropew għas-Sajd, jixraq li jiġi limitat il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għad-data li fiha jiskadi r-Regolament (KE) Nru 1198/2006. Jekk dan ir-Regolament jiskadi mingħajr ma jiġi estiż, l-iskemi ta' għajnuna diġà eżentati b'dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jiġu eżentati għal sitt xhur.

(29) Jixraq li jiġu stipulati dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal notifiki pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għall-għajnuna li ngħatat qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-Regolament u li ma ġietx innotifikata bħala ksur ta' l-obbligu fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat, kif ukoll għall-għajnuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1595/2004 tat-8 ta' Settembru 2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna ta' l-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-marketing ta' prodotti tas-sajd. ([2])

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI**

*Artikolu 1*

**Ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-għajnuna trasparenti mogħtija lil impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd.

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU L 291, 14.9.2004, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti ĠU L 183M, 15.7.2006, p. 168.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) għajnuna, li l-ammont tagħha huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq;

(b) għajnuna għall-attivitajiet konnessi ma' l-esportazzjoni, primarjament għajnuna konnessa direttament mal-kwantitajiet esportati, lill-istabbliliment u l-operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ta' nefqa oħra kurrenti konnessa ma' l-attività ta' l-esportazzjoni;

(c) għajnuna li tiddependi mill-użu ta' prodotti nazzjonali fuq dawk importati;

(d) għajnuna mogħtija lill-impriżi f'diffikultà;

(e) skemi ta' għajnuna li ma jeskludux b'mod espliċitu l-ħlas ta' għajnuna individwali favur impriża li tkun suġġetta għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li ddikjarat għajnuna bħala illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, kif ukoll għajnuna individwali *ad hoc* favur l-istess impriża;

(f) għajnuna *ad hoc* favur impriża li għadha suġġetta għal ordni ta' irkupru wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tkun iddikjarat li għajnuna kienet illegali u inkompatibbli mas-suq komuni;

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal għajnuna għal proġetti individwali bi spejjeż eliġibbli ta' aktar minn EUR 2 miljun, jew fejn l-ammont ta' l-għajnuna jaqbeż miljun EUR għal kull benefiċjarju għal kull sena.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "għajnuna" tfisser kwalunkwe miżura li tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat;

(b) "skema ta' għajnuna" tfisser kull att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri oħra ta' implimentazzjoni, għotjiet ta' għajnuna individwali jkunu jistgħu jsiru lil impriżi definiti fl-att b'mod ġenerali u astratt u kwalunkwe att li abbażi tiegħu għajnuna li mhix marbuta ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil intrapriża waħda jew diversi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit;

(c) "għajnuna individwali" tfisser għajnuna *ad hoc* u allokazzjonijiet notifikabbli ta' għajnuna abbażi ta' skema ta' għajnuna;

(d) "għajnuna *ad hoc*" tfisser għajnuna individwali mhux mogħtija abbażi ta' skema ta' għajnuna;

(e) "intensità ta' l-għajnuna" tfisser l-ammont ta' l-għajnuna espressa bħala perċentwali ta' l-ispejjeż eliġibbli;

(f) "prodotti tas-sajd" tfisser kemm prodotti maqbuda mill-baħar jew mill-ilmijiet interni kif ukoll il-prodotti ta' l-akkwakultura elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000;

(g) "impriżi żgħar u ta' daqs medju" ("SMEs") tfisser impriżi żgħar u ta' daqs medju kif definiti fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru …/2008 tat-2 ta' Lulju 2008 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni [titlu mhux uffiċjali] ([1]);

(h) "għajnuna trasparenti" tfisser għajnuna li fir-rigward tagħha jkun possibbli li jiġi kkalkolat b'mod preċiż l-ekwivalenti gross ta' l-għotja *ex ante* mingħajr il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tar-riskju;

(i) "impriża f'diffikultà" tfisser impriża li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet:

— jekk hija kumpanija ta' responsabbiltà limitata, meta aktar minn nofs il-kapital tagħha jkun sparixxa, b'aktar minn kwart tal-kapital mitluf matul l-aħħar 12-il xahar; jew

— jekk hija kumpanija li fiha għallinqas xi membri għandhom responsabbiltà limitata għad-dejn tal-kumpanija, meta aktar minn nofs il-kapital kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa u aktar minn kwart tal-kapital mitluf matul l-aħħar 12-il xahar; jew

— għal kull forma ta' impriża, meta tkun laħqet, skond il-liġi nazzjonali applikabbli, il-kundizzjonijiet ta' sottomissjoni għal proċedura kollettiva ta' insolvenza.

([1]) ĠU L …, … 2008, p. …

*Artikolu 3*

**Kundizzjonijiet għall-eżenzjoni**

1. Għajnuna *ad hoc* li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni fis-sens ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata mill-ħtieġa tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat bil-kondizzjoni li l-informazzjoni sommarja skond l-Artikolu 25(1) tkun ġiet mogħtija u li jkun fiha referenza espliċita għal dan ir-Regolament, billi tikkwota t-titlu tiegħu u r-referenza tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Skemi ta' l-għajnuna, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu kompatibbli mas-suq komuni fil-kuntest ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, bil-kundizzjoni li l-informazzjoni fil-qosor li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 25(1) tkun tressqet, li l-għajnuna individwali li setgħet tingħata taħt din l-iskema tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, u li l-iskema jkun fiha referenza speċifika għal dan ir-Regolament, billi jiġi ċitat it-titolu tiegħu u referenza tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

3. Għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni fil-kuntest ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżenti mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, bil-kundizzjoni li l-għajnuna li tingħata tissodisfa direttament il-kundizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament, li l-informazzjoni fil-qosor li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 25(1) tkun tressqet u li l-miżura ta' għajnuna individwali jkun fiha referenza speċifika għal dan ir-Regolament, billi jiġi ċitat it-titolu tiegħu u referenza tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

4. Qabel ma tingħata kwalunkwe għajnuna taħt dan ir-Regolament, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-miżuri ffinanzjati u l-effetti tagħhom ikunu konformi mal-liġi Komunitarja.

5. Il-miżuri ta' l-għajnuna għandhom ikunu eżentati biss skond dan ir-Regolament jekk jipprovdu espliċitament li, matul l-ewwel perjodu ta' għotja, il-benefiċjarji ta' l-għajnuna għandhom jikkonformaw mar-Regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u li, jekk matul dan il-perjodu jinsab li l-benefiċjarju ma jikkonformax mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għotja trid titħallas lura skond is-serjetà ta' l-infrazzjoni.

*Artikolu 4*

**Intensità ta' l-għajnuna u l-ispejjeż eleġibbli**

1. Għall-finijiet ta' kalkolu ta' l-intensità ta' l-għajnuna, iċ-ċifri kollha għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor. Fejn l-għajnuna tingħata f'forma oħra li ma tkunx għotja, l-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun l-ekwivalenti f'għotja ta' l-għajnuna. Għajnuna pagabbli f'diversi pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata. Ir-rata ta' l-interessi li tintuża għal skopijiet ta' skont għandha tkun ir-rata ta' referenza applikabbli fil-mument ta' l-għotja. F'każijiet fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' eżenzjoni ta' taxxa jew tnaqqis f'taxxi dovuti fil-futur, suġġett li tkun rispettata ċerta intensità ta' għajnuna definita fl-ekwivalenti ta' l-għotja gross, jingħata skont fil-porzjon ta' l-għajnuna abbażi tar-rati ta' referenza applikabbli f'diversi żminijiet li jidħlu fis-sehh dawn il-benefiċċji fuq it-taxxa

2. L-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' l-Artikolu 55(2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 u l-Artikoli 26 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007 u jkunu appoġġati minn provi bil-miktub li għandhom ikunu ċari u mqassma għalihom.

*Artikolu 5*

**Trasparenza ta' l-għajnuna**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għal għajnuna trasparenti. B'mod partikolari, it-tipi ta' għajnuna li ġejjin għandhom jitqiesu li huma trasparenti:

(a) għotjiet diretti u sussidji fuq ir-rati ta' interess;

(b) għajnuna mogħtija b'self, fejn l-ekwivalenti gross ta' l-għotja jkun ġie kkalkolat abbażi tar-rati ta' referenza fiż-żmien ta' l-għotja u waqt li tiġi kkunsidrata l-eżistenza ta' titoli ta' sigurtà normali u/jew riskju mhux normali assoċjat mas-self;

(c) għajnuna fi skemi ta' garanzija,

— fejn il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għotja globali ekwivalenti tkun ġiet aċċettata wara li ġiet notifikata din il-metodoloġija lill-Kummissjoni u l-metodoloġija approvata tindirizza espliċitament it-tip ta' garanziji u t-tipi ta' tranżazzjonijiet ikkonċernati marbuta magħha fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; jew

— fejn l-ekwivalenti gross ta' għajnuna jkun ġie kkalkulat abbażi tal-primjum fil-limitu ta' eżenzjoni stipulat fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji.

(d) l-għajnuna magħmula minn miżuri fiskali għandha titqies bħala trasparenti meta l-miżuri jipprovdu għall-iffissar ta' limitu li jassigura li l-ogħla livell applikabbli ma jinqabiżx.

2. It-tipi ta' għajnuna li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala trasparenti:

(a) għajnuna inkluża f'injezzjonijiet ta' kapital;

(b) għajnuna magħmula minn miżuri ta' kapital ta' riskju.

3. Għajnuna fil-forma ta' self li jitħallas lura għandha titqies bħala trasparenti biss jekk l-ammont totali tas-self li jitħallas lura ma jaqbiżx il-limitu applikabbli skond dan ir-Regolament. Jekk l-ogħla livell applikabbli jiġi espress f'termini ta' intensità ta' l-għajnuna, l-ammont totali tal-pagament misluf li għandu jitħallas lura, espress bħala persentaġġ ta' l-ispejjeż eleġibbli, m'għandux jaqbeż l-intensità ta' l-għajnuna applikabbli.

*Artikolu 6*

**Kumulazzjoni**

1. Biex jiġi stabbilit jekk il-limiti ta' notifika individwali kontemplati fl-Artikolu 1(3) u l-intensitajiet massimi ta' għajnuna kontemplati f'Kapitolu 2 ġewx rispettati, l-ammont totali ta' miżuri ta' appoġġ pubbliku għall-attività jew il-proġett assistit għandu jiġi kkunsidrat, mingħajr ma jiġi meqjus jekk dak l-appoġġ ġiex finanzjat minn sorsi lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Komunità.

2. L-għajnuna eżentata taħt dan ir-Regolament tista' tiġi miżjuda ma' kwalunkwe għajnuna oħra eżentata taħt dan ir-Regolament dejjem jekk dawk il-miżuri ta' għajnuna jikkonċernaw spejjeż eliġibbli differenti li jistgħu jiġu identifikati.

3. Għajnuna eżentata skond dan ir-Regolament m'għandhiex tiġi akkumulata ma' xi għajnuna oħra eżentata taħt dan ir-Regolament jew għajnuna *de minimis* li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 875/2007 [1] jew ma' finanzjament ieħor tal-Komunità fir-rigward ta' l-istess spejjeż eliġibbli - li jikkoinċidu parzjalment jew għal kollox - jekk din l-akkumulazzjoni tirriżulta li taqbeż l-ogħla intensità ta' għajnuna jew ammont ta' għajnuna applikabbli għal din l-għajnuna skond dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Effett ta' Inċentiv**

1. Dan ir-Regolament għandu jeżenta biss għajnuna li għandha effett ta' inċentiv.

2. Għajnuna għandha tiġi meqjusa li jkollha effett ta' inċentiv jekk tagħmilha possibbli għall-benefiċjarju li jwettaq attivitajiet jew proġetti li ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna.

Din il-kundizzjoni għandha titqies bħala sodisfatta jekk, qabel inkun beda x-xogħol fuq il-proġett jew attività, il-benefiċjarju jkun ippreżenta applikazzjoni għall-għajnuna lill-Istat Membru konċernat.

3. Il-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika fir-rigward ta' miżuri fiskali li jistabbilixxu dritt legali għal għajnuna skond il-kriterji oġġettivi u mingħajr ma l-Istat Membru jkompli juża d-diskrezzjoni tiegħu jekk dawk il-miżuri fiskali jkunu adottati qabel ma tkun bdiet il-ħidma fuq il-proġett jew l-attività.

4. Jekk skond dan ir-Regolament il-kundizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 3 ma jkunux sodisfatti, il-miżura kollha ta' l-għajnuna ma għandhiex tkun eżentata.

KAPITOLU 2

**KATEGORIJI TA' GĦAJNUNA**

*Artikolu 8*

**Għajnuna għal waqfien permanenti ta' l-attivitaijiet tas-sajd**

L-għajnuna għall-waqfien permanenti ta' l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 9*

**Għajnuna għal waqfien temporanju ta' l-attivitajiet tas-sajd**

L-għajnuna għal waqfien temporanju ta' l-attivitajiet tas-sajd għal sajjieda u sidien ta' bastimenti tas-sajd għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 10*

**Għajnuna għal kumpens soċjo-ekonomiku għall-ġestjoni tal-flotta**

Għajnuna għall-finanzjament ta' miżuri soċjo-ekonomiċi għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(1) ĠU L 193, 25.7.2007, p. 6.

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 26(3) u 27 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 11*

**Għajnuna għal investimenti produttivi fl-akkwakultura**

L-għajnuna għal investimenti produttivi fl-akkwakultura għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 12*

**Għajnuna għal miżuri akkwa-ambjentali**

L-għajnuna għall-kumpens għall-użu ta' metodi ta' produzzjoni ta' l-akkwakultura li jgħinu fil-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent u fil-konservazzjoni tan-natura għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 30 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 13*

**Għajnuna għal miżuri tas-saħħa pubblika**

Għajnuna għall-kumpens lill-bdiewa tal-molluski għas-sospensjoni temporanja tal-ħsad ta' molluski mkabbra għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 14*

**Għajnuna għal miżuri ta' saħħet l-annimali**

L-għajnuna għal miżuri għal saħħet l-annimali għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 28 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 15*

**Għajnuna għal sajd fil-magħluq**

L-għajnuna għal sajd fil-magħluq għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 16*

**Għajnuna għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni**

L-għajnuna għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 17*

**Għajnuna għal azzjonijiet kollettivi**

L-għajnuna għal miżuri ta' interess komuni li jiġu implimentati bl-appoġġ attiv ta' l-operaturi nfushom jew mill-organizzazzjonijiet li jaġixxu f'isem il-produtturi jew ta' organizzazzjoni oħra rikonoxxuta mill-Istati Membri għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 18*

**Għajnuna għal miżuri intiżi biex iħarsu u jiżviluppaw il-fawna u l-flora akkwatika**

L-għajnuna għal miżuri ta' interess komuni intiżi biex iħarsu u jiżviluppaw fawna u flora akkwatika filwaqt li jtejbu l-ambjent akkwatiku għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 38 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 19*

**Għajnuna għal investimenti f'portijiet tas-sajd, postijiet tal-ħatt u postijiet ta' kenn**

L-għajnuna għal investimenti f'portijiet tas-sajd pubbliċi jew privati, postijiet ta' ħatt u postijiet ta' kenn għas-sajd għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 39 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 20*

**Għajnuna għall-iżvilupp ta' swieq ġodda u kampanji promozzjonali**

L-għajnuna għal miżuri ta' interess komuni maħsuba biex timplimenta politika ta' titjib fil-kwalità u fil-valur, tiżviluppa swieq ġodda jew kampanji promozzjonali għal prodotti tas-sajd u ta' l-akkwakultura għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 40 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 21*

**Għajnuna għal proġetti pilota**

L-għajnuna għal proġetti pilota għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 22*

**Għajnuna għall-modifikazzjoni għal assenjament mill-ġdid tal-bastimenti tas-sajd**

L-għajnuna għall-modifikazzjoni għal assenjament mill-ġdid tal-bastimenti tas-sajd, taħt il-bandiera ta' xi Stat Membru u reġistrata fil-Komunità għal finijiet ta' taħriġ jew ta' riċerka fis-settur tas-sajd jew għal attivitajiet oħra barra s-sajd għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 36 u 42 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006, u l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 498/2007, u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 23*

**Għajnuna għal assistenza teknika**

L-għajnuna għal assistenza teknika għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dejjem jekk:

(a) l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 46(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 u

(b) l-ammont ta' l-għajnuna ma jaqbiżx, f'sussidju ekwivalenti, mar-rata totali tal-kontribuzzjonijiet pubbliċi stabbilita bl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 24*

**Eżenzjonijiet mit-taxxa skond id-Direttiva 2003/96/KE**

1. L-eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għas-settur tas-sajd kollu li l-Istati Membri jintroduċu skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/96/KE għandhom, safejn jikkostitwixxu l-għajnuna mill-Istat, ikunu kompatibbli mas-suq komuni u eżentati mir-rekwiżit tan-notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

2. Għajnuna ambjentali fil-forma ta' eżenzjonijiet mit-taxxa jew tnaqqis applikabbli għas-sajd fl-ilmijiet interni u xogħlijiet ta' pixxikultura li l-Istati Membri jistgħu jintroduċuhom skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni u eżentata mir-rekwiżit ta' notifika ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, bil-kundizzjoni li ma tingħatax għal perjodi ta' aktar minn 10 snin. Wara dan il-perjodu ta' 10 snin, l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid kemm ikunu għadhom xierqa l-miżuri ta' għajnuna kkonċernati.

Il-benefiċjarju tat-tnaqqis tat-taxxa għandu jħallas għallinqas il-livell minimu Komunitarju tat-taxxa stabbilit minn dik id-Direttiva.

KAPITOLU 3

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI U FINALI**

*Artikolu 25*

**Trasparenza u monitoraġġ**

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' skema ta' l-għajnuna jew l-allokazzjoni ta' għajnuna *ad hoc* li tkun ġiet eżentata skond dan ir-Regolament, l-Istat Membru għandu jippreżenta sinteżi ta' informazzjoni dwar dik il-miżura ta' l-għajnuna lill-Kummissjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fil-format elettroniku skond l-applikazzjoni stabbilita ta' l-IT tal-Kummissjoni, fil-forma stabbilita fl-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi li rċeviet is-sintezi msemmija hawn fuq mingħajr dewmien.

Is-sinteżijiet ipprovduti mill-Istati Membri skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

2. Mad-dħul fis-seħħ ta' skema ta' l-għajnuna, inkella l-għoti ta' għajnuna *ad hoc* li tkun ġiet eżentata skond dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippubblika fuq l-internet it-test sħiħ ta' din il-miżura ta' għajnuna, u jindika l-kriterji u l-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat din l-għajnuna u l-identità ta' l-awtorità li tat l-għajnuna. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li t-test sħiħ tal-miżura ta' l-għajnuna jkun aċċessibbli fuq l-internet sakem iddum is-seħħ il-miżura ta' l-għajnuna kkonċernata. L-informazzjoni fil-qosor ipprovduta mill-Istat Membri kkonċernat skond il-paragrafu 1 għandha tispeċifika indirizz ta' l-internet li jwassal direttament għat-test sħiħ tal-miżura ta' l-għajnuna. L-indirizz ta' l-internet għandu jkun inkluż ukoll fir-rapport annwali li jintbagħat skond il-paragrafu 4.

3. Fl-għoti ta' għajnuna individwali eżentata skond dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna fil-forma ta' miżuri fiskali, l-att dwar l-għoti ta' l-għajnuna għandu jkun fih referenza espliċità għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament ikkonċernat minn dan l-att, għal-liġi nazzjonali li tassigurtà r-rispett tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u għall-indirizz elettroniku msemmi fil-paragrafu 2.

4. Skond Kapitolu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [1], l-Istati Membri għandhom jikkompilaw rapport f'forma elettronika dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' kull sena sħiħa jew kull parti tas-sena li matulha japplika dan ir-Regolament.

(1) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

5. L-Istati Membri għandhom iżommu rekords dettaljati dwar kwalunkwe għajnuna *ad hoc* jew għajnuna individwali mogħtija taħt skema ta' għajnuna eżentata skond dan ir-Regolament. Dawn ir-rekords għandhom ikollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi stabbilit li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni dwar l-istatus ta' kwalunkwe intrapriża li d-dritt tagħha għal għajnuna jew għal bonus jiddependi fuq l-istatus tagħha bħala SME, l-informazzjoni dwar l-effett ta' inċentiv ta' l-għajnuna u informazzjoni li tagħmilha possibbli biex jiġi stabbilit l-ammont preċiż ta' spejjeż eliġibbli għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

6. Rekords dwar għajnuna individwali għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna. Ir-rekords li jirrigwardaw skema ta' għajnuna għandhom jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha ngħatat l-aħħar għajnuna taħt dik l-iskema.

7. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment il-miżuri ta' għajnuna li tkun ġiet infurmata dwarhom skond paragrafu 1.

8. Fuq talba bil-miktub, l-Istat Membru konċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni fi żmien perjodu fiss stabbilit fit-talba, bl-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni tqis neċessarja biex tissorvelja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Jekk dik l-informazzjoni ma tingħatax fi żmien dak il-perjodu jew perjodu miftiehem fuq bażi komuni, il-Kummissjoni għandha tibgħat tfakkira li tagħti data ta' skadenza ġdida sa meta għandha tintbagħat l-informazzjoni. Jekk, minkejja dik it-tfakkira, l-Istat Membru konċernat ma jagħtix l-informazzjoni mitluba, il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat lill-Istat Membru konċernat il-possibbiltà li jagħti l-opinjoni tiegħu, tadotta deċiżjoni li tgħid li l-miżuri ta' għajnuna kollha individwali futuri adottati abbażi ta' l-iskema jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

*Artikolu 26*

**Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali**

1. Notifiki pendenti fiż-żmien tad-dħul fi-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu evalwati skond id-dispożizzjonijiet tiegħu. Fejn il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jiġux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha teżamina dawk in-notifikazzjonijiet pendenti taħt il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd.

L-għajnuna notifikata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew mogħtija qabel dik id-data fin-nuqqas ta' xi awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni u bi ksur tar-rekwiżit tan-notifika skond it-tifsira ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni fil-kuntest ta' l-Artikolu 87(3) tat-Trattat u għandha tiġi eżentata jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, minbarra r-rekwiżit li ssir referenza għar-Regolament u jissemma n-numru ta' identifikazzjoni tal-Kummissjoni. Kwalunkwe għajnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni skond l-istrutturi, il-linji ta' gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi rilevanti.

2. Skemi ta' għajnuna eżenti taħt dan ir-Regolament għandhom jibqgħu eżenti għal perjodu ta' aġġustament ta' sitt xhur wara d-data stipulata fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 27.

*Artikolu 27*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Formola ta’ informazzjoni mqassra li trid tiġi pprovduta kull meta xi skema ta’ għajnuna eżentata minn dan ir-Regolament tiġi implimentata u kull meta xi għajnuna *ad hoc* eżentata minn dan ir-Regolament tingħata barra kwalunkwe skema ta’ għajnuna**

1. Stat Membru:

2. Reġjun/Awtorità li tagħti l-għajnuna:

3. Titlu ta’ l-iskema ta’ l-għajnuna/isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna *ad hoc*:

4. Bażi ġuridika:

5. Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont ta’ għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-kumpanija:

6. Intensità massima ta’ l-għajnuna:

7. Data tad-dħul fis-seħħ:

8. Tul ta’ l-iskema jew għotja ta’ l-għajnuna individwali (mhux aktar tard mill-30.6.2014); indika:

   — taħt l-iskema: sa liema data tista’ tingħata l-għajnuna;

   — fil-każ ta’ xi għajnuna *ad hoc*: id-data mistennija ta’ l-aħħar pagament li jrid jitħallas:

9. Għan ta’ l-għajnuna:

10. Indika liema mill-Artikoli 8 sa 24 jintuża:

11. Attività kkonċernata:

12. Isem u indirizz ta’ l-awtorità li tagħti l-għajnuna:

13. Indirizz elettroniku fejn jista’ jinstab it-test kollu ta’ l-iskema jew il-kriterji u l-kondizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna *ad hoc* barra xi skema ta’ għajnuna:

14. Motivazzjoni: Indika għaliex ġiet stabbilita skema ta’ għajnuna mill-Istat minflok għajnuna taħt il-Fond Ewropew tas-Sajd:

*ANNESS II*

**Formola tar-Rapport Perjodiku li trid tiġi kkompletata u nnotifikata lill-Kummissjoni**

Għall-obbligi tar-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni taħt ir-regolamenti ta' eżenzjoni tal-grupp adottati abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija hawn taħt li tikkonċerna l-miżuri ta' għajnuna kollha koperti b'dan ir-Regolament, f'forma kompjuterizzata, fil-format ikkomunikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri.

1. Stat Membru:

2. Titlu:

3. Numru ta' l-għajnuna:

4. Sena ta' skadenza:

5. Għan ta' l-għajnuna:

6. Għadd ta' benefiċjarji:

7. Kategorija ta' għajnuna (eż. għotja diretta, self b'rata ta' imgħax imnaqqsa, eċċ.):

8. Nefqa totali annwali:

9. Rimarki:

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 737/2008**

**tat-28 ta' Lulju 2008**

**li jaħtar il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard tal-krustaċji, ir-rabja u t-tuberkolożi ta' l-ifrat, li jistipula responsabbiltajiet u ħidmiet supplementari għal-laboratorji ta' referenza Komunitarja għar-rabja u t-tuberkolożi ta' l-ifrat u li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-benessri ta' l-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 55(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistabbilixxi l-ħidmiet, id-dmirijiet u r-rekwiżiti ġenerali għal-Laboratorji ta' Referenza tal-Komunità għall-ikel u l-għalf u għas-saħħa ta' l-annimali. Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għas-saħħa ta' l-annimali u għall-annimali ħajjin huma mniżżla fil-Parti II ta' l-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(2) Id-Direttiva 2006/88/KE dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali għat-tqegħid tagħhom fis-suq, u l-importazzjoni u t-transitu mal-Komunità ta' annimali ta' l-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u ċerti miżuri ta' prevenzjoni u kontroll minimi ta' ċertu mard f'dawk l-annimali. Skond din id-Direttiva, il-laboratorji Komunitarji ta' referenza għall-mard ta' annimali akkwatiċi għandhom jikkonformaw mal-funzjonijiet u mad-dmirijiet stipulati fil-Parti I ta' l-Anness VI tagħha.

(3) Wara tmiem il-proċedura ta' l-għażla għal sejħa għal ħatra, is-Centre for Environment, Fisheries & Aquaculture Science (Cefas), Weymouth Laboratory, ir-Renju Unit, għandu jinħatar bħala l-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-mard tal-krustaċji.

(4) Wara tmiem il-proċedura ta' l-għażla għal sejħa għal ħatra, il-Laboratoire d'études sur la rage et la pathologie des animaux sauvages ta' l-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA) għandu jinħatar bħala laboratorju Komunitarju ta' referenza għar-rabja.

(5) Wara tmiem il-proċedura ta' l-għażla għal sejħa għal ħatra, il-Laboratorio de Vigilancia Veterinaria (VISAVET) tal-Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid, Madrid, Spanja, għandu jinħatar bħala laboratorju Komunitarju ta' referenza għat-tuberkolożi ta' l-ifrat.

(6) Il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-mard tal-krustaċji, ir-rabja u t-tuberkolożi ta' l-ifrat għandhom jinħatru għal perjodu ta' bidu ta' ħames snin mill-1 ta' Lulju 2008 sabiex jippermetti evalwazzjoni tar-rendiment u l-konformità tagħhom.

(7) Barra mill-funzjonijiet u l-ħidmiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, ċerti responsabbiltajiet u ħidmiet speċifiċi marbuta mal-karatteristiċi ta' l-aġenti li jikkawżaw il-marda għandhom jitwettqu fuq livell Komunitarju biex jiżguraw koordinazzjoni aħjar. Għalhekk, dawn ir-responsabbiltajiet u ħidmiet speċifiċi supplementari għandhom jiġu stipulati f'dan ir-Regolament għal-laboratorji Komunitarji ta' referenza għar-rabja u t-t-tuberkolożi ta' l-ifrat.

(8) Il-Parti II ta' l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1; il-verżjoni kkoreġuta: ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 301/2008 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 85).

([2]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/53/KE (ĠU L 117, 1.5.2008, p. 27).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-Centre for Environment, Fisheries & Aquaculture Science (Cefas), Weymouth Laboratory, ir-Renju Unit, hu hawnhekk maħtur bħala l-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-mard tal-krustaċji mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 2*

Il-Laboratoire d'études sur la rage et la pathologie des animaux sauvages ta' l-Agence Française de Sécurité Sanitaire des Aliments (AFSSA), Nancy, Franza, hu hawnhekk maħtur bħala l-laboratorju Komunitarju ta' referenza għar-rabja mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2013.

Ċerti responsabbiltajiet u ħidmiet għal dak il-laboratorji huma stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 3*

Il-Laboratorio de Vigilancia Veterinaria (VISAVET), Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid, Madrid, Spanja, hu hawnhekk maħtur bħala l-laboratorju Komunitarju ta' referenza għat-tuberkolożi ta' l-ifrat mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2013.

Ċerti responsabbiltajiet u ħidmiet għal dak il-laboratorji huma stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 4*

Fil-Parti II ta' l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, jiżdiedu l-punti 15, 16 u 17 li ġejjin:

"15. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-mard tal-kurstaċji

Centre for Environment, Fisheries & Aquaculture Science (Cefas)

Weymouth Laboratory

The Nothe

Barrack Road

Weymouth

Dorset DT4 8UB

United Kingdom

16. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għar-rabja

AFSSA – Laboratoire d'études sur la rage et la pathologie des animaux sauvages, Nancy, France

54220 Malzéville

France

17. Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għat-tuberkolożi ta' l-ifrat

VISAVET – Laboratorio de vigilancia veterinaria, Facultad de Veterinaria, Universidad Complutense de Madrid

Avda. Puerta de Hierro, s/n. Ciudad Universitaria

28040 Madrid

Spain"

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**ĊERTI RESPONSABBILTAJIET U ĦIDMIET TAL-LABORATORJU KOMUNITARJU TA' REFERENZA GĦAR-RABJA**

Barra mill-funzjonijiet u l-ħidmiet ġenerali tal-laboratorji Komunitarji ta' referenza fis-settur tas-saħħa ta' l-annimali skond l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għar-rabja se jkollu r-responsabbiltajiet u l-ħidmiet stipulati fil-punti 1 sa 5.

(1) Li jikkoordina, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi użati fl-Istati Membri għad-dijanjosi tar-rabja, b'mod partikolari billi:

(a) jsib it-tip, jaħżen u jipprovdi razez tal-vajrus tar-rabja;

(b) jhejji, jikkontrolla u jforni s-sera standard Internazzjonali u reaġenti oħra ta' referenza lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;

(c) jivvalida tar-reaġenti ta' referenza li jinkludu l-antiġeni u s-sera Standard Nazzjonali ppreżentati mil-laboratorji nazzjonali ta' referenza;

(d) jibni u jżomm bank tas-sera u jiġbor il-vajrus tar-rabja, u jżomm *database* ta' razez iżolati mal-Komunità li jinkludu l-ispeċifikazzjoni;

(e) jorganizza testijiet ta' tqabbil perjodiċi ta' proċeduri ta' djanjożi fuq livell Komunitarju u jwettaq testijiet ta' ħila għal-laboratorji nazzjonali ta' referenza;

(f) jiġbor u jgħaqqad flimkien fatti magħrufa u tagħrif dwar il-metodi tad-dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;

(g) jikkaratterizza vajrus tar-rabja mill-metodi disponibbli l-aktar aġġornati biex jippermetti li tinftiehem aktar l-epidemjoloġija tal-marda;

(h) iżomm aġġornat ma' l-iżviluppi fis-sorveljanza tar-rabja, l-epidemjoloġija u l-prevenzjoni fid-dinja kollha;

(i) jakkwista għerf sħiħ dwar it-tħejjija u l-użu tal-prodotti ta' immunoloġija veterinarja użati biex tinqered u tiġi kkontrollata r-rabja inkuża l-valutazzjoni tat-tilqim.

(2) Li jħaffef l-armonizzazzjoni tat-tekniċi mal-Komunità kollha, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjoni ta' metodoloġiji tat-test standard.

(3) Li jorganizza gruppi ta' ħidma għall-benefiċċju tal-laboratorji Komunitarji ta' referenza kif miftiehem fil-programm ta' ħidma u l-baġit annwali msemmi fl-Artikoli 2 sa 4 tar-Regolament (KE) Nru 156/2004 ([1]), inkluż it-taħriġ ta' esperti mill-Istati Membri u, kif xieraq, minn pajjiżi terzi, f'metodoloġiji analitiċi ġodda.

(4) Li jipprovdi għajnuna teknika lill-Kummissjoni u, fuq talba tiegħu, jieħu sehem f'fora internazzjonali rigward ir-rabja, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-istandardizzazzjoni ta' metodi ta' dijanjosi analitiċi u l-implimentazzjoni tagħhom.

(5) Li jwettaq attivitajiet ta' riċerka u, fejn possibbli, jikkoordina attivitajiet ta' riċerka diretti lejn kontroll imtejjeb u l-qerda tar-rabja, b'mod partikolari permezz ta':

(a) Twettiq jew kollaborazzjoni mal-laboratorji nazzjonali ta' referenza fit-twettiq tal-provi ta' validazzjoni tat-test;

(b) għoti ta' parir xjentifiku lill-Kummissjoni u l-ġabra ta' tagħrif u rapporti assoċjati ma' l-attivitajiet tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza.

---

([1]) ĠU L 27, 30.1.2004, p. 5.

*ANNESS II*

**ĊERTI RESPONSABBILTAJIET U ĦIDMIET TAL-LABORATORJU KOMUNITARJU TA’ REFERENZA GĦAT-TUBERKOLOŻI TA’ L-IFRAT**

Barra mill-funzjonijiet u l-ħidmiet ġenerali tal-laboratorji Komunitarji ta’ referenza fis-settur tas-saħħa ta’ l-annimali skond l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-laboratorju Komunitarju ta’ referenza għat-tuberkolożi ta’ l-ifrat jkollu r-responsabbiltajiet u l-ħidmiet stipulati fil-punti 1 sa 5.

(1) Li jikkoordina, b’konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi użati fl-Istati Membri għad-djanjosi tar-rabja, b’mod partikolari billi:

(a) jsib it-tip, jaħżen u jforni razez tal-*Mycobacterium sp*. li jikkawżaw it-tuberkolożi fl-annimali;

(b) jħejji, jikkontrolla u jforni r-reaġenti ta’ referenza lil-laboratorji nazzjonali ta’ referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;

(c) jivvalida r-reaġenti ta’ referenza li jinkludu l-antiġeni u t-tuberkulini ppreżentati mil-laboratorji nazzjonali ta’ referenza għat-tuberkolożi ta’ l-ifrat;

(d) jibni u jżomm kollezzjoni tal-*Mycobacterium sp*. li jikkawżaw it-tuberkolożi fl-annimali, u jżomm database ta’ razez iżolati mal-Komunità li jinkludu l-ispeċifikazzjoni;

(e) jorganizza testijiet ta’ tqabbil perjodiċi ta’ proċeduri ta’ djanjożi fuq livell Komunitarju u jwettaq testijiet ta’ ħila għal-laboratorji nazzjonali ta’ referenza;

(f) jiġbor u jgħaqqad flimkien fatti magħrufa u tagħrif dwar il-metodi tad-djanjożi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;

(g) jikkaratterizza l-*Mycobacterium sp*. li jikkawża t-tuberkolożi fl-annimali permezz tal-metodi disponibbli l-aktar aġġornati biex jippermetti li tinftiehem aktar l-epidemjoloġija tal-marda;

(h) iżomm aġġornat ma’ l-iżviluppi fis-sorveljanza tat-tuberkolożi, l-epidemjoloġija u l-prevenzjoni fid-dinja kollha;

(i) jakkwista għerf sħiħ dwar it-tħejjija u l-użu tal-prodotti ta’ immunoloġija veterinarja użati biex tinqered u tiġi kkontrollata t-tuberkolożi inkuża l-valutazzjoni tat-tilqim.

(2) Li jħaffef l-armonizzazzjoni tat-tekniċi mal-Komunità kollha, b’mod partikolari l-ispeċifikazzjoni ta’ metodoloġiji tat-test standard.

(3) Li jorganizza gruppi ta’ ħidma għall-benefiċċju tal-laboratorji Komunitarji ta’ referenza kif miftiehem fil-programm ta’ ħidma u l-baġit annwali msemmi fl-Artikoli 2 sa 4 tar-Regolament (KE) Nru 156/2004, inkluż it-taħriġ ta’ esperti mill-Istati Membri u, kif xieraq, minn pajjiżi terzi, f’metodoloġiji analitiċi ġodda.

(4) Li jipprovdi għajnuna teknika lill-Kummissjoni u, fuq talba tiegħu, jieħu sehem f’fora internazzjonali rigward id-dijanjożi tat-tuberkolożi ta’ l-ifrat, li jikkonċernaw b’mod partikolari l-istandardizzazzjoni ta’ metodi ta’ dijanjosi analitiċi u l-implimentazzjoni tagħhom.

(5) Li jwettaq attivitajiet ta’ riċerka u, fejn possibbli, jikkoordina attivitajiet ta’ riċerka diretti lejn kontroll imtejjeb u l-qerda tat-tuberkolożi ta’ l-ifrat, b’mod partikolari permezz ta’:

(a) twettiq jew kollaborazzjoni mal-laboratorji nazzjonali ta’ referenza fit-twettiq tal-provi ta’ validazzjoni tat-test;

(b) għoti ta’ parir xjentifiku lill-Kummissjoni u l-ġabra ta’ tagħrif u rapporti assoċjati ma’ l-attivitajiet tal-laboratorju Komunitarju ta’ referenza.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 738/2008

## tat-28 ta' Lulju 2008

## li jemenda, għat-tnax-il darba, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/2004 li jimponi ċerti miżuri restrittivi biex isostnu l-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 jelenka l-persuni li jagħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skond dak ir-Regolament.

(2) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dak l-Anness, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jimplimentaw il-Pożizzjoni Komuni 2004/694/CFSP tal-11 ta' Ottubru 2004 dwar aktar miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat ta' l-ICTY ([2]). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/613/CFSP ([3]) tat-24 ta' Lulju 2008 timplimenta dik il-Pożizzjoni Komuni. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 tal-11 ta' Ottubru 2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1763/2004 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

([1]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 789/2007 (ĠU L 175, 5.7.2007, p. 27).

([2]) ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Il-Pożizzjoni Komuni kif l-aħħar emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2007/635/CFSP (ĠU L 256, 2.10.2007, p. 30)

([3]) ĠU L 197, 25.7.2008, p. 63.

*ANNESS*

Il-persuna li ġejja għandha titneħħa mill-Anness I tar-Regolament (KE) Numru 1763/2004:

"Zupljanin, Stojan. Data tat-twelid: 22.9.1951. Post tat-twelid: Kotor Varos, il-Bożnja u l-Ħerżegovina. Nazzjonalità: Tal-Bożnja u Ħerżegovina."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 739/2008

## tat-28 ta' Lulju 2008

## li jipprojbixxi s-sajd għall-Bażuga fiż-żoni VI, VII u VIII ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għajr Spanja, Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-fond ([3]) jistabbilixxi kwoti għall-2007 u l-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom, eżawrew il-kwota allokata għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istati Membri msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istati Membri msemmija hemmhekk jew irreġistrati fihom għandu jkun ipprojbit. Għandu jkun ipprojbit ukoll li dan l-istokk maqbud minn dawn il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolamet kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1).

([3]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 541/2008 (ĠU L 157, 17.6.2008, p. 23).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 03/DSS |
| Stat Membru | L-ISTATI MEMBRI KOLLHA GĦAJR Franza, l-Irlanda u r-Renju Unit |
| Stokk | SBR/678- |
| Speċi | Bażuga *(Pagellus bogaraveo)* |
| Żona | Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' VI, VII u VIII |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 740/2008**

**tad-29 ta' Lulju 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 fir-rigward tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għal esportazzjoni ta' skart lejn ċerti pajjiżi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart ([1]), b'mod partikolari għat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-pajjiżi kkonċernati,

Billi:

(1) Kull ambigwità għandha titneħħa fir-rigward tal-applikabilità tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar il-vjaġġi ta' skart fejn pajjiż fit-tweġiba tiegħu għat-talba tal-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 indika li la se jipprojbixxi dan il-ġarr u lanqas se japplika l-proċedura ta' notifika bil-miktub minn qabel u jagħtih il-kunsens kif deskritt fl-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament.

(2) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mill-Bożnija u Ħerzegovina, l-Iran u t-Togo għat-talbiet bil-miktub tagħha għal konfirmazzjoni bil-miktub li l-iskart li jinstab fil-lista fl-Anness III jew IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u li l-esportazzjoni tiegħu mhix ipprojbita skont l-Artikolu 36 jista' jiġi esportat mill-Komunità għal irkupru f'dawn il-pajjiżi u għal indikazzjoni mingħandhom dwar liema proċedura ta' kontroll, jekk dan hu l-każ, se tiġi segwita. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll aktar informazzjoni konnessa mal-Kosta tal-Avorju, il-Malażja, il-Moldova ([2]), ir-Russja u l-Ukraina. L-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 ([3]) għandu għalhekk jiġi emendat biex jikkunsidra dan.

(3) Ġie rrimarkat mill-Gvern tal-Liechtenstein li l-Liechtenstein għandu jitqies bħala pajjiż li għalih japplikaw id-Deċiżjonijiet tal-OECD. L-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għalhekk ma japplikax għal dan il-pajjiż, u l-Liechtenstein għandu jitħassar mill-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 għandu jkun emendat skont iċ-ċirkostanzi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1418/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1a li ġej hu mdaħħal:

"*Artikolu 1a*

Fejn pajjiż fit-tweġibtu għal talba bil-miktub mibgħuta mill-Kummissjoni skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 37(1) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 jindika li, rigward ċertu ġarr ta' skart, la se jipprojbixxih lanqas se japplika l-proċedura ta' notifika bil-miktub minn qabel u jagħti l-kunsens kif deskritt fl-Artikolu 35 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament għandu japplika mutatis mutandis għal ġarr ta' din ix-xorta."

(2) L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 hu emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-erbatax-il jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Peter MANDELSON

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2008 (ĠU L 188, 16.7.2008, p. 7).

([2]) Il-forma mqassra "Il-Moldova" użata biex tiddenota r-Repubblika tal-Moldova.

([3]) ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6.

*ANNESS*

*Nota*: L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 japplika għall kolonni (c) u (d) fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1418/2007 bis-saħħa ta’ l-Artikolu 1 ta’ dan ir-Regolament.

1. Fit-test li jiġi qabel l-informazzjoni dwar il-pajjiż, il-punt (d) għandu jinbidel b’dan li ġej:

“(d) proċeduri oħrajn ta’ kontroll se jiġu segwiti fil-pajjiż ta’ destinazzjoni skond il-liġi nazzjonali applikabbli.”

2. Wara l-annotazzjoni għall-Benin, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

**“Il-Bożnija u Ħerzegovina**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | B3020 | |
| | l-iskart l-ieħor kollu mniżżel fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006” | | |

3. Wara l-annotazzjoni għall-Kosta Rika, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

**“Il-Kosta ta’ l-Avorju (Ir-Repubblika tal-Kosta ta’ l-Avorju)**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | minn B1010:<br>kull skart ieħor | | minn B1010<br>— Metalli Prezzjużi (id-deheb, il-fidda, il-grupp tal-platinu, imma mhux il-merkurju) |
| B1020 – B2120 | | | |
| | B2130 | | |
| | | | B3010 – B3020 |
| | minn B3030<br>kull skart ieħor | | minn B3030<br>— Skart (li jinkludi suf qasir, ħjut skart u stokk ta’ granata) ta’ fibri magħmula mill-bniedem<br>— Ħwejjeġ użati u oġġetti oħra ta’ tessuti<br>— Ċraret użati, ruttam ta’ ħjut tal-qanneb, ħbula, ħabel u kejbils u oġġetti ta’ ħjut tal-qanneb użati, ħbula, ħabel jew kejbils tat-tessuti |
| | B3035 – B3130 | | |
| | | | B3140 |
| | B4010 – B4030 | | |
| GB040 7112<br>2620 30<br>2620 90 | | | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | GC010 | | |
| | GC020 | | |
| GC030 ex 8908 00 | | | |
| GC050 | | | |
| | GE020 ex 7001<br>ex 7019 39 | | |
| | GF010 | | |
| | GG030 ex 2621 | | |
| | GG040 ex 2621 | | |
| | GH013 3915 30<br>ex 3904 10-40 | | |
| | GN010 ex 0502 00 | | |
| | GN020 ex 0503 00 | | |
| | GN030 ex 0505 90” | | |

4. L-annotazzjoni għal-Liechtenstein hi mħassra.

5. Wara l-annotazzjoni għall-Indoneżja, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

**“L-Iran (Ir-Repubblika Iżlamika ta’ l-Iran)**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | B1010 – B1090 | | |
| minn B1100:<br>— ħmieġ tal-metalli li fih iż-żingu li ġej:<br>— Ħmieġ ta’ biċċiet taż-żingu ġej minn magna li tiggalvanizza b’għadsa taħraq (mazzi) (>92 % Zn)<br>— Tneħħija ta’ żingu mill-wiċċ ta’ likwidu<br>— Tneħħija ta’ aluminju mill-wiċċ ta’ likwidu (jew tneħħija mill-wiċċ ta’ likwidu) li jeskludi fdalijiet ta’ melħ minn metall imdewweb<br>— Skart ta’ kisi ta’ refrattarji, li jinkludi griġjoli, li joriġina mit-tisħin u t-tidwib ta’ ram sabiex jinkiseb minnu l-metall li jkun fih<br>— Fdalijiet mill-ipproċessar ta’ metalli prezzjużi mdewbin għal iżjed raffinar<br>— Fdalijiet minn landa mdewweb li fih it-tantalu li jkun fih inqas minn 0.5 % landa | minn B1100:<br>— żingu mhux pur u iebes<br>— ħmieġ tal-metalli li fih iż-żingu li ġej:<br>— Ħmieġ ta’ fuq ta’ biċċiet taż-żingu tal-iggalvanizzar (>90 % Zn)<br>— Ħmieġ ta’ isfel ta’ biċċiet taż-żingu tal-iggalvanizzar (>92 % Zn)<br>— Ħmieġ taż-żingu użat fil-proċess li bih isir xogħol fondut minn forom tal-metall (>85 % Zn) | | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| B1115 | | | |
| | B1120 – B1150 | | |
| B1160 – B1210 | | | |
| | B1220 – B2010 | | |
| B2020 – B2130 | | | |
| | B3010 – B3020 | | |
| B3030 – B3040 | | | |
| minn B3050:<br>— Skart tas-sufra: sufra mgħaffġa, magħquda jew mitħuna | minn B3050:<br>— Skart u ruttam ta’ injam, kemm jekk ikunu miġbura jew le fi zkuk, trab tal-faħam, pritkuna jew forom simili | | |
| B3060 – B3070 | | | |
| | B3080 | | |
| B3090 – B3130 | | | |
| | B3140 | | |
| B4010 – B4030 | | | |
| | GB040 7112<br>2620 30<br>2620 90 | | |
| GC010 | | | |
| GC020 | | | |
| GC030 ex 8908 00 | | | |
| GC050 | | | |
| GE020 ex 7001<br>ex 7019 39 | | | |
| GF010 | | | |
| GG030 ex 2621 | | | |
| GG040 ex 2621 | | | |
| GH013 3915 30<br>ex 3904 10-40 | | | |
| GN010 ex 0502 00 | | | |
| GN020 ex 0503 00 | | | |
| GN030 ex 0505 90” | | | |

6. Wara l-annotazzjoni għat-Tajlandja, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

**“It-Togo (Ir-Repubblika Togoliża)**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | | minn B3010<br>— Ruttam tal-plastik tal-polimeri mhux aloġenati u l-kopolimeri li ġejjin<br>— polipropelin<br>— polyethylene terephthalate |
| | l-iskart l-ieħor kollu mniżżel fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006” | | |

7. Wara l-annotazzjoni għat-Tuniżija, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja:

**“L-Ukraina**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | B2020 | |
| | | B3010; B3020 | |
| | l-iskart l-ieħor kollu mniżżel fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006” | | |

8. L-annotazzjoni għall-Kosta ta’ l-Avorju hi mħassra

9. L-annotazzjoni għall-Malażja hi sostitwita b’dan li ġej:

**“Il-Malażja**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| minn B1010:<br>— Ruttam tan-Nikil<br>— Ruttam taż-żingu<br>— Ruttam tat-Tungstenu<br>— Ruttam tat-tantalu<br>— Ruttam tal-manjesju<br>— Ruttam tat-Titanju<br>— Ruttam tal-manganiż<br>— Ruttam tal-Ġermanju<br>— Ruttam tal-vanadju<br>— Ruttam tal-Ħafnju, Indju, Niobju, Renju u Gallju<br>— Ruttam tal-membri tal-grupp ta’ elementi metalliċi rari<br>— Ruttam tal-Kromju | minn B1010:<br>— Ruttam tal-Molibdenu<br>— Ruttam tal-Kobalt<br>— Ruttam tal-Bismut<br>— Ruttam taż-żirkonju<br>— Ruttam tat-Torju | minn B1010<br>— Metalli Prezzjużi (id-deheb, il-fidda, il-grupp tal-platinu, imma mhux il-merkurju)<br>— Ruttam tal-ħadid u l-Azzar<br>— Ruttam tar-Ram<br>— Ruttam tal-Alluminju<br>— Ruttam tal-landa | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| B1020 – B1090 | | | |
| minn B1100:<br>kull skart ieħor | | minn B1100:<br>— żingu mhux pur u iebes<br>— tneħħija ta' żingu mill-wiċċ ta' likwidu | |
| | | B1115 | |
| B1120 – B1140 | | | |
| | | B1150 | |
| B1160 – B1190 | | | |
| | | B1200; B1210 | |
| B1220 – B1240 | | | |
| | | B1250 – B2030 | |
| minn B2040:<br>— Sulfat ta' kalċju raffinat parzjalment li jiġi mit-tneħħija ta' kubrit mit-tromba ta' ċumnija tal-gass (FGD)<br>— Fdal minn metall imdewweb mill-produzzjoni tar-ram, stabbilizzat b'mod kimiku, li għandu kontenut għoli ta' ħadid ('il fuq minn 20 %) u pproċessat skont l-ispeċifikazzjonijiet industrijali (e.ż. DIN 4301 u DIN 8201) prinċipalment għall-applikazzjonijiet tal-konstruzzjoni u brix | | minn B2040:<br>kull skart ieħor | |
| | | B2060 | |
| B2070; B2080 | | | |
| | | B2090 | |
| B2100 | | | |
| | | B2110 – B2130 | |
| | | | B3010 |
| | | B3020 – B3035 | |
| B3040 | | | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | minn B3050:<br>— Skart u ruttam ta' injam, kemm jekk ikunu miġbura jew le fi zkuk, trab tal-faham, pritkuna jew forom simili | minn B3050:<br>— Skart tas-sufra: sufra mgħaffġa, magħquda jew mitħuna | |
| | minn B3060:<br>— Skart veġetali mnixxef u sterilizzat, fdalijiet u prodotti li jiġu minnhom, kemm jekk ikunu fil-forma ta' pritkuni, jew ta' xi tipi użati fl-għalf tal-annimali, mhux speċifikat jew inkluż f'postijiet oħra (granza tar-ross u prodotti li jiġu minnhom taħt 2302 20 100/900)<br>— Skart tal-għadam u l-punti ċentrali tal-qrun, mhux maħduma, bix-xaħam imneħħi, ippreparati b'mod sempliċi (imma mhux maqtugħin fil-forom), trattati bl-aċtu jew bil-ġelatina mneħħija<br>— Qxur tal-kawkaw, ħliefa, ġlud u skart ieħor tal-kawkaw<br>— Skart ieħor mill-industrija tal-agri-ikel li jeskludi prodotti li jiġu minnu, li jilħqu rekwiżiti nazzjonali u internazzjonali u livelli għall-konsum mill-bnedmin jew annimali: | | minn B3060:<br>— Skart veġetali mnixxef u sterilizzat, fdalijiet u prodotti li jiġu minnhom, kemm jekk ikunu fil-forma ta' pritkuni, jew ta' xi tipi użati fl-għalf tal-annimali, mhux speċifikat jew inkluż f'postijiet oħra (granza tar-ross u prodotti li jiġu minnhom taħt 2302 20 100/900)<br>— Skart ieħor mill-industrija tal-agri-ikel li jeskludi prodotti li jiġu minnu, li jilħqu rekwiżiti nazzjonali u internazzjonali u livelli għall-konsum mill-bnedmin jew annimali: |
| | | B3065 – B3140 | |
| B4010 | | | |
| | | B4020 | |
| B4030 | | | |
| GB040 7112<br>2620 30<br>2620 90: | | | |
| GC010 | | | |
| GC020 | | | |
| GC030 ex 8908 00 | | | |
| GC050 | | | |
| | | GE020 ex 7001<br>ex 7019 39 | |
| | | GF010 | |
| GG030 ex 2621 | | | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| GG040 ex 2621 | | | |
| GH013 3915 30<br>ex 3904 10-40 | | | |
| | GN010 ex 0502 00 | | GN010 ex 0502 00 |
| | GN020 ex 0503 00 | | GN020 ex 0503 00 |
| | GN030 ex 0505 90 | | GN030 ex 0505 90" |

10. L-annotazzjoni għall-Moldova hi sostitwita b'dan li ġej:

**"Il-Moldova, (Ir-Repubblika tal-Moldova)**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | | B1010 |
| | | | B2020 |
| minn B3020:<br>kull skart ieħor | | | minn B3020:<br>— karta jew kartun mhux ibbliċjati jew ta' karti jew kartun immewġin<br>— karti jew kartun ieħor, magħmul prinċipalment minn polpa bbliċjata kimikament, mhux ikkuluriti fil-massa<br>— karti jew kartun magħmul prinċipalment minn polpa mekkanika (pereżempju, gazzetti, ġurnali u materjal stampat b'mod simili) |
| L-iskart l-ieħor kollu mniżżel fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006" | | | |

11. L-annotazzjoni għall-Federazzjoni Russa hi sostitwita b'dan li ġej:

**"Ir-Russja (Il-Federazzjoni Russa)**

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | | B1010 – B2120 |
| B2130 | | | |
| | | | B3010 – B3030 |
| B3035; B3040 | | | |
| | | | B3050 – B3070 |
| B3080 | | | |

| (a) | (b) | (c) | (d) |
|---|---|---|---|
| | | | B3090 |
| B3100 | | | |
| | | | B3110 – B3130 |
| B3140 | | | |
| | | | B4010 – B4030 |
| | | | GB040 7112<br>2620 30<br>2620 90 |
| | | | GC010 |
| | | | GC020 |
| | | | GC030 ex 8908 00 |
| | | | GC050 |
| GE020 ex 7001 | | | GE020 ex 7019 39 |
| | | | GF010 |
| | | | GG030 ex 2621 |
| | | | GG040 ex 2621 |
| | | | GH013 3915 30<br>ex 3904 10-40 |
| | | | GN010 ex 0502 00 |
| | | | GN020 ex 0503 00 |
| | | | GN030 ex 0505 90” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 741/2008

## tad-29 ta' Lulju 2008

## dwar il-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 996/97 għall-falda rqiqa ffriżata tal-bovini

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 tat-3 ta' Ġunju 1997 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja ta' l-importazzjoni għall-falda rqiqa ffriżata tal-bovini koperta bil-kodiċi tan-NM 0206 29 91 ([3]) fetaħ kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-bovini.

(2) L-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat safejn għandhom jinħarġu liċenzji ta' l-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu japplika għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal liċenzji ta' l-importazzjoni koperti bil-kwota tariffarja li ġġib in-numru tas-serje 09.4020 u li tressqu għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 skond ir-Regolament (KE) Nru 996/97 għandhom jinħarġu skond koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 1,694843 %.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2008

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17).
([3]) ĠU L 144, 4.6.1997, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 (ĠU L 213, 15.8.2007, p. 6).

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2008/81/KE

**tad-29 ta’ Lulju 2008**

**li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi d-difenacoum bħala sustanza attiva fl-Anness I tagħha**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE tas-16 ta’ Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidi (1), u b’mod partikolari it-tieni subparagrafu ta’ l-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 ta’ l-4 ta’ Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta’ ħidma ta’ għaxar snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti bijoċidali (2), jistabbilixxi lista ta’ sustanzi attivi li għandhom jiġu evalwati bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Annessi I, IA jew IB tad-Direttiva 98/8/KE. Din il-lista tinkludi d-difenacoum.

(2) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, id-difenacoum ġie evalwat skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fil-prodott tat-tip 14, rodentiċidi, kif iddefinit fl-Anness V tad-Direttiva 98/8/KE.

(3) Il-Finlandja nħatret bħala l-Istat Membru Referent u ressqet ir-rapport ta’ l-awtorità kompetenti, flimkien ma’ rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fil-21 ta’ Marzu 2006 skond l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007.

(4) Ir-rapport ta’ l-awtorità kompetenti ġie analizzat mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sejbiet mill-analiżi ġew inkorporati, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidi fid-29 ta’ Novembru 2007, f’rapport ta’ evalwazzjoni.

(5) L-analiżi tad-difenacoum ma kixfet l-ebda kwistjoni jew tħassib mhux solvuti li għandhom jiġu ttrattati mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent.

(6) Mill-eżamijiet li saru jidher li prodotti bijoċidi li jintużaw bħala rodentiċidi u jkun fihom id-difenacoum jistgħu jitqiesu li ma jippreżentawx riskju għall-bnedmin ħlief għal okkorrenzi inċidentali tat-tfal. Ġie identifikat riskju għall-annimali li mhumiex fil-mira u l-ambjent. Madankollu, ir-roditturi fil-mira huma annimali qerrieda u għalhekk huma ta’ periklu għas-saħħa pubblika. Barra minn hekk, għadu ma ġiex stabbilit jekk jeżistux alternattivi adegwati għall-difenacoum, li jkunu daqstant effikaċi u anqas ta’ ħsara għall-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li d-difenacoum jiġi inkluż fl-Anness I għal perjodu limitat, sabiex ikun żgurat li fl-Istati Membri kollha l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti bijoċidi wżati bħala rodentiċidi u li fihom id-difenacoum jistgħu jingħataw, jiġu mmodifikati jew ikkanċellati skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE.

(7) Fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport ta’ valutazzjoni, huwa xieraq li jkun rikjest li fil-livell ta’ l-awtorizzazzjoni tal-prodotti jiġu applikati miżuri speċifiċi għat-taffija tar-riskju fuq prodotti li jkun fihom id-difenacoum u li jintużaw bħala rodentiċidi. Miżuri tali għandhom jiġu mmirati biex ikun limitat ir-riskju primarju u sekondarju ta’ l-esponiment tal-bnedmin u annimali li mhumiex fil-mira kif ukoll l-effetti għal tul ta’ żmien fuq l-ambjent.

(8) Minħabba r-riskji identifikati u l-karatteristiċi tagħha li jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiku, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, id-difenacoum għandha tiġi inkluża fl-Anness I għal ħames snin biss u għandha tkun suġġetta għal valutazzjoni tar-riskju komparattiva skond it-tieni subparagrafu ta’ l-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha fl-Anness I.

(9) Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jkunu applikati b’mod simultanju fl-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw trattament ugwali tal-prodotti bijoċidi fis-suq li fihom is-sustanza attiva tad-difenacoum u wkoll biex jiffaċilitaw l-operat kif suppost tas-suq tal-prodotti bijoċidi in ġenerali.

(1) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2008/31/KE (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 57).
(2) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.

(10) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex jippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jippreparaw ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda involuti u jiżgura li l-applikanti li ppreparaw id-dokumentazzjoni jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' għaxar snin ta' protezzjoni tad-dejta, li skond l-Artikolu 12(1)(c)(ii) tad-Direttiva 98/8/KE jibda mid-data ta' l-inklużjoni.

(11) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli biex jimplimentaw l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE u b'mod partikolari biex jagħtu, jimmodifikaw jew jikkanċellaw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti bijoċidi fil-prodotti tat-tip 14 li fihom d-difenacoum biex jiżguraw li dawn jikkonformaw mad-Direttiva 98/8/KE.

(12) Id-Direttiva 98/8/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif jixraq.

(13) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Bijoċidi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2010.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-entrata li ġejja bir-reġistrazzjoni "Nru 9" hija mdaħħla fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE:

| Nru | Isem Komuni | Isem IUPAC<br>Numri ta' identifikazzjoni | Purezza minima tas-sustanza attiva fil-prodott bijoċidi kif jitqiegħed fis-suq | Data ta' l-inklużjoni | Skadenza sa meta għandha tiġi ddeterminata l-konformità ma' l-Artikolu 16(3) (ħlief għall-prodotti li fihom iktar minn sustanza attiva waħda li għalihom l-iskadenza sa meta għandhom jikkonformaw ma' l-Artikolu 16(3) għandha tkun dik stipulata fl-aħħar deċiżjoni minn dawk dwar l-inklużjoni marbuta mas-sustanzi attivi tagħhom) | Skadenza ta' l-inklużjoni | Tip ta' prodott | Dispożizzjonijiet speċifiċi (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "9 | *Difenacoum* | 3-(3-biphenyl-4-yl-1,2,3,4-tetrahydro-1-naphthyl)-4-hydroxycoumarin<br>Nru tal-KE: 259-978-4<br>Nru tal-CAS: 56073-07-5 | 960 g/kg | l-1 ta' April 2010 | il-31 ta' Marzu 2012 | il-31 ta' Marzu 2015 | 14 | Fid-dawl tal-fatt li l-karatteristiċi tas-sustanza attiva jagħmluha potenzjalment persistenti, suxxettibbli għall-bijoakkumulazzjoni u tossiku, jew persistenti ħafna u suxxettibbli ħafna għall-bijoakkumulazzjoni, is-sustanza attiva għandha tiġi suġġetta għal valutazzjoni tar-riskju komparattiva skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness.<br>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(1) Il-konċentrazzjoni nominali tas-sustanza attiva fil-prodotti m'għandhiex taqbeż il-75 mg/kg u se jkunu awtorizzati biss il-prodotti lesti għall-użu.<br>(2) Il-prodotti għandu jkun fihom aġent li jbiegħed u, fejn xieraq, żebgħa.<br>(3) Il-prodotti m'għandhomx jintużaw bħala trab għat-traċċar.<br>(4) Esponiment primarju kif ukoll sekondarju tal-bnedmin, annimali mhux fil-mira u l-ambjent jiġu minimizzati, billi jiġu kkunsidrati u applikati l-miżuri kollha xierqa u disponibbli għat-taffija tar-riskju. Fost l-oħrajn, dawn jinkludu r-restrizzjoni għall-użu professjonali biss, l-iffissar tal-limitu għall-kobor tal-pakkett u stipular ta' l-obbligi biex jintużaw kaxxi tal-lixki reżistenti għat-tbagħbis u sikuri." |

(*) Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji komuni ta' l-Anness VI, il-kontenut u l-konklużjonijiet tar-rapporti ta' valutazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/comm/environment/biocides/index.htm

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 742/2008/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tad-9 ta' Lulju 2008**

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien permezz ta' l-użu ta' Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni Ġodda**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 169 u 172, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sa l-2013) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-"Seba' Programm Kwadru") ([2]) tipprovdi għal parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka u żvilupp mibdija minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-programmi, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(2) Is-Seba' Programm Kwadru iddefinixxa sensiela ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal tali inizjattivi fl-ambitu ta' l-Artikolu 169: ir-rilevanza mal-għanijiet Komunitarji, id-definizzjoni ċara ta' l-għan li għandu jiġi segwit u r-rilevanza tiegħu ma' l-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru, il-preżenza ta' bażi pre-eżistenti (programmi nazzjonali ta' riċerka eżistenti jew maħsuba), il-valur miżjud Ewropew, massa kritika fir-rigward tad-daqs u l-għadd ta' programmi involuti u x-xebh bejn l-attivitajiet li jkopru, u l-effiċjenza ta' l-Artikolu 169 bħala l-mezz l-aktar xieraq għall-ksib ta' dan il-għan.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar "il-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni'" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sa l-2013) ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni'") tidentifika inizjattiva fl-ambitu ta' l-Artikolu 169 fil-qasam ta' l-*Ambient Assisted Living* bħala wieħed mill-oqsma adattati għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-programmi nazzjonali ta' riċerka implimentati b'mod konġunt abbażi ta' l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-1 ta' Ġunju 2005 intitolata "l-i2010 – Soċjetà ta' Informazzjoni Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi", il-Kummissjoni pproponiet li tibda inizjattiva prominenti għall-kura ta' persuni f'soċjetà li qed tixjieħ.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-12 ta' Ottubru 2006 intitolata "Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa – minn sfida għal opportunità", il-Kummissjoni enfasizzat il-fatt li x-xjuħija demografika hija waħda mill-isfidi li l-pajjiżi kollha fl-Unjoni Ewropea qegħdin jaffrontaw u li l-użu tat-teknoloġiji ġodda jista jgħin sabiex l-ispejjeż jiġu kkontrollati u sabiex titjieb il-benesseri u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' l-anzjani, kif ukoll titjieb il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea, bħala appoġġ għall-Istrateġija mġedda ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2008.

([2]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

([3]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

(6) B'mod partikulari fil-qasam tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), il-popolazzjoni li qed tixjieħ tista' tiġi meqjusa bħala opportunità għal suq emerġenti għal prodotti u servizzi ġodda li jaqdu l-bżonnijiet tal-persuni mdaħħla fiż-żmien. Madankollu, l-iżvilupp mgħaġġel u l-użu ta' teknoloġiji ta' l-ICT m'għandux iwassal għall-esklużjoni u sabiex titwessa' l-firda diġitali; madanakollu, it-titjib tal-litteriżmu diġitali huwa prekundizzjoni għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà ta' l-informazzjoni.

(7) L-inizjattiva preżenti fil-qasam ta' l-*Ambient Assisted Living* għandha tieħu kont tar-realtà tas-soċjetà li qed tixjieħ fl-Ewropa, fejn il-persentaġġ tan-nisa huwa ogħla minn dak ta' l-irġiel, minħabba li l-għomor medju tan-nisa huwa ogħla.

(8) Ix-xjuħija attiva hija bħala element ċentrali fil-linji gwida mġedda għall-impjieg. L-approċċ ta' l-UE għax-xjuħija timmira li timmobilizza l-potenzjal sħiħ ta' persuni ta' kull età – il-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja – u tenfasizza l-bżonn ta' bidla mill-istrateġiji għax-xjuħija fframmentati għal dawk komprensivi.

(9) Bħalissa, għadd ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-qasam ta' l-ICT għal Xjuħija Tajba mibdija mill-Istati Membri individwali u fuq livell nazzjonali m'humiex ikkoordinati biżżejjed fuq livell Ewropew u ma jippermettux metodu koerenti fuq livell Ewropew għal riċerka u żvilupp ta' prodotti u servizzi innovattivi għal xjuħija tajba bbażati fuq l-ICT.

(10) Peress li jixtiequ jaraw metodu koerenti fil-qasam ta' l-ICT għal Xjuħija Tajba fuq livell Ewropew u sabiex jaġixxu b'mod effettiv, diversi Stati Membri ħadu l-inizjattiva li jistabbilixxu programm konġunt ta' riċerka u żvilupp intitolat "*Ambient Assisted Living*" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Konġunt AAL") fil-qasam ta' l-ICT għal xjuħija tajba fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, sabiex jinkisbu sinerġiji f'termini ta' ġestjoni u ta' riżorsi finanzjarji billi jiggarantixxu mekkaniżmu waħdieni u komuni ta' evalwazzjoni bl-għajnuna ta' esperti indipendenti fuq il-bażi ta' prattika stabbilita kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli dwar il-parteċipazzjoni ta' l-impriżi, iċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet f'azzjonijiet koperti mis-Seba' Programm Kwadru u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) ([1]), u ta' tagħqid ta' għarfien espert addizzjonali ma' riżorsi disponibbli f'diversi pajjiżi madwar l-Ewropa.

(11) Il-Programm Konġunt AAL għandu l-għan li jindirizza l-isfida tax-Xjuħija Demografika billi jipprovdi l-qafas neċessarju legali u amministrattiv għal kooperazzjoni Ewropea u fuq skala kbira bejn l-Istati Membri dwar riċerka applikata u innovazzjoni fil-qasam ta' l-ICT għal Xjuħija Tajba f'soċjetà li qed tixjieħ. Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżvezja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Isvezja, u r-Renju Unit, (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri parteċipanti") u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera qablu li jikkoordinaw u jimplimentaw flimkien attivitajiet li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-Programm Konġunt AAL. Il-valur globali tal-parteċipazzjoni tagħhom huwa stmat b'minimu ta' EUR 150 miljun għat-tul taż-żmien tas-Seba' Programm Kwadru. Il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm Konġunt AAL għandha tkun suġġetta għal kontribuzzjoni minima li tkun xierqa fir-rigward tal-bżonn potenzjali tal-komunitajiet nazzjonali tiegħu ta' riċerka u normalment għandha tkun ta' mill-inqas EUR 0,2 miljun, jekk il-pajjiż għandu jipparteċipa fil-programm annwali ta' ħidma.

(12) Il-Programm Konġunt AAL għandu jippromwovi wkoll il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-attivitajiet tiegħu b'konformità ma' l-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru.

(13) Sabiex jiżdied l-impatt tal-Programm Konġunt AAL, l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera ftiehmu dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fih. Il-Komunità għandha tipparteċipa fil-Programm billi tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja ta' mhux aktar minn EUR 150 miljun. Billi l-Programm Konġunt AAL jilqa' l-għanijiet speċifiċi tas-Seba' Programm Kwadru u billi l-qasam ta' riċerka tal-Programm Konġunt AAL jaqa' fi ħdan it-tema tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni", il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tittieħed mill-approprjazzjoni allokata fil-baġit għal dik it-tema. Għażliet ulterjuri ta' finanzjament jistgħu jkunu disponibbli, fosthom mill-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB), b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju, żviluppata b'mod konġunt ma' l-EIB u mal-Kummissjoni b'konformità ma' l-Anness III tad-Deċiżjoni 2006/97/KE.

(14) Is-sostenn finanzjarju tal-Komunità għandu jingħata suġġett għad-definizzjoni ta' pjan finanzjarju bbażat fuq impenji formali ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-implimentazzjoni konġunta tal-programmi ta' riċerka u żvilupp u ta' attivitajiet mibdija fuq livell nazzjonali u għall-kontribut tagħhom għall-finanzjament ta' l-eżekuzzjoni konġunta tal-Programm Konġunt AAL.

(15) L-implimentazzjoni konġunta tal-programmi nazzjonali ta' riċerka tirrikjedi l-istabbiliment jew l-eżistenza ta' struttura speċifika ta' implimentazzjoni, kif ipprovdut fil-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".

(16) L-Istati Membri parteċipanti qablu fuq struttura speċifika ta' implimentazzjoni bħal din għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL.

([1]) ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

(17) L-istruttura speċifika ta’ implimentazzjoni għandha tkun ir-riċevitur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u għandha tiżgura l-eżekuzzjoni effiċjenti tal-Programm Konġunt AAL.

(18) Sabiex il-Programm Konġunt AAL jiġi implimentat b’mod effiċjenti, l-istruttura speċifika ta’ implimentazzjoni għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi parteċipanti fil-Programm Konġunt AAL li jintgħażlu wara sejħiet għal proposti.

(19) Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun suġġetta għall-impenn ta’ riżorsi mill-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera u għall-ħlas effettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.

(20) Il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha jekk il-Programm Konġunt AAL jiġi implimentat b’mod inadegwat, parzjalment jew b’mod tardiv, f’konformità mat-termini stabbiliti bi ftehim li għandhom jiġu konklużi bejn il-Komunità u l-istruttura speċifika ta’ implimentazzjoni li tistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-kontribuzzjoni Komunitarja.

(21) Kull Stat Membru għandu jkun jista’ jieħu sehem fil-Programm Konġunt AAL.

(22) F’konformità mas-Seba’ Programm Kwadru, il-Komunità għandha jkollha d-dritt li tiftiehem il-kundizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha lill-Programm Konġunt AAL f’dak li jirrigwarda l-parteċipazzjoni fih ta’ kwalunkwe pajjiż asssoċjat mas-Seba’ Programm Kwadru jew, fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li jkun issieħeb fil-Programm matul l-implimentazzjoni tiegħu, skond din id-Deċiżjoni.

(23) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta’ irregolaritajiet u frodi u l-passi neċessarji għall-irkupru ta’ fondi mitlufa, imħallsin jew użati ħażin skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [1], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta’ Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [2], u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta’ Mejju 1999, dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) [3].

(24) F’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [4] (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ir-“Regolament Finanzjarju”) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta’ Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolamenti Finanzjaru għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5] (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ir-“Regoli ta’ l-Implimentazzjoni”), il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tiġi ġestita fil-qafas ta’ ġestjoni ċentralizzata indiretta skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 35, 38(2) u 41 tar-Regoli ta’ l-Implimentazzjoni.

(25) Huwa essenzjali li l-attivitajiet tar-riċerka li jitwettqu taħt il-Programm Konġunt AAL jikkonformaw mal-prinċipji bażilari ta’ l-etika, inkluż dawk riflessi fl-Artikolu 6 tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea, u jsegwu l-prinċipji ta’ mainstreaming u ugwaljanza bejn is-sessi. It-twettiq tal-Programm għandu jieħu kont ukoll tal-promozzjoni tar-rwol tan-nisa fix-xjenza u fir-riċerka.

(26) Il-Programm Konġunt AAL għandu jimmira wkoll lejn il-promozzjoni ta’ aċċess ekwu u simplifikat għall-prodotti u s-servizzi relevanti bbażati fuq l-ICT fl-Istati Membri kollha.

(27) Il-Kummissjoni għandha tmexxi valutazzjoni interim, sa l-2010, li tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza ta’ l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL u l-progress li sar f’dawk li huma għanijiet stabbiliti. Din l-evalwazzjoni għandha tieħu kont ukoll tal-ħtieġa għal evalwazzjonijiet interim oħra li għandhom isiru qabel l-evalwazzjoni finali fl-aħħar ta’ l-2013,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fl-implimentazzjoni tas-Seba’ Programm Kwadru, il-Komunità għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lill-programm ta’ riċerka u żvilupp *Ambient Assisted Living* (il-Programm Konġunt AAL) mibdi b’mod konġunt mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-Istati Membri Parteċipanti) kif ukoll l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

[1] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1233/2007 (ĠU L 279, 23.10.2007, p. 10).
[2] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[3] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[4] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).

2. Il-Komunità għandha tħallas kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal massimu ta' EUR 150 miljun għat-tul taż-żmien tas-Seba' Programm Kwadru għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness I, li jifforma parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas mill-approprjazzjoni fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea allokata taħt it-tema tat-Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".

*Artikolu 2*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun suġġetta għal:

(a) dimostrazzjoni mill-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera li l-Programm Konġunt AAL kif deskritt fl-Anness I jiġi stabbilit b'mod effiċjenti;

(b) l-istabbiliment formali jew in-nomina mill-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera, jew l-organizzazzjonijiet nominati mill-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera, ta' struttura ta' implimentazzjoni speċifika b'personalità legali, li tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL u għar-riċeviment, l-allokazzjoni u s-sorveljanza tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta skond l-Artikolu 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 35, 38(2), u 41 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni;

(ċ) l-istabbiliment tal-mudell ta' tmexxija xieraq u effiċjenti għall-Programm Konġunt AAL f'konformità mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness II li huwa parti integrali ta' din id-Deċiżjoni;

(d) it-twettiq effiċjenti ta' l-attivitajiet taħt il-Programm Konġunt AAL deskritti fl-Anness I permezz ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, li tinvolvi li jiġu magħmula sejħiet għal proposti għall-konċessjoni tal-għotjiet;

(e) l-impenji ta' l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-Programm Konġunt AAL u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja, b'mod partikolari l-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti magħżulin wara s-sejħiet għal proposti magħmula taħt il-Programm;

(f) konformità mar-regoli Komunitarji għall-għajnuna ta' l-Istat, u b'mod partikolari r-regoli stabbiliti fil-Qafas Komunitarju għall-Għajnuna ta' l-Istat għal Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni ([1]);

(g) l-iżgurar ta' livell għoli ta' eċċellenza xjentifika u ta' osservanza ta' prinċipji etiċi skond il-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru; u l-integrazzjoni u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-iżvilupp sostenibbli; kif ukoll

(h) il-formulazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet li twettqu taħt il-Programm Konġunt AAL u l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-programmi ta' riċerka u żvilupp u attivitajiet mibdija fuq livell nazzjonali mill-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera b'tali mod li jimmiraw għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' tali għarfien u għall-appoġġ ta' l-użu u t-tixrid fuq firxa wiesgħa tal-għarfien li jkun inħoloq.

*Artikolu 3*

Fl-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, l-għoti ta' sostenn finanzjarju mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni lil partijiet terzi, u b'mod partikolari is-sostenn finanzjarju pprovdut lil parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet għal proposti għall-konċessjoni tal-għotjiet, għandhom ikunu suġġetti għal trattament ugwali u trasparenza, prevedibilità għall-applikanti u għal evalwazzjoni indipendenti. Is-sostenn finanzjarju lil partijiet terzi għandu jingħata abbażi ta' eċċellenza xjentifika ta' l-impatt soċjo-ekonomiku fuq livell Ewropew u fuq ir-relevanza ta' l-għanijiet ġenerali tal-Programm Konġunt AAL, skond il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 4*

L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà finanzjarja u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll ir-regoli dettaljati għall-provvizjoni ta' appoġġ finanzjarju mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni lil partijiet terzi għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, għan-nom tal-Komunità, u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, u l-ftehim finanzjarji annwali.

*Artikolu 5*

Jekk il-Programm Konġunt AAL ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew b'mod tardiv, il-Komunità tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skond l-implimentazzjoni attwali tal-Programm Konġunt AAL.

Jekk l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew b'mod tardiv għall-finanzjament tal-Programm Konġunt AAL, il-Komunità tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skond l-ammont ta' fondi pubbliċi allokati lill-Istati Membri parteċipanti, lill-Iżrael, lin-Norveġja u lill-Iżvizzera skond it-termini stipulati fil-ftehim li għandu jsir bejn il-Kummissjoni u l-istruttura ta' implimentazzjoni speċifika.

([1]) ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 6*

Matul l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità. B'mod partikolari, l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera għandhom jieħdu l-passi neċesssarji sabiex jiżguraw irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Komunità b'konformità ma' l-Artikoli 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 38(2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

*Artikolu 7*

Il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, permezz ta' l-uffiċjali jew l-aġenti tagħhom, iwettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jiżguraw it-tmexxija xierqa tal-fondi tal-Komunità u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi jew l-irregolarità. Għall-finijiet ta' dan, l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera u/jew l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandhom, fi żmien xieraq, jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri d-dokumenti kollha rilevanti.

*Artikolu 8*

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri. L-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma mistiedna jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, kwalunkwe tagħrif addizzjonali meħtieġ mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti ta' l-Awdituri li jikkonċerna l-ġestjoni finanzjarja ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni li hija konsistenti mar-rekwiżiti ġenerali għar-rappurtaġġ stabbiliti fl-Artikolu 12(1).

*Artikolu 9*

Kull Stat Membru jista' jissieħeb fil-Programm Konġunt AAL skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(e) sa (h).

*Artikolu 10*

Kull pajjiż terz jista' jissieħeb fil-Programm Konġunt AAL skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(e) sa (h) u, sakemm tali parteċipazzjoni tkun koperta bil-ftehim internazzjonali rilevanti u sakemm sew il-Kummissjoni u sew l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera jaqblu ma' dan.

*Artikolu 11*

Il-kundizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni, fil-Programm Konġunt AAL, ta' kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jew, fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, ta' kwalunkwe pajjiż ieħor, jista' jiġi miftiehem mal-Komunità abbażi tar-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u ta' kwalunkwe regoli ta' implimentazzjoni u arranġamenti.

*Artikolu 12*

1. Ir-rapport annwali tas-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità ma' l-Artikolu 173 tat-Trattat għandu jinkludi rapport dwar l-attivitajiet tal-Programm Konġunt AAL.

2. Valutazzjoni interim tal-Programm Konġunt AAL għandu jsir mill-Kummissjoni sentejn wara l-bidu tal-Programm, iżda f'kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-2010. Jekk jitqies li dan ikun meħtieġ wara l-ewwel reviżjoni interim, jistgħu jsiru valutazzjonijiet interim ulterjuri.

Il-valutazzjoni interim għandha tkopri l-progress lejn l-għanijiet stabbiliti fl-Anness I tal-Programm Konġunt AAL, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-mezzi l-aktar xierqa sabiex titjieb aktar l-integrazzjoni, il-kwalità u l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni, inkluż l-integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja tal-Programm Konġunt AAL u jekk il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera huwiex wieħed xieraq fl-isfond ta' domanda potenzjali mid-diversi komunitajiet nazzjonali tar-riċerka. Għandu jittieħed kont ta' l-esperjenza minn programmi konġunti oħra li jkunu twettqu skond l-Artikolu 169 tat-Trattat.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni interim, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha u, fejn xieraq, proposti għall-adattament ta' din id-Deċiżjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Fi tmiem is-sena 2013, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi evalwazzjoni finali tal-Programm Konġunt AAL. Għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati ta' l-evalwazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 13*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 14*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 9 ta' Lulju 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

**PREŻENTAZZJONI TA’ L-GĦANIJIET, L-ATTIVITAJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM KONĠUNT AAL**

## I. Miri Speċifiċi

Il-programm konġunt AAL għandu l-għanijiet speċifiċi kif ġej:

— It-trawwim tal-ħruġ ta’ prodotti, servizzi u sistemi għal xjuħija tajba fid-dar, fil-komunità u fuq ix-xogħol li jkunu innovattivi u bbażati fuq l-ICT, li b’hekk itejbu l-kwalità tal-ħajja, l-awtonomija, il-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, il-ħiliet u l-impjegabilità ta’ persuni mdaħħla fiż-żmien, u t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u dik soċjali. Dan jista’ jiġi bbażat *per eżempju* fuq utilizzazzjoni innovattiva tat-teknoloġija ta’ l-ICT, *metodi* ġodda għall-interazzjoni mal-klijenti jew tipi ġodda ta’ katini ta’ valur għas-servizzi ta’ ħajja indipendenti. Ir-riżultati tal-Programm Konġunt AAL jistgħu jintużaw ukoll minn gruppi oħra ta’ persuni, prinċipalment dawk b’diżabilitajiet.

— Il-ħolqien ta’ massa kritika ta’ riċerka, żvilupp u innovazzjoni fuq il-livell ta’ l-UE fit-teknoloġiji u s-servizzi għal xjuħija tajba fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni, inkluż l-istabbiliment ta’ ambjent li jiffavorixxi l-parteċipazzjoni ta’ SMEs fil-Programm.

— It-titjib fil-kundizzjonijiet għall-esplojtazzjoni industrijali tar-riżultati tar-riċerka billi jiġi pprovdut qafas koerenti Ewropew għall-iżvilupp ta’ metodi komuni inklużi standards minimi komuni u għall-iffaċilitar tal-lokalizzazzjoni u l-adattament ta’ soluzzjonijiet komuni li jkunu kompatibbli ma’ preferenzi soċjali u aspetti regolatorji diverġenti fuq livell nazzjonali jew reġjonali madwar l-Ewropa.

Billi jiffoka fuq riċerka applikata, il-Programm Konġunt AAL ser jikkomplementa attivitajiet ta’ riċerka aktar fit-tul previsti fis-Seba’ Programm Kwadru, kif ukoll l-attivitajiet ta’ dimostrazzjoni li jiffurmaw parti mill-Programm Kwadru ta’ Kompetittività u Innovazzjoni (mill-2007 sa l-2013) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta’ l-24 ta’ Ottubru 2006 ([1]), li jiffoka fuq l-applikazzjoni fuq skala kbira ta’ soluzzjonijiet eżistenti.

Permezz ta’ l-attivitajiet tiegħu, il-Programm Konġunt AAL għandu jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’ l-Istrateġija mġedda ta’ Lisbona u tas-soċjetà bbażata fuq l-għarfien, filwaqt li jiġi evitat li t-teknoloġiji l-ġodda jwasslu għall-esklużjoni soċjali. F’dan il-kuntest, għandu jiġi promoss l-iżvilupp ta’ soluzzjonijiet effettivi meta mqabbla man-nefqa (cost effective) li jistgħu jgħinu sabiex ikun żgurat aċċess ekwitabbli u simplifikat għal prodotti u servizzi relevanti bbażati fuq l-ICT, inkluż aċċess għal servizzi permezz ta’ għażla ta’ mezzi differenti, li jirrispettaw il-privatezza u d-dinjità ta’ l-anzjani fir-reġjuni kollha ta’ l-Ewropa, inklużi l-inħawi rurali u periferali.

Barra minn hekk, il-programm Konġunt AAL, għandu jippromwovi innovazzjoni u finanzjament konġunt mis-settur privat, b’mod partikolari mill-SMEs, għal proġetti relatati mas-suq, għall-adattazzjoni ta’ teknoloġija u soluzzjonijiet żviluppati permezz ta’ proġetti għall-bżonnijiet ta’ l-anzjani bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni soċjali tagħhom.

Meta jkun possibbli, għandhom ikunu żgurati l-kumplimentarjetà u s-sinerġiji bejn il-Programm Konġunt AAL u programmi oħra fuq livell Komunitarju, nazzjonali u reġjonali.

Għandha tittieħed kunsiderazzjoni xierqa dwar kwistjonijiet possibbli ta’ etika u ta’ privatezza f’konformità ma’ linji gwida internazzjonali.

## II. Attivitajiet

L-attività ewlenija fil-Programm Konġunt AAL tikkonsisti minn attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp u innovazzjoni. Dawn għandhom jiġu implimentati permezz ta’ proġetti transnazzjonali li l-ispejjeż tagħhom jiġu maqsuma u li jinvolvu sħab mill-anqas tliet Stati differenti minn fost l-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera jew pajjiżi parteċipanti oħrajn li jindirizzaw attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku, dimostrazzjonijiet u disseminazzjoni. Dawn għandhom jiġu mmirati għal riċerka orjentata lejn is-suq, għandhom ikunu ta’ tul ta’ żmien qasir jew medju u għandhom juru kapaċità għall-esplojtazzjoni tar-riżultati tal-proġett matul perjodu ta’ żmien realistiku.

([1]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.

Barra minn hekk, attivitajiet ta' senserija, ta' promozzjoni tal-programm u ta' netwerking jistgħu jiġi implimentati permezz ta' avvenimenti speċifiċi jew flimkien ma' avvenimenti eżistenti. Dawn ikunu jinkludu l-organizzazzjoni ta' workshops u l-istabbiliment ta' kuntatti ma' partijiet interessati oħra fil-katina tal-valur.

Il-Programm Konġunt AAL għandu jinvolvi konsultazzjoni ma' partijiet interessati Ewropej rilevanti oħra (bħal dawk responsabbli għad-deċiżjonijiet mill-ministeri u mill-awtoritajiet tas-settur pubbliku, l-provdituri tas-servizz tas-settur privat u ta' l-assigurazzjoni kif ukoll rappreżentanti mill-industrija, l-SMEs u l-utenti) dwar il-prijoritajiet ta' riċerka li għandhom jiġu indirizzati u l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-Programm Konġunt AAL għandu jieħu kont ukoll tat-tendenzi demografiċi u tar-riċerka demografika fl-Istati Membri differenti sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet li jirriflettu l-qagħda soċjali u ekonomika prevalenti fl-Unjoni.

## III. L-implimentazzjoni tal-Programm

*Programm ta' ħidma annwali u sejħiet għal proposti*

Il-Programm Konġunt AAL għandu jiġi implimentat abbażi ta' programmi ta' ħidma annwali li jidentifikaw is-suġġetti għal sejħiet ta' proposti li għandhom jiġu miftiehma mal-Kummissjoni bħala bażi għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

Il-Programm Konġunt AAL għandu joħroġ sejħiet regolari għal proposti f'konformità mal-programm ta' ħidma miftiehem. Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati mill-applikanti fuq livell ċentrali lill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni (punt ta' dħul uniku).

Wara t-tmiem ta' sejħa għal proposti, għandu jsir kontroll ċentrali għall-eliġibilità mill-istruttura ta' l-implimentazzjoni dedikata f'kooperazzjoni ma' l-Aġenziji nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Programm. Il-kontroll għandu jsir fuq il-bażi tal-kriterji komuni għall-eliġibilità tal-programm tal-Programm Konġunt AAL ppubblikat mal-programm ta' ħidma annwali kif stipulat hawn taħt. Kriterji għall-eliġibilità komuni għandhom jinkludu ta' l-inqas dan li ġej:

— tressiq ta' proposti f'waqthom, kompluti u b'mod elettroniku, u

— obbligi rigward il-kompożizzjoni tal-konsorzji.

Flimkien ma' dan, l-istruttura ta' l-implimentazzjoni speċifika, bl-għajnuna ta' l-Aġenziji nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Programm, għandha taċċerta skond il-kriterji nazzjonali għall-eliġibilità li dawn ikunu ppubblikati mal-programm ta' ħidma annwali. Dawn il-kriterji nazzjonali għall-eliġibilità, imsemmija fis-sejħiet rispettivi, għandhom jirrelataw biss għall-istatut legali u finanzjarju tal-parteċipanti individwali u mhux għall-kontenut tal-proposta u għandhom ikopru:

— it-tip ta' parteċipant, bħal ma huma l-istatut u r-raġuni legali,

— ir-responsabilità u l-vijabilità bħal ma huma s-saħħa finanzjarja, li jiġu sodisfatti l-obbligi tat-taxxa/soċjali eċċ.

Il-proposti eliġibbli għall-proġetti għandhom jiġu vvalutati u magħżula fuq livell ċentrali bl-għajnuna ta' l-esperti indipendenti, abbażi ta' kriterji trasparenti u komuni kif stabbiliti fil-programm ta' ħidma. Din l-għażla, ladarba adottata mill-Assemblea Ġenerali, għandha torbot lill-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tkun reponsabbli għas-sorveljanza ta' proġetti, u għandhom jiġu stabbiliti proċeduri operazzjonali komuni għall-ġestjoni kompleta taċ-ċiklu tal-proġett.

Peress li l-affarijiet amministrattivi li jikkonċernaw is-sħab nazzjonali tal-proġett fi ħdan il-proġetti magħżula għandhom jiġu ġestiti mill-Aġenzija nazzjonali tagħhom għall-Ġestjoni tal-Programm, għandhom jiġu applikati l-prinċipji nazzjonali għall-kriterji għall-eliġibilità strettament relatati ma' l-istatus legali u finanzjarju tal-parteċipanti individwali, kif speċifikat hawn fuq, kif ukoll il-prinċipji amministrattivi nazzjonali.

Fil-każijiet li, fl-istadju ta' l-għoti ta' kuntratt, parteċipant jonqos milli jissodisfa wieħed mill-kriterji nazzjonali għall-eliġibilità stipulati hawn fuq, il-Programm Konġunt AAL għandu jiżgura l-eċċellenza xjentifika. Għal din ir-raġuni, tista' ssir evalwazzjoni ċentrali u indipendenti addizzjonali tal-proposta kkonċernata bl-għajnuna ta' l-esperti indipendenti għal deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv, sabiex tiġi evalwata l-proposta mingħajr il-parteċipazzjoni tal-parteċipant rispettiv jew, jekk issuġġerit mill-konsorzju tal-proġett, ma' parteċipant li jeħodlu postu.

Kull pajjiż għandu jiffinanzja lil dawk il-parteċipanti nazzjonali tagħhom li l-proposti tagħhom irnexxew permezz ta' l-aġenziji nazzjonali. Barra minn hekk dawn għandhom imexxu l-fondi ċentrali mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, abbażi ta' ftehim li għandu jiġi konkluż bejn l-aġenziji rispettivi u l-parteċipanti nazzjonali tagħhom għal kull proġett.

*Sabiex tiġi żgurata l-integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja*

Il-Programm Konġunt AAL għandu jiżgura l-integrazzjoni xjentifika tal-programmi parteċipanti nazzjonali permezz ta' l-elaborazzjoni ta' programmi ta' ħidma komuni u għandhom jittrattaw suġġetti li jinsabu fil-programmi nazzjonali kollha.

L-integrazzjoni ġestjonarja tal-programmi nazzjonali għandha tiġi żgurata permezz ta' l-entità legali stabbilita fl-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Il-ġestjoni tal-Programm Konġunt AAL għandu jinkludi:

— organizzazzjoni ċentrali tas-sejħiet tal-proposti;

— valutazzjoni ċentrali, indipendenti u trasparenti mill-esperti fuq livell Ewropew ibbażata fuq regoli komuni u kriterji għall-valutazzjoni u l-għażla tal-proposti abbażi ta' eċċellenza xjentifika;

— indirizz wieħed għas-sottomissjoni (sottomissjoni elettronika hija prevista).

Il-Programm Konġunt AAL għandu jsaħħaħ l-integrazzjoni finanzjarja billi:

— jiżgura t-twettiq globali ta' l-impenji nazzjonali għat-tul ta' l-inizjattiva kif ukoll ta' l-impenji annwali għal kull programm ta' ħidma propost;

— jiżgura li l-klassifikazzjoni finali tal-proposti miftiehma abbażi tal-valutazzjoni għandha tkun torbot lill-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera, kif spjegat hawn fuq, inkluż fl-istadju ta' l-għoti tal-kuntratt;

— jippromwovi flessibilità sa fejn ikun possibbli fir-rigward ta' l-allokazzjoni fil-baġit nazzjonali għall-ġestjoni ta' eċċezzjonijiet, eż. billi jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali jew il-finanjament transversali.

Bħala parti mill-inizjattiva għandu jsir kull sforz mill-Istati Membri parteċipanti għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni u sabiex jitwarrbu l-ostakli legali u amministrattivi nazzjonali eżistenti għal kooperazzjoni internazzjonali.

IV. **Prinċipji ta' Finanzjament**

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tirrappreżenta perċentwali fiss tal-fondi pubbliċi mill-programmi nazzjonali parteċipanti, iżda fi kwalunkwe każ ma għandhiex teċċedi 50 % tat-total tal-fondi pubbliċi ta' parteċipant fiproġett magħżul wara sejħa għal proposti taħt il-Programm Konġunt AAL. Dan il-perċentwali fiss għandu jiġi definit fil-ftehim bejn l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni u l-Kummissjoni u għandu jkun ibbażat fuq l-impenn multiannwali ta' l-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera u l-kontribuzzjoni tal-Komunità.

Mhux aktar minn 6 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tintuża sabiex tikkontribwixxi għall-ispejjeż operattivi globali tal-Programm Konġunt AAL.

L-Istati Membri parteċipanti, l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera għandhom ukoll jikkontribwixxu sabiex jiżguraw it-tħaddim effettiv tal-Programm Konġunt AAL.

Il-proġetti għandhom ikunu kofinanzjati mill-parteċipanti fil-proġett.

V. **Ir-riżultati mistennija mill-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL**

L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tipprovdi rapport annwali, li għandu jagħti ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL (in-numru ta' proġetti ppreżentati u magħżula għal finanzjament, l-użu ta' finanzjament Komunitarju, id-distribuzzjoni tal-fondi nazzjonali, it-tip ta' parteċipanti, l-istatistika tal-pajjiż, l-avvennimenti ta' senserija u l-attivitajiet ta' disseminazzjoni, eċċ) u l-progress lejn integrazzjoni msaħħa.

Ir-riżultati mistennija għandhom jiġu deskritti aktar fid-dettall fil-ftehim li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, għannom tal-Komunità, u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni.

*ANNESS II*

## LINJI TA' GWIDA GĦALL-ĠESTJONI TAL-PROGRAMM KONĠUNT AAL

L-istruttura organizzazzattiva tal-Programm Konġunt AAL hija kif ġej:

L-Assoċjazzjoni AAL, li hija assoċjazzjoni internazzjonali "mhux għall-profitt" stabbilita taħt il-liġi tal-Belġju, tikkostitwixxi l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni maħluqa mill-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

L-Assoċjazzjoni AAL hija responsabbli għall-attivitajiet kollha tal-Programm Konġunt AAL. Id-dmirijiet ta' l-Assoċjazzjoni AAL jinkludu l-ġestjoni kuntrattwali u tal-baġit, l-iżvilupp ta' programmi ta' ħidma annwali, l-organizzazzjoni ta' proposti, it-tmexxija ta' l-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' proġetti. Barra minn hekk, tagħmel superviżjoni fuq is-sorveljanza tal-proġett u tittrasferixxi l-ħlasijiet assoċjati tal-kontibuzzjonijiet Komunitarji lil aġenziji nazzjonali nnominati tal-programm. Torganizza wkoll attivitajiet ta' disseminazzjoni.

L-Assoċjazzjoni AAL hija mmexxija mill-Assemblea Ġenerali. L-Assemblea Ġenerali, li hija l-korp responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-Programm Konġunt AAL, taħtar il-membri tal-Bord Eżekuttiv u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt AAL, inkluż l-approvazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, l-allokazzjoni tal-fondi nazzjonali għall-proġetti u l-applikazzjonijiet għal membri ġodda. Ser taħdem fuq il-bażi tal-prinċipju ta' pajjiż wieħed vot wieħed. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza sempliċi, minbarra d-deċiżjonijiet dwar is-suċċessjoni, l-ammissjoni jew l-esklużjoni tal-membri jew dwar ix-xoljiment ta' l-Assoċjazzjoni, li għalih jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' votazzjoni fl-istatuti ta' l-Assoċjazzjoni. Il-Kummissjoni għandha l-istatus ta' osservatur fil-laqgħat ta' l-Assemblea Ġenerali.

Il-Bord Eżekuttiv ta' l-AAL – li mill-inqas jikkonsisti minn President, Viċi President u teżorier – jiġi elett mill-Assemblea Ġenrali sabiex imexxi r-responsabbiltajiet speċifiċi ta' ġestjoni bħall-ippjanar tal-baġit, il-persunal u l-kuntratti. Legalment jirrappreżenta l-Assoċjazzjoni u jirrapporta lill-Assemblea Ġenerali.

L-Aġenziji nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Programm jiġu awtorizzati mill-Istati Membri parteċipanti u l-Iżrael, in-Norveġja u l-Iżvizzera sabiex imexxu x-xogħol assoċjat mal-ġestjoni tal-proġett u ma' aspetti amministrattivi u legali għas-sħab nazzjonali tal-proġett kif ukoll sabiex jipprovdi appoġġ għall-valutazzjoni u n-negozjar tal-proposti tal-proġett. Jaħdmu taħt is-superviżjoni ta' l-Assoċjazzjoni AAL.

Bord Konsultattiv li jinkludi rappreżentanti mill-industrija u partijiet interessati oħrajn inklużi rappreżentanti ta' nies ta' ġenerazzjonijiet differenti, jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-prijoritajiet u suġġetti li għandhom jiġu indirizzati fis-sejħiet għal proposti tal-Programm Konġunt AAL.

# DEĊIŻJONI Nru 743/2008/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tad-9 ta' Lulju 2008

## dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u żvilupp mibdi minn diversi Stati Membri li għandu l-għan li jappoġġja lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 169 u 172, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-Seba' Programm Kwadru") tipprovdi għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka u żvilupp mibdija minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-programmi, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(2) Is-Seba' Programm Kwadru iddefinixxa sensiela ta' kriterji għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal tali inizjattivi fl-ambitu ta' l-Artikolu 169: ir-rilevanza għall-għanijiet tal-Komunità, id-definizzjoni ċara ta' l-għan li jrid jiġi segwit u r-rilevanza tiegħu ma' l-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru, il-preżenza ta' bażi pre-eżistenti (programmi nazzjonali ta' riċerka eżistenti jew maħsuba), il-valur miżjud Ewropew, massa kritika fir-rigward tad-daqs u l-għadd ta' programmi involuti u x-xebh bejn l-attivitajiet li jkopru, u l-effiċjenza ta' l-Artikolu 169 tat-Trattat bħala l-mezzi l-aktar xierqa sabiex jitwettqu l-għanijiet.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) ([4]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Programm Speċifiku 'Kapaċitajiet'") tidentifika inizjattiva fl-ambitu ta' l-Artikolu 169 fil-qasam ta' l-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) li jwettqu attivitajiet ta' riċerka, bħala wieħed mill-oqsma adattati għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-programmi nazzjonali ta' riċerka implimentati b'mod konġunt fuq il-bażi ta' l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-24 ta' Settembru 2004, il-Kunsill irrikonoxxa r-rwol importanti tas-Seba Programm Kwadru fit-tisħiħ ta' l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), u f'dan il-kuntest enfasizza l-importanza li jissaħħu r-rabtiet bejn iż-ŻER u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi Ewropej, bħall-EUREKA.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 u s-26 ta' Novembru 2004, il-Kunsill enfasizza l-importanza ta' l-SMEs għat-tkabbir u l-kompetittività Ewropej, u għalhekk il-bżonn li l-Istati Membri u l-Kummissjoni isaħħu l-effikaċja u l-komplementarjetà tal-programmi nazzjonali u Ewropej ta' appoġġ għall-SMEs. Dan inkoraġġixxa lill-Kummissjoni sabiex tesplora l-iżvilupp possibbli ta' skema minn isfel għal fuq għall-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka. Il-Kunsill fakkar l-importanza tal-koordinazzjoni ta' programmi nazzjonali sabiex tiġi żviluppata ż-ŻER. Il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jikkoperaw mill-qrib sabiex jidentifikaw numru limitat ta' oqsma ħalli jkun jista' jiġi applikat aktar l-Artikolu 169 tat-Trattat. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa aktar il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Komunitajiet u l-attivitajiet imwettqa fil-qafas ta' l-istrutturi intergovernattivi, partikolarment ma' l-EUREKA, filwaqt li fakkar il-Konferenza Ministerjali ta' l-EUREKA tat-18 ta' Ġunju 2004.

([1]) Opinjoni tad-29 ta' Mejju 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea).

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' April 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2008.

([3]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

([4]) ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299. Verżjoni korretta fil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101.

(6) Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 2005 dwar ix-xjenza u t-teknoloġija – Linji Gwida għall-Politika futura ta' l-Unjoni Ewropea ta' appoġġ għar-Riċerka ([1]), il-Parlament Ewropew inkoraġġixxa lill-Istati Membri sabiex jadottaw inċentivi fiskali u oħrajn sabiex jippromwovu l-innovazzjoni industrijali, inkluż rabtiet ma' l-EUREKA, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-SMEs, u enfasizza li ż-ŻER setgħet tkun possibbli biss jekk l-Unjoni talloka proporzjon akbar ta' finanzjament għar-riċerka bil-għan li l-linji politiċi tar-riċerka Ewropej, nazzjonali u reġjonali jiġu koordinati aktar mill-qrib kemm fejn jirrigwarda s-sustanza tagħhom kif ukoll il-finanzjament tagħhom u, jekk dan il-finanzjament ikun addizzjonali għall-linja politika tar-riċerka fi u bejn l-Istati Membri. Il-Parlament Ewropew iddikjara li għandu jkun hemm użu aktar effiċjenti u koordinat minn mekkaniżmi ta' finanzjament kif ukoll minn mekkaniżmi ta' sostenn oħrajn sabiex jiġu appoġġjati r-riċerka u l-iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejħa "R&D") u l-innovazzjoni, fejn isemmi, fost oħrajn, lill-EUREKA. Huwa talab koperazzjoni msaħħa bejn il-programmi nazzjonali ta' riċerka, u talab lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattivi b'mod konformi ma' l-Artikolu 169 tat-Trattat.

(7) Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-4 ta' Ġunju 2003 ntitolata "Ninvestu fir-riċerka: pjan ta' azzjoni għall-Ewropa", il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' l-SMEs f'miżuri diretti sabiex jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, li huwa ta' importanza kbira sabiex tiżdied il-kapaċità innovattiva ta' oqsma kbar ta' l-ekonomija.

(8) Bħalissa, numru ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp mibdija mill-Istati Membri individwalment fuq livell nazzjonali sabiex jiġu appoġġjati attivitajiet ta' R&D mwettqa mill-SMEs m'humiex qed jiġu kkoordinati biżżejjed fuq livell Ewropew u m'humiex jippermettu metodu koerenti fuq livell Ewropew għal programm effettiv ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku.

(9) Billi jixtiequ li jkollhom metodu koerenti fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D u li jaġixxu b'mod effettiv, diversi Stati Membri ħadu l-inizjattiva fi ħdan il-qafas ta' l-EUREKA sabiex jistabbilixxu programm konġunt ta' riċerka u żvilupp imsejjaħ "Eurostars" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Programm Konġunt Eurostars") għall-benefiċċju ta' l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D, sabiex jiksbu massa kritika f'termini ta' riżorsi ġestjonarji u finanzjarji u l-kombinazzjoni ta' kompetenzi u riżorsi addizzjonali li huma disponibbli f'diversi pajjiżi fl-Ewropa.

(10) Il-Programm Konġunt Eurostars għandu l-għan li jappoġġja lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D billi jforni l-qafas legali u organizzattiv neċessarju għall-koperazzjoni Ewropea fuq skala kbira bejn l-Istati Membri fejn jikkonċerna r-riċerka applikata u l-innovazzjoni, fi kwalunkwe qasam teknoloġiku u industrijali, għall-benefiċċju ta' dawn l-SMEs. Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, il-Finlandja, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri parteċipanti"), u l-Iżlanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-pajjiżi parteċipanti l-oħra") ftiehmu li jikkoordinaw u jimplimentaw attivitajiet konġunti bil-għan li jikkontribwixxu għall-Programm Konġunt Eurostars. Il-valur ġenerali tal-parteċipazzjoni tagħhom huwa stmat li jlaħħaq mill-inqas is-somma ta' EUR 300 miljun għall-perjodu propost ta' sitt snin. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tirrappreżenta massimu ta' 25 % tal-kontribuzzjoni pubblika totali għall-Programm Konġunt Eurostars, li hija stmata li tlaħħaq is-somma ta' EUR 400 miljun.

(11) Sabiex jiżdied l-impatt tal-Programm Konġunt Eurostars, l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra ftiehmu dwar il-parteċipazzjoni Komunitarja fil-Programm Konġunt Eurostars. Il-Komunità għandha tipparteċipa billi tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja sa EUR 100 miljun għall-perjodu kollu tal-Programm Konġunt Eurostars. Billi l-Programm Konġunt Eurostars jilqa' l-għanijiet xjentifiċi tas-Seba' Programm Kwadru u billi l-qasam tal-Programm Konġunt Eurostars jaqa' fi ħdan it-tema tar-"Riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs" tal-Programm Speċifiku Kapaċitajiet, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tittieħed mill-approprijazzjoni allokata fil-baġit għal dik it-tema. Jistgħu jkunu disponibbli possibilitajiet finanzjarji oħra, *inter alia*, mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI), b'mod partikolari permezz tal-Faċilità għat-Tqassim tar-Riskju Finanzjarju żviluppata b'mod konġunt mal-BEI u l-Kummissjoni skond l-Anness III tad-Deċiżjoni 2006/974/KE.

(12) L-appoġġ finanzjarju tal-Komunità għandu jingħata soġġett għad-definizzjoni ta' pjan finanzjarju bbażat fuq impenji formali ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-implimentazzjoni b'mod konġunt tal-programmi ta' riċerka u żvilupp u attivitajiet mibdija fuq livell nazzjonali u għall-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament ta' l-eżekuzzjoni konġunta tal-Programm Konġunt Eurostars.

(13) L-implimentazzjoni konġunta tal-programmi nazzjonali ta' riċerka tirrikjedi l-istabbiliment jew l-eżistenza ta' struttura speċifika ta' implimentazzjoni, kif ipprovdut fil-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet".

(14) L-Istati Membri parteċipanti qablu fuq struttura speċifika ta' implimentazzjoni bħal din għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars.

([1]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 259.

(15) L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tkun ir-riċevitur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u għandha tiżgura l-eżekuzzjoni effiċjenti tal-Programm Konġunt Eurostars.

(16) Il-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun soġġetta għall-impenn ta' riżorsi mill-Istati Membri parteċipanti, u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra u għall-ħlas effettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom.

(17) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun soġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim ġenerali bejn il-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, li fih hemm l-arranġamenti dettaljati għall-użu tal-kontribuzzjoni Komunitarja. Dan il-ftehim ġenerali għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Komunità jiġu protetti.

(18) L-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandu jitqies bħala dħul assenjat, skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"). Il-kontribut massimu Komunitarju indikat f'din id-Deċiżjoni jista' jiżdied mill-Kummissjoni skond kif meħtieġ.

(19) Il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha jekk il-Programm Konġunt Eurostars jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew inkella tardiv, jew f'każ li l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu parzjalment jew b'mod tardiv għall-finanzjament tal-Programm Konġunt Eurostars, f'konformità mat-termini stabbiliti bi ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Komunità u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni.

(20) Sabiex il-Programm Konġunt Eurostars jiġi implimentat b'mod effiċjenti, l-appoġġ finanzjarju għandu jingħata lill-parteċipanti fil-proġetti tal-Programm Konġunt Eurostars (minn hawn 'il quddiem imsejħa "proġetti Eurostars") li jintgħażlu fil-livell ċentrali wara sejħa għal proposti. Dan l-appoġġ finanzjarju u l-ħlas tiegħu għandhom ikunu trasparenti u effiċjenti. Il-ħlas għandu jsir fil-perjodu stabbilit fi ftehim bejn l-entitajiet ta' appoġġ nazzjonali u l-istrutturi speċifiċi ta' implimentazzjoni. L-istrutturi speċifiċi ta' implimentazzjoni għandhom jinkoraġġixxu lill-Istati Membri parteċipanti u pajjiżi oħra parteċipanti biex iwettqu l-ħlas lill-parteċipanti fi proġetti Eurostars magħżula b'mod konvenjenti, inkluż - meta jkun xieraq - permezz ta' finanzjament f'somma unika.

(21) L-evalwazzjoni tal-proposti għandha titwettaq fil-livell ċentrali minn esperti indipendenti. Il-lista tal-klassifika, approvata fil-livell ċentrali, għandha tkun torbot għall-allokazzjoni tal-fondi mill-kontribuzzjoni Komunitarja u mill-baġits nazzjonali intenzjonati għall-proġetti ta' l-Eurostars.

(22) Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tiġi ġestita fil-qafas ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta, skond ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej [2] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Regoli ta' Implimentazzjoni").

(23) Għal kull proġett ta' Eurostars magħżul, l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D għandhom jikkontribwixxu b'mod kollettiv il-parti l-kbira ta' l-ispejjeż totali relatati ma' l-attivitajiet ta' R&D tal-parteċipanti kollha.

(24) Kwalunkwe Stat Membru jista' jieħu sehem fil-Programm Konġunt Eurostars.

(25) F'konformità ma' l-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru, il-parteċipazzjoni fil-Programm Konġunt Eurostars tal-pajjiżi assoċjati fis-Seba' Programm Kwadru jew tal-pajjiżi l-oħra għandha tkun possibbli kemm-il darba din il-parteċipazzjoni tkun prevista bil-ftehim internazzjonali rilevanti u kemm-il darba il-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi l-oħra parteċipanti jkunu jaqblu magħha.

(26) F'konformità mas-Seba' Programm Kwadru, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tiftiehem il-kundizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha lill-Programm Konġunt Eurostars li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni fih ta' kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jew, fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li jingħaqad mal-Programm matul l-implimentazzjoni tiegħu, skond ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

[2] ĠU J L 357, 31.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).

(27) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u l-passi neċessarji għall-irkupru ta' fondi mitlufa jew imħallsin jew użati ħażin, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [1], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra [2] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) [3].

(28) Huwa essenzjali li l-attivitajiet ta' riċerka li jitwettqu taħt il-Programm Konġunt Eurostars jikkonformaw mal-prinċipji bażi ta' etika, inkluż dawk riflessi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u jsegwu l-prinċipji ta' mainstreaming u ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

(29) Il-Kummissjoni għandha tmexxi valutazzjoni interim, li tivvaluta b'mod partikolari l-kapaċità ta' l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D għall-aċċess fil-Programm Konġunt Eurostars u l-kwalità u l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars u l-progress li sar f'dak li huma għanijiet stabbiliti, kif ukoll valutazzjoni.

(30) Il-monitoraġġ ta' l-eżekuzzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars għandu jkun effiċjenti u m'għandux jimponi piż mhux neċessarju fuq il-parteċipanti fil-programm, b'mod partikolari l-SMEs.

(31) L-istruttura speċifika għall-implimentazzjoni għandha tħeġġeġ lill-parteċipanti fil-proġetti Eurostars magħżula biex jikkomunikaw u jaqsmu r-riżultati tagħhom u biex jippubblikaw din l-informazzjoni.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fl-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru il-Komunità għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lill-Programm Konġunt Eurostars mibdi b'mod konġunt mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-Istati Membri parteċipanti), u l-Iżlanda, l-Iżrael, in-Norveġja, l-Iżvizzera u t-Turkija (il-pajjiżi parteċipanti l-oħra).

2. Il-Komunità għandha tħallas kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal massimu ta' terz tal-kontribuzzjonijiet effettivi ta' l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra sa limitu ta' EUR 100 miljun għall-perjodu kemm idum is-Seba' Programm Kwadru, skond il-prinċipji stabbiliti fl-Anness I.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha titħallas mill-approprijazzjoni fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea allokata fil-baġit għall-parti "Riċerka għall-benefiċċju ta' l-SMEs" tal-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet".

*Artikolu 2*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità tkun soġġetta għal:

(a) dimostrazzjoni mill-Istati Membri parteċipanti u mill-pajjiżi parteċipanti l-oħra li l-Programm Konġunt Eurostars kif deskritt fl-Anness jiġi stabbilit b'mod effiċjenti;

(b) l-istabbiliment formali jew il-ħatra mill-Istati Membri parteċipanti u mill-pajjiżi parteċipanti l-oħra, ta' struttura speċifika ta' implimentazzjoni b'personalità legali, li tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars u għar-riċeviment, l-allokazzjoni u s-sorveljanza tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fil-qafas tal-ġestjoni ċentralizzata indiretta skond l-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 35, 38(2) u 41 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni;

(c) l-istabbiliment tal-mudell ta' tmexxija xieraq u effiċjenti għall-Programm Konġunt Eurostars f'konformità ma' l-Anness II;

(d) it-twettiq effiċjenti ta' l-attivitajiet taħt il-Programm Konġunt Eurostars deskritti fl-Anness I permezz ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, li tirrikjedi t-tnedija ta' sejħiet għal proposti għall-konċessjoni tal-għotjiet;

(e) l-impenji ta' l-Istati Membri parteċipanti u tal-pajjiżi parteċipanti l-oħra sabiex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-Programm Konġunt Eurostars u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom, b'mod partikolari l-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti Eurostars magħżulin wara s-sejħiet għall-proposti mibdija taħt il-Programm Konġunt Eurostars;

(1) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1233/2007 (ĠU L 279, 23.10.2007, p. 10).
(2) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
(3) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

(f) konformità mar-regoli Komunitarji għall-għajnuna ta' l-Istat, u b'mod partikolari r-regoli stabbiliti fil-Qafas Komunitarju għall-Għajnuna ta' l-Istat għal Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni ([1]);

(g) l-iżgurar ta' livell għoli ta' eċċellenza xjentifika u ta' osservanza ta' prinċipji etiċi skond il-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru, ta' mainstreaming u ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u ta' żvilupp sostenibbli, u

(h) il-formulazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet li twettqu taħt il-Programm Konġunt Eurostars u l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-programmi ta' R&D u attivitajiet mibdija fuq livell nazzjonali mill-Istati Membri parteċipanti u mill-pajjiżi parteċipanti l-oħra b'tali mod li jimmiraw għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' tali għarfien u għall-appoġġ għal-użu wiesgħa u disseminazzjoni ta' l-għarfien maħluq.

*Artikolu 3*

Fl-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, l-għoti ta' sostenn finanzjarju lil parteċipanti fi proġetti Eurostars magħżula fil-livell ċentrali skond l-Anness II, wara sejħiet għal proposti għall-konċessjoni ta' l-għotjiet, għandhom ikunu soġġetti għal trattament ugwali u trasparenza. Is-sostenn finanzjarju għandu jingħata fuq il-bażi ta' eċċellenza xjentifika, u meta tiġi kkunsidrata n-natura speċifika tal-grupp fil-mira tal-SMEs l-impatt soċjo-ekonomiku fil-livell Ewropew u r-rilevanza għall-objettivi ġenerali tal-programm, u skond il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 4*

L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà finanzjarja u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll ir-regoli dettaljati għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni lil partijiet terzi għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, għan-nom tal-Komunità, u ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, u *ta*l-ftehim finanzjarju annwali.

*Artikolu 5*

Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja allokata lill-Programm Konġunt Eurostars għandha titqies bħala dħul assenjat. Il-kontribuzzjoni Komunitarja massima indikata fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni tista' tiżdied mill-Kummissjoni skond kif meħtieġ.

*Artikolu 6*

Jekk il-Programm Konġunt Eurostars ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat b'mod inadegwat, parzjalment jew b'mof tardiv, jew jekk l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew b'mod tardiv għall-finanzjament tal-Programm Konġunt Eurostars, il-Komunità tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha skond l-implimentazzjoni attwali tal-Programm Konġunt Eurostars u l-ammont ta' fondi pubbliċi allokati lill-Istati Membri parteċipanti u lill-pajjiżi parteċipanti l-oħra għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, skond it-termini stabbiliti fil-ftehim li għandi jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 7*

Fl-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi, regolatorji, amministrattivi jew miżuri oħra meħtieġa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità. B'mod partikolari, l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammonti dovuti lill-Komunità skond l-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 38(2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

*Artikolu 8*

Il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu, permezz ta' l-uffiċjali jew l-aġenti tagħhom, iwettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jiżguraw it-tmexxija xierqa tal-fondi tal-Komunità u jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi jew irregolarità oħra. Għall-finijiet ta' dan, l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra *u* l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandhom, fi żmien xieraq, jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri d-dokumenti kollha rilevanti.

*Artikolu 9*

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri. L-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra huma mistiedna jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, kwalunkwe tagħrif addizzjonali meħtieġ mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Qorti ta' l-Awdituri li jikkonċerna l-ġestjoni finanzjarja ta' l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 10*

Kull Stat Membru jista' jissieħeb fil-Programm Konġunt Eurostars skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(e) sa (h).

*Artikolu 11*

Kull pajjiż terz jista' jissieħeb fil-Programm Konġunt Eurostars skond il-kriterji stabbilit fl-Artikolu 2(e) sa (h), sakemm tali parteċipazzjoni tkun koperta bil-ftehim internazzjonali rilevanti u sakemm sew il-Kummissjoni u sew l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jaqblu ma' dan.

([1]) ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 12*

Il-kundizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni, fil-Programm Konġunt Eurostars, ta' kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jew, fejn ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, ta' kwalunkwe pajjiż ieħor, jista' jiġi miftiehem mal-Komunità fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u ta' kwalunkwe regoli ta' implimentazzjoni u arranġamenti.

*Artikolu 13*

1. Ir-rapport annwali tas-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità ma' l-Artikolu 173 tat-Trattat għandu jinkludi taqsira ta' l-attivitajiet tal-Programm Konġunt Eurostars ibbażata fuq ir-rapport annwali li għandu jiġi ppreżentat mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

2. Għandha ssir valutazzjoni interim tal-Programm Konġunt Eurostars mill-Kummissjoni sentejn wara l-bidu tal-Programm Konġunt Eurostars u għandha tkopri l-progress lejn l-għanijiet imsemmija fl-Anness I. Il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-mezzi l-aktar xierqa sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni xjentifika, maniġerjali u finanzjarja u tiġi valutata l-abilita' b'mod partikolari ta' SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D li jkollhom aċċess għall-Programm Konġunt Eurostars u l-kwalita' u l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' dan, flimkien ma' l-osservazzjonijiet tagħha u, fejn xieraq, proposti biex din id-Deċiżjoni tiġi emendata, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Fi tmiem il-Programm Konġunt Eurostars, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi valutazzjoni finali tal-Programm. Għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati tal-valutazzjoni finali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 14*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 9 ta' Lulju 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

## DESKRIZZJONI TA' L-GĦANIJIET U L-ATTIVITAJIET TAL-PROGRAMM KONĠUNT EUROSTARS

### I. **L-Għanijiet**

L-għan ta' din l-inizjattiva mressqa mill-Pajjiżi Membri ta' l-EUREKA huwa li jiġi stabbilit il-Programm Konġunt Eurostars li jkollu fil-mira tiegħu lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (R&D). Dawn l-SMEs, kumpaniji intensivi fl-għarfien u bbażati fuq it-teknoloġija/l-innovazzjoni, għandhom rwol importanti ħafna fil-proċess ta' l-innovazzjoni. Dawn huma kkaratterizzati b'orjentazzjoni qawwija lejn il-klijent jew is-suq, bil-mira li jiksbu pożizzjoni internazzjonali b'saħħitha billi jmexxu 'l quddiem proġetti innovattivi ħafna u orjentati lejn is-suq. Ibbażati fuq il-kapaċità tal-R&D tagħhom stess, dawn għandhom il-ħila li jiżviluppaw prodotti, proċessi jew servizzi li jkollhom vantaġġ innovattiv jew teknoloġiku ċar. Il-kumpaniji jistgħu jvarjaw fid-daqs u fl-ambitu ta' l-attivitajiet, billi pereżempju jkunu negozji stabbiliti bi storja konsistenti ta' attivitajiet avvanzati ta' R&D orjentati lejn l-applikazzjoni, jew *start-ups* b'potenzjal għoli. L-R&D jikkostitwixxi element importanti fl-istrateġija imprenditorjali u fil-pjani ta' negozju tagħhom. Dawn il-kumpaniji għandhom ikunu SMEs fit-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju [1], u li għandhom jiddedikaw parti notevoli mill-attività tagħhom għar-R&D. Il-limiti dettaljati ta' din l-attività għandhom jiġu kkjarifikati skond l-Anness II.

Il-Programm Konġunt Eurostars għandu fil-mira l-appoġġ ta' *tali* SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D billi:

1. joħloq mekkaniżmu ta' sostenn faċilment aċċessibbli u sostenibbli Ewropew ta' R&D għalihom;

2. jinkoraġġihom joħolqu attivitajiet ekonomiċi ġodda bbażati fuq ir-riżultati ta' R&D u jġibu fis-suq prodotti, proċessi u servizzi ġodda aktar malajr milli jista' jkun;

3. jippromwovi l-iżvilupp teknoloġiku u kummerċjali, u l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom.

Il-Programm Konġunt Eurostars għandu jikkumplimenta l-programmi eżistenti nazzjonali u ta' l-Unjoni Ewropea li huma mmirati sabiex jappoġġjaw lill-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D fil-proċess ta' l-innovazzjoni tagħhom.

Dan għandu jikkontribwixxi għall-kompetittività Ewropea, għall-innovazzjoni, għall-impjiegi, għall-bidla ekonomika, għal żvilupp sostenibbli u għall-protezzjoni ambjentali, u għandu jgħin sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' Lisbona u ta' Barċellona. *Dan* għandu jappoġġja, permezz ta' metodu minn isfel għal fuq, attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp u ta' dimostrazzjoni attwati minn konsorzji transnazzjonali mmexxija minn SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D u jikkopera, fejn xieraq, ma' organizzazzjonijiet tar-riċerka u/jew ma' intrapriżi kbar.

Il-Programm Konġunt Eurostars huwa mmirat li jallinja u jissinkronizza l-programmi nazzjonali ta' riċerka u innovazzjoni rilevanti sabiex jiġi stabbilit programm konġunt, li jikkaratterizza l-integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja, waqt li jkun ta' kontribuzzjoni importanti lejn l-eżekuzzjoni taż-ŻER. L-integrazzjoni xjentifika tinkiseb bid-definizzjoni komuni u bl-implimentazzjoni ta' attivitajiet taħt il-Programm Konġunt Eurostars. L-integrazzjoni ġestjonarja tinkiseb bl-użu tas-Segretarjat ta' l-EUREKA bħala l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni. Ir-rwol tiegħu huwa li jmexxi l-Programm Konġunt Eurostars u li jissorvelja l-eżekuzzjoni tiegħu, kif spjegat f'aktar dettal fl-Anness II. L-integrazzjoni finanzjarja timplika li l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-finanzjament tal-Programm Konġunt Eurostars, li jinvolvi b'mod partikolari l-impenn li jiġu ffinanzjati l-parteċipanti tal-proġetti ta' l-Eurostars li jiġu magħżula mill-baġits nazzjonali allokati għall-Programm Konġunt Eurostars.

Fuq perjodu twil, din l-inizjattiva għandha taħdem sabiex tiżviluppa forom aktar stretti ta' integrazzjoni xjentifika, ġestjonarja u finanzjarja. L-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra għandhom isaħħu aktar tali ntegrazzjoni u jneħħu l-ostakli legali u amministrattivi nazzjonali eżistenti għall-koperazzjoni internazzjonali bħala parti mill-inizjattiva.

### II. **L-Attivitajiet**

L-attività ewlenija fil-Programm Konġunt Eurostars tikkonsisti f'attivitajiet ta' R&D li jitmexxew minn SME jew minn SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti jew fil-pajjiżi parteċipanti l-oħra. Organizzazzjonijiet ta' riċerka, universitajiet, SMEs oħra u kumpaniji kbar ukoll jistgħu jipparteċipaw fil-Programm. L-attivitajiet ta' R&D jistgħu jsiru fil-qasam kollu tax-xjenza u t-teknoloġija u jiġu:

1. implimentati permezz ta' proġetti transnazzjonali b'diversi msieħba liema proġetti jkunu jinvolvu mill-inqas żewġ parteċipanti indipendenti mill-Istati Membri parteċipanti jew mil-pajjiżi parteċipanti l-oħra parteċipanti differenti li jindirizzaw attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku, ta' dimostrazzjoni, ta' taħriġ, u ta' disseminazzjoni;

[1] ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

2. eżegwiti fil-maġġor parti tagħhom minn SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D. Għal kull proġett ta' l-Eurostars magħżul, l-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D għandhom jikkontribwixxu b'mod kollettiv għall-parti l-kbira ta' l-ispejjeż totali relatati ma' l-attivitajiet tar-R&D tal-parteċipanti kollha. Subappaltar minuri jista' jiġi permess, jekk dan ikun meħtieġ għall-proġett.

3. mmirati lejn R&D li jkunu orjentati lejn is-suq, u għandhom ikunu ta' perjodu qasir jew medju u jindirizzaw xogħol ta' R&D li jkun impenjattiv; l-SMEs għandhom juru l-kapaċità li jisfruttaw ir-riżultati tal-proġett f'qafas ta' żmien realistiku;

4. ġestiti u kkoordinati minn SMEs parteċipanti li jwettqu attivitajiet ta' R&D, l-hekk imsejħa "l-SME ewlenija".

Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' senserija, ta' promozzjoni ta' programmi u ta' networking għandhom ikunu appoġġjati sa ċertu limitu sabiex jiġi promoss il-Programm Konġunt Eurostars u jissaħħaħ l-impatt tiegħu. Dawn għandhom jinkludu l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma u l-istabbiliment ta' kuntatti mal-partijiet interessati l-oħra, bħall-investituri u l-fornituri tal-ġestjoni ta' l-għarfien.

## III. Ir-riżultati mistennija mill-implimentazzjoni tal-Programm

Ir-riżultat prinċipali tal-Programm Konġunt Eurostars huwa programm ġdid Ewropew ta' riċerka u żvilupp għall-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D, li huwa minn isfel għal fuq, ibbażat fuq l-EUREKA u li jiġi ko-finanzjat mill-programmi nazzjonali kontributuri ta' R&D u mill-Komunità.

L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tippreżenta rapport annwali, li għandu jagħti ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-Programm (il-valutazzjoni u l-proċess ta' l-għażla, l-istatistiki dwar il-kompożizzjoni tal-grupp li jagħmel il-valutazzjoni, l-għadd ta' proġetti sottomessi u magħżula għall-finanzjament, l-użu tal-finanzjament Komunitarju, id-distribuzzjoni tal-fondi nazzjonali, it-tip ta' parteċipanti, l-istatistiki tal-pajjiż, l-avvenimenti ta' senserija u attivitajiet ta' disseminazzjoni, eċċ.) u lejn il-progess li jkun sar sabiex ikun hemm aktar integrazzjoni. Fi tmiem il-Programm Konġunt Eurostars l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tagħmel valutazzjoni ta' l-impatt *ex-post* tal-Programm.

## IV. L-implimentazzjoni tal-programm

Il-Programm Konġunt Eurostars għandu jiġi ġestit minn struttura speċifika ta' implimentazzjoni. Il-proposti jiġu sottomessi mill-applikanti direttament lill-istruttura speċifika (punt tad-dħul uniku), wara sejħa għall-proposti ċentrali u komuni li ssir kull sena, b'diversi dati ta' twaqqif. Il-proposti għall-proġetti għandhom jiġu valutati u magħżula fuq livell ċentrali fuq il-bażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u komuni, wara proċedura maqsuma f'żewġ partijiet. Fl-ewwel fażi, il-proposti għandhom jiġu valutati mill-inqas minn żewġ esperti indipendenti, li għandhom janalizzaw l-aspetti tekniċi kif ukoll dawk tas-suq tal-proposta. Dawn l-esperti jistgħu jaġixxu mill-bogħod. Il-klassifikazzjoni tal-proposti ssir fit-tieni fażi, minn panel internazzjonali ta' valutazzjoni, magħmul minn esperti indipendenti. L-elenku tal-klassifika, approvat fuq livell ċentrali, għandu jkun jorbot għall-allokazzjoni tal-fondi mill-kontribuzzjoni Komunitarja u mill-baġits nazzjonali allokati għall-proġetti ta' l-Eurostars. L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tkun responsabbli għas-sorveljanza tal-proġetti, u għall-proċeduri operattivi komuni sabiex jiġi ġestit iċ-ċiklu kollu tal-proġett. L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tinkoraġġixxi r-rikonoxximent tal-kontribuzzjoni Komunitarja għall-Programm Konġunt Eurostars, kemm għall-Programm innifsu u għal proġetti individwali. Għandha tippromwovi viżibilità xierqa għal din il-kontribuzzjoni permezz ta' l-użu tal-logo Komunitarju fil-materjal ippubblikat kollu, inklużi pubblikazzjonijiet stampati u elettroniċi, li jkunu relatati mal-Programm Konġunt Eurostars. Il-parteċipanti tal-proġett fil-proġetti magħżula ta' l-Eurostars għandhom jiġu ġestiti amministrattivament mill-programmi nazzjonali rispettivi tagħhom.

## V. Il-mekkaniżmu ta' finanzjament

Il-Programm Konġunt Eurostars huwa ko-finanzjat mill- Istati Membri parteċipanti, mill-pajjiżi parteċipanti l-oħra u mill-Komunità. L-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi parteċipanti l-oħra jiddefinixxu pjan finanzjarju multi-annwali sabiex jipparteċipaw fil-Programm Konġunt Eurostars u sabiex jikkontribwixxu għal ko-finanzjament ta' l-attivitajiet tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu minn programmi nazzjonali eżistenti jew minn oħrajn ġodda, sakemm dawn ikunu konformi mal-karattru minn isfel għal fuq tal-Programm Konġunt Eurostars. Kwalunkwe Stat Membru parteċipanti jew pajjiż ieħor parteċipanti huwa liberu li jżid il-finanzjament nazzjonali allokat tiegħu għall-Programm Konġunt Eurostars, fi kwalunkwe żmien matul il-Programm.

Il-finanzjament fuq livell ta' Programm

Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-Programm Konġunt Eurostars, li għandha tkun ġestita mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni, tiġi kkalkulata bħala massimu ta' terz tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji effettivi mill- Istati Membri parteċipanti u mill-pajjiżi parteċipanti l-oħra, b'limitu ta' EUR 100 miljun.

Massimu ta' 4,5 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandu jintuża mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi globali tal-Programm Konġunt Eurostars.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-proġetti magħżula ta' l-Eurostars għandha tiġi trasferita mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni lill-entitajiet għall-finanzjament nazzjonali li jiġu maħtura mill-Istati parteċipanti, abbażi ta' ftehim bejn l-entitajiet għall-finanzjament nazzjonali u l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni. Il-korpi ta' finanzjament nazzjonali għandhom jiffinanzjaw lill-parteċipanti nazzjonali li l-proposti tagħhom jintgħażlu fil-livell ċentrali u għandhom ukoll imexxu l-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja mill-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni.

Il-finanzjament tal-proġetti Eurostars

L-allokazzjoni tal-fondi mill-kontribuzzjoni Komunitarja u mill-baġits nazzjonali allokati għall-proġetti magħżula ta' l-Eurostars għandha ssegwi l-ordni ta' l-elenku tal-klassifikazzjoni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-parteċipanti f'dawn il-proġetti tiġi kkalkulata skond ir-regoli tal-finanzjament tal-programmi nazzjonali parteċipanti.

Fil-każ ta' self, għandha tapplika kalkulazzjoni bażika għall-ekwivalenza ta' l-għotja gross, waqt li għandhom jiġu kkunsidrati l-intensità tas-sussidju ta' l-interessi kif ukoll ir-rata ta' nuqqas medja tal-programm nazzjonali sottostanti.

## VI. L-arranġamenti dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali

L-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni għandha tadotta l-politika dwar il-proprjetà intellettwali tal-Programm Konġunt Eurostars, skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu ta' din id-Deċiżjoni. L-għan tal-politika dwar il-proprjetà intellettwali tal-Programm Konġunt Eurostars huwa li jippromwovi l-ħolqien ta' l-għarfien, flimkien ma' l-isfruttament u t-tixrid tar-riżultati tal-proġett favur il-grupp fil-mira tal-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' R&D. F'dan il-kuntest, il-metodu previst fir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) [1] għandu jservi bħala mudell.

(1) ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

*ANNESS II*

## GOVERNANZA TAL-PROGRAMM KONĠUNT EUROSTARS

Is-sistema tat-tmexxija tal-Programm Konġunt Eurostars tinvolvi erba' entitajiet ewlenin:

1. Il-"Grupp ta' Livell Għoli ta' l-EUREKA" (HLG EUREKA), li huwa magħmul minn persuni maħtura mill-Istati Membri ta' l-EUREKA bħala Rappreżentanti ta' Livell Għoli, u rappreżentant mill-Kummissjoni. Dan huwa responsabbli mid-dħul ta' Stati Membri mhux parteċipanti jew pajjiżi oħra mhux parteċipanti fil-Programm Konġunt Eurostars, skond il-ħtiġiet ta' l-Artikoli 10 u 11 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-"Grupp ta' Livell Għoli ta' l-Eurostars" (HLG Eurostars), li huwa magħmul mir-Rappreżentanti ta' Livell Għoli ta' l-EUREKA ta' l-Istati Membri jew pajjiżi oħra parteċipanti fil-Programm Konġunt Eurostars. Il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri li mhux parteċipanti fil-Programm Konġunt Eurostars iżommu d-dritt li jibagħtu rappreżentanti għal-laqgħat tiegħu bħala osservaturi. Dan għandu l-awtorità li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars, u b'mod partikolari: il-ħatra tal-membri tal-Grupp Konsultattiv ta' l-Eurostars, l-approvazzjoni tal-proċeduri operattivi sabiex jitmexxa l-Programm Konġunt Eurostars, l-approvazzjoni ta' l-ippjanar għas-sejħa u tal-baġit għas-sejħa, u l-approvazzjoni ta' l-elenku tal-klassifikazzjoni tal-proġetti Eurostars li se jiġu ffinanzjati.

3. Il-"Grupp Konsultattiv ta' l-Eurostars", li huwa magħmul mill-Koordinaturi Nazzjonali tal-Proġett ta' l-EUREKA, li ġejjin mill-Istati Membri parteċipanti u pajjiżi parteċipanti oħra, u li jitmexxa mill-Kap tas-Segretarjat ta' l-EUREKA (hawn imsejjaħ "ESE"). Il-Grupp Konsultattiv ta' l-Eurostars għandu jagħti parir lill-ESE fl-eżekuzzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars u għandu jagħti pariri dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tiegħu, bħalma huma l-proċeduri tal-finanzjament, il-valutazzjoni u l-proċess ta' l-għażla, is-sinkronizzazzjoni bejn il-proċeduri ċentrali u nazzjonali, u s-sorveljanza tal-proġetti. Dan għandu jagħti pariri dwar l-ippjanar għad-dati tat-twaqqif tas-sejħiet annwali għall-proposti. Dan għandu jagħti parir ukoll dwar il-progress fl-eżekuzzjoni tal-programm konġunt, inkluż il-progress lejn aktar integrazzjoni.

4. L-ESE għandu jaġixxi bħala l-istruttura speċifika ta' implimentazzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars. Il-Kap ta' l-ESE għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tal-Programm Eurostars. L-ESE huwa responsabbli sabiex jeżegwixxi l-Programm Konġunt Eurostars, u huwa responsabbli b'mod partikolari għal:

   — l-istabbiliment tal-baġit annwali għas-sejħa, l-organizzazzjoni ċentrali tas-sejħat komuni għall-proposti u r-riċeviment tal-proposti għall-proġett (punt tad-dħul uniku);

   — l-organizzazzjoni ċentrali ta' l-eliġibbiltà u tal-valutazzjoni tal-proposti għall-proġett, skond kriterji ta' eliġibbilità u valutazzjoni komuni, l-organizzazzjoni ċentrali ta' l-għażla tal-proposti għall-proġett li jrid jiġi ffinanzjat, u s-sorveljanza u l-issuktar tal-proġett;

   — ir-riċeviment, l-allokazzjoni u s-sorveljanza tal-kontribuzzjoni Komunitarja;

   — il-ġbir tal-kontijiet rigward id-distribuzzjoni tal-fondi mill-entitajiet għall-finanzjament fl-Istati Membri parteċipanti u fil-pajjiżi parteċipanti l-oħra lill-parteċipanti tal-proġetti Eurostars;

   — il-promozzjoni tal-Programm Konġunt Eurostars;

   — ir-rappurtar lill-HLG ta' l-EUREKA, lill-HLG ta' l-Eurostars u lill-Kummissjoni dwar il-Programm Konġunt Eurostars, inkluż dwar il-progress lejn aktar integrazzjoni.

   — l-infurmar tan-netwerk EUREKA dwar l-attivitajiet tal-Programm Konġunt Eurostars.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Lulju 2008**

**li taħtar erba' membri u erba' membri supplenti Franċiżi tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2008/624/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Franċiż,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Post ta' membru tbattal wara l-mewt tas-Sur Raymond FORNI. Tliet postijiet ta' membri tbattlu wara t-tmiem tal-mandati tas-Sur Jean PUECH, tas-Sinjura Juliette SOULA-BAILLE u tas-Sur Michel THIERS. Żewġ postijiet ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni tbattlu wara t-tmiem tal-mandati tas-Sinjura Carola JORDA-DEDIEU u tas-Sur Jean-Pierre TEISSEIRE. Żewġ postijiet ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ser jitbattlu wara l-ħatra tas-Sur Pierre HUGON u tas-Sur Christophe ROUILLON bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni,

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membri:

— is-Sur Pierre HUGON, il-Viċi-President tal-Kunsill Ġenerali ta' Lozère (bidla fil-mandat),

— is-Sur Pierre MAILLE, il-President tal-Kunsill Ġenerali ta' Finistère,

— is-Sur René SOUCHON, il-President tal-Kunsill Ġenerali ta' Auvergne,

— is-Sur Christophe ROUILLON, is-Sindku ta' Coulaines (bidla fil-mandat),

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Jean-Michel DACLIN, id-Deputat Sindku ta' Lyon,

— is-Sinjura Rose-Marie FALQUE, is-Sindku ta' Azerailles,

— is-Sinjura Rachel PAILLARD, is-Sindku ta' Bouzy,

— is-Sur Jean-Louis TOURENNE, il-President tal-Kunsill Ġenerali ta' Ille et Vilaine.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta’ l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 8 ta’ Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. LAGARDE

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali UN/ECE biss għandhom effett legali skond id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aktar verżjoni reċenti tad-dokument ta' l-istatus ta' l-UN/ECE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

## Regolament Nru. 30 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnewmatiċi għall-vetturi bil-mutur u għat-trejlers tagħhom

**Reviżjoni 3**

Li tinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-Suppliment 15 għas-serje 02 ta' emendi – Id-data tad-dħul fis-seħħ: l-10 ta' Novembru 2007

WERREJ

IR-REGOLAMENT


1. L-ambitu
2. Id-definizzjonijiet
3. L-immarkar
4. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni
5. L-approvazzjoni
6. Ir-rekwiżiti
7. Il-modifikazzjonijiet tat-tip ta' tajer pnewmatiku u l-estensjoni ta' l-approvazzjoni
8. Il-konformità tal-produzzjoni
9. Il-pieni għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
11. Id-dispożizzjonijiet tranżitorji
12. L-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi


L-ANNESSI


Anness I — Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' l-approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' tajer pnewmatiku għall-vetturi bil-mutur skond ir-Regolament Nru 30

Anness II — Eżempju ta' l-arranġament tal-marka ta' approvazzjoni

Anness III — L-arranġament ta' l-immarkar tat-tajers

Anness IV — L-indiċijiet tal-kapaċità għat-tagħbija

Anness V — Id-denominazzjoni u d-dimensjonijiet tad-daqs tat-tajers

Anness VI — Il-metodu biex jitkejlu t-tajers pnewmatiċi

Anness VII — Il-proċedura għat-testijiet tar-rendiment tat-tagħbija/tal-veloċità

1. L-AMBITU

Dan ir-Regolament ikopri tajers pnewmatiċi ġodda ddisinjati primarjament, imma mhux biss, għall-vetturi fil-kategoriji $M_1$, $O_1$ u $O_2$ ([1]).

Ir-Regolament ma japplikax għat-tajers iddisinjati

(a) għat-tagħmir għall-karozzi qodma ta' bejn l-1917 u l-1930

(b) għal kompetizzjonijiet.

2. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

2.1. "Tip ta' tajer pnewmatiku" tfisser kategorija ta' tajers pnewmatiċi li ma jvarjawx f'tali aspetti essenzjali bħal:

2.1.1. Il-manifattur;

2.1.2. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer;

2.1.3. Il-kategorija ta' l-użu (tajer ordinarju (it-tip għat-triq) jew tas-silġ jew għal użu temporanju);

2.1.4. L-istruttura (tajer dijagonali (kap imxaqleb), *bias-belted*, kap radjali, *run-flat* – jiġifieri li kapaċi jaħdem anki fi pressjonijiet li fihom tajers oħra ma jkunux jistgħu jintużaw);

2.1.5. Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità;

2.1.6. L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija;

2.1.7. Is-sezzjoni trasversali tat-tajers;

2.2. "Tajer tas-silġ" tfisser tajer li d-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tiegħu, u li l-istruttura tiegħu, jkunu ddisinjati primarjament biex ikun żgurat li fit-tajn u fis-silġ frisk jew li jkun qed jinħall ikollu rendiment aħjar minn dak ta' tajer ordinarju (it-tip għat-triq). Id-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel ta' tajer tas-silġ ġeneralment jikkonsisti minn kanal (strixxa) u minn elementi ta' blokki solidi li jkunu spazjati b'mod aktar wiesa' milli fuq tajer ordinarju (it-tip għat-triq);

2.3. "Struttura" ta' tajer pnewmatiku tfisser il-karatteristiċi tekniċi tal-qafas tat-tajer. L-istrutturi li ġejjin jingħarfu b'mod partikolari;

2.3.1. "Dijagonali" jew "kap imxaqleb" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku fejn il-kurduni tal-kap jestendu għax-xfuf ta' ġewwa tat-tajer u jitqiegħdu f'angoli alternati ferm inqas minn 90° għal-linja ċentrali tal-wiċċ ta' barra mfellel;

2.3.2 "*Bias-belted*" tiddeskrivi struttura ta' tajer pnewmatiku ta' tip djagonali (kap imxaqleb) fejn il-qafas ikun ristrett minn ċinturin, magħmul minn żewġ saffi jew aktar ta' materjal tal-kurdun li essenzjalment ma jkunx jista' jitwessa' wisq imqiegħed f'angoli alternati qrib dawk tal-qafas;

([1]) Kif ġew iddefiniti fl-Anness VII għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emenda 2 kif ġie emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

2.3.3. “Radjali” tiddeskrivi struttura ta’ tajer pnewmatiku fejn il-kurduni tal-kap jestendu għax-xfuf ta’ ġewwa u jitqiegħdu sostanzjalment f’angolu ta’ 90° għal-linja ċentrali tal-wiċċ ta’ barra mfellel, fejn il-qafas ikun stabilizzat minn ċinturin ċirkonferenzjali li essenzjalment ma jkunx jitwessa’ wisq;

2.3.4. “Rinforzat” jew “Tagħbija żejda” tiddeskrivi struttura ta’ tajer pnewmatiku fejn il-qafas ikun aktar reżistenti minn dak tat-tajer standard korrispondenti;

2.3.5. “Stepni għal użu temporanju” tfisser tajer differenti minn tajjer maħsub biex jitwaħħal ma’ kwalunke vettura għal kundizzjonijiet normali ta’ sewqan imma maħsub biss għal użu temporanju f’kundizzjonijiet ristretti ta’ sewqan;

2.3.6. “Stepni għal użu temporanju tat-tip T” tfisser tip ta’ stepni għal użu temporanju iddisinjat biex jintuża fi pressjonijiet ta’ nefħa ogħla minn dawk stabbiliti għal tajers standard u rinforzati;

2.3.7. “Tajer *run-flat*” jew “Tajer *self-supporting*” tiddeskrivi struttura ta’ tajer pnewmatiku pprovduta bi kwalunkwe soluzzjoni teknika (pereżempju, ħitan tal-ġnub rinforzati, eċċ.) li tippermetti li t-tajer pnewmatiku, immontat fuq ir-rota xierqa u fin-nuqqas ta’ kwalunkwe komponent supplimentari, jipprovdi lill-vettura bil-funzjonijiet bażiċi tat-tajer, għallinqas, f’veloċità ta’ 80 km/h (50 mph) u f’distanza ta’ 80 km meta tkun qed tintuża modalità ta’ tħaddim b’tajer imniżżel (*flat tyre running mode*).

2.4. “Xoffa ta’ ġewwa” tfisser il-parti ta’ tajer pnewmatiku li tkun ta’ tali għamla u struttura li tkun toqgħod fir-rimm u żżomm it-tajer fuqha ([1]);

2.5. “Kurdun” tfisser il-ħjut li jiffurmaw il-materjal tal-ħxuna fit-tajer pnewmatiku ([1]);

2.6. “Kap” tfisser saff ta’ kurduni paralleli mgħottija bil-lastku ([1]);

2.7. “Qafas” tfisser dik il-parti ta’ tajer pnewmatiku, ħlief il-wiċċ ta’ barra mfellel u l-ħitan tal-ġnub tal-lastku li, meta tintefaħ, iġġorr it-tagħbija ([1]);

2.8. “Wiċċ ta’ barra mfellel” tfisser dik il-parti ta’ tajer pnewmatiku li tidħol f’kuntatt ma’ l-art ([1]);

2.9. “Ħajt tal-ġenb” tfisser il-parti ta’ tajer pnewmatiku bejn il-wiċċ ta’ barra mfellel tat-tajer u x-xoffa ta’ ġewwa tat-tajer ([1]);

2.10 L-“erja t’isfel tat-tajer” tfisser l-erja inkluża bejn il-punt tal-wisa’ massima tas-sezzjoni tat-tajer u l-erja ddisinjata biex tkun mgħottija mit-tarf tar-rimm ([1]);

2.10.1. Madankollu, fil-każ ta’ tajers identifikati bis-simbolu tal-“konfigurazzjoni ta’ l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm” (ara l-paragrafu 3.1.10.) “A” jew “U”, tfisser l-erja tat-tajer li tinsab fuq ir-rimm.

2.11. “Kanal tal-wiċċ ta’ barra mfellel” tfisser l-ispazju bejn żewġ strixxi jew blokki ħdejn xulxin fid-disinn tal-wiċċ ta’ barra mfellel ([1]);

2.12. Il-“wisa’ tas-sezzjoni” tfisser id-distanza lineari bejn il-partijiet ta’ barra tal-ħitan tal-ġenb ta’ tajer pnewmatiku minfuħ, esklużi l-elevazzjonijiet minħabba t-tikkettjar (l-immarkar), id-dekorazzjoni jew iċ-ċineg jew l-istrixxi protettivi ([1]);

([1]) Ara l-figura spjegattiva.

2.13. Il-"wisa' globali" tfisser id-distanza lineari bejn il-partijiet ta' barra tal-ħitan tal-ġnub ta' tajer pnewmatiku minfuħ, inkluż it-tikkettjar (l-immarkar), id-dekorazzjoni u ċ-ċineg jew l-istrixxi protettivi ([1]);

2.14. L-"għoli tas-sezzjoni" tfisser distanza daqs nofs id-differenza bejn id-dijametru ta' barra tat-tajer u d-dijametru nominali tar-rimm ([1]);

2.15. Il-"proporzjon ta' l-aspett nominali (Ra)" tfisser mitt darba n-numru miksub bid-diviżjoni tan-numru li jesprimi l-għoli tas-sezzjoni f'mm bin-numru li jesprimi l-wisa' nominali tas-sezzjoni f'mm;

2.16. Id-"dijametru ta' barra" tfisser id-dijametru globali ta' tajer pnewmatiku ġdid minfuħ ([1]);

2.17. "Denominazzjoni tal-qies tat-tajer" hija

2.17.1. denominazzjoni li turi:

2.17.1.1. il-wisa' nominali tas-sezzjoni. Din il-wisa' trid tkun imfissra f'mm, ħlief fil-każ tat-tipi ta' tajer li d-denominazzjoni tal-qies tagħhom qed tintwera fl-ewwel kolonna tat-tabelli fl-Anness V għal dan ir-Regolament;

2.17.1.2. il-proporzjon ta' l-aspett nominali, ħlief fil-każ ta' ċerti tipi ta' tajer fejn id-denominazzjoni tal-qies tagħhom qed tintwera fl-ewwel kolonna tat-tabelli fl-Anness V għal dan ir-Regolament, jew, abbażi tat-tip ta' disinn tat-tajer, id-dijametru nominali ta' barra espress f'mm;

2.17.1.3. numru konvenzjonali li jindika d-dijametru nominali tar-rimm u li jikkorrispondi għad-dijametru tiegħu imfisser jew permezz ta' kodiċijiet (numri taħt il-100) jew f'millimetri (numri 'l fuq minn 100);

2.17.1.4. l-ittra "T" quddiem il-wisa' nominali tas-sezzjoni fil-każ ta' stepnijiet għal użu temporanju tat-tip T;

2.17.1.5. indikazzjoni tal-konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm meta tvarja mill-konfigurazzjoni standard.

2.18. Id-"dijametru nominali tar-rimm" ifisser id-dijametru tar-rimm li jkun maħsub li tajer jiġi mmontat fuqu;

2.19. "Rimm" ifisser is-sostenn għal assemblaġġ ta' tajer u ta' tubu, jew għal tajer mingħajr tubu, li fuqu jitqiegħdu x-xfuf ta' ġewwa tat-tajer ([1]);

2.19.1. "Konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" tfisser it-tip ta' rimm li miegħu ġie ddisinjat li jitwaħħal it-tajer. Fil-każ ta' rimmijiet li ma jkunux standard, din se tkun identifikata b'simbolu applikat mat-tajer, pereżempju, "CT", "TR", "TD", "A" jew "U".

2.20. "Rimm teoretiku" tfisser ir-rimm kunċettwali li l-wisa' tiegħu għandha tkun daqs x darbiet il-wisa' nominali tas-sezzjoni tat-tajer. Il-valur ta' x għandu jkun speċifikat mill-manifattur ta' dak it-tajer;

2.21. "Rimm tal-kejl" tfisser ir-rimm li fuqu jeħtieġ li jitwaħħal tajer biex jitkejjel id-daqs;

2.22. "Rimm tat-test" tfisser ir-rimm li fuqu jeħtieġ li jitwaħħal tajer għall-ittestjar;

2.23. "Tkissir fi bċejjeċ" tfisser it-tkissir ta' bċejjeċ ta' lastku mill-wiċċ ta' barra mfellel;

([1]) Ara l-figura spjegattiva.

2.24. Is-“separazzjoni tal-kurduni” tfisser il-firda tal-kurduni mill-għata tal-lastku tagħhom;

2.25. Is-“separazzjoni tal-kap” tfisser il-firda ta’ kapi ta’ ħdejn xulxin;

2.26. Is-“separazzjoni tal-wiċċ ta’ barra mfellel” tfisser il-ġbid ’il barra tal-wiċċ ta’ barra mfellel mill-qafas;

2.27. “Indikaturi ta’ l-użu tal-wiċċ ta’ barra mfellel” tfisser l-isporġenzi fil-kanali tal-wiċċ imfellel ta’ barra maħsuba biex jagħtu indikazzjoni viżiva dwar il-grad ta’ użu tal-wiċċ imfellel ta’ barra;

2.28. “Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija” tfisser numru assoċjat mal-massa ta’ referenza li jista’ jġorr tajer meta jitħaddem skond ir-rekwiżiti li jirregolaw l-użu speċifikat mill-manifattur.

2.29. “Kategorija ta’ veloċità” tfisser il-veloċità massima li jista’ jsostni tajer, espressa bis-simbolu tal-kategorija tal-veloċità (ara t-tabella t’aktar ’l isfel).

2.29.1. Il-kategoriji tal-veloċità huma dawk indikati fit-tabella t’hawn taħt:

| Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità | Il-veloċità massima (km/h) |
|---|---|
| L | 120 |
| M | 130 |
| N | 140 |
| P | 150 |
| Q | 160 |
| R | 170 |
| S | 180 |
| T | 190 |
| U | 200 |
| H | 210 |
| V | 240 |
| W | 270 |
| Y | 300 |

2.30. Kanali tad-disinn tal-wiċċ ta’ barra mfellel

2.30.1. “Kanali ewlenin” tfisser il-kanali wesgħin li jkunu ppożizzjonati fiż-żona ċentrali tal-wiċċ ta’ barra mfellel tat-tajer, li jkollhom indikaturi ta’ l-użu tal-wiċċ ta’ barra mfellel (ara l-paragrafu 2.27.) ġo fihom.

2.30.2. “Kanali sekondarji” tfisser il-kanali supplimentari tad-disinn tal-wiċċ ta’ barra mfellel li jistgħu imorru matul ħajjet it-tajer.

2.31. Il-“kategorija massima tat-tagħbija” tfisser il-massa massima li t-tajer ġie kklassifikat li jista’ jġorr;

2.31.1. għal veloċità li ma teċċedix il-210 km/h, il-kategorija massima tat-tagħbija m’għandhiex teċċedi l-valur assoċjat ma’ l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer;

2.31.2. għal veloċità li taqbeż il-210 km/h, imma li ma teċċedix il-240 km/h, (tajers ikklassifikati bis-simbolu tal-kategorija tal-veloċità "V") il-kategorija massima tat-tagħbija m'għandhiex teċċedi l-perċentwali tal-valur assoċjat ma' l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer, indikat fit-tabella t'hawn taħt, b'referenza għall-kapaċità għall-veloċità tal-karozza li magħha twaħħal it-tajer.

| Il-veloċità massima (km/h) | Il-kategorija massima tat-tagħbija (fil-mija) |
|---|---|
| 215 | 98,5 |
| 220 | 97 |
| 225 | 95,5 |
| 230 | 94 |
| 235 | 92,5 |
| 240 | 91 |

Għal veloċitajiet massimi intermedji, l-interpolazzjonijiet lineari tal-kategorija massima tat-tagħbija huma permessi.

2.31.3. Għal veloċitajiet li jaqbżu l-240 km/h (tajers ikklassifikati bis-simbolu tal-kategorija tal-veloċità "W") il-kategorija massima tat-tagħbija m'għandhiex teċċedi l-perċentwali tal-valur assoċjat ma' l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija indikat fit-tabella t'hawn taħt, b'referenza għall-kapaċità għall-veloċità tal-karozza li magħha jitwaħħal it-tajer.

| Il-veloċità massima (km/h) | Il-kategorija massima tat-tagħbija (fil-mija) |
|---|---|
| 240 | 100 |
| 250 | 95 |
| 260 | 90 |
| 270 | 85 |

Għal veloċitajiet massimi intermedji, l-interpolazzjonijiet lineari tal-kategorija massima tat-tagħbija huma permessi.

2.31.4. Għal veloċitajiet li jaqbżu l-270 km/h (tajers ikklassifikati bis-simbolu tal-kategorija tal-veloċità "Y") il-kategorija massima tat-tagħbija m'għandhiex teċċedi l-perċentwali tal-valur assoċjat ma' l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer indikat fit-tabella t'hawn taħt, b'referenza għall-kapaċità għall-veloċità tal-karozza li magħha jitwaħħal it-tajer.

| Il-veloċità massima (km/h) | Il-kategorija massima tat-tagħbija (fil-mija) |
|---|---|
| 270 | 100 |
| 280 | 95 |
| 290 | 90 |
| 300 | 85 |

Għal veloċitajiet massimi intermedji, l-interpolazzjonjiet lineari tal-kategorija massima tat-tagħbija huma permessi.

2.31.5. Għal veloċitajiet inqas minn jew ta' 60 km/h il-kategorija massima tat-tagħbija ma tridx teċċedi l-perċentwali tal-massa assoċjata ma' l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer indikat fit-tabella t'hawn taħt, b'referenza għall-veloċità massima tad-disinn tal-vettura li magħha għandu jitwaħħal it-tajer.

| Il-veloċità massima (km/h) | Il-kategorija massima tat-tagħbija (fil-mija) |
|---|---|
| 25 | 142 |
| 30 | 135 |
| 40 | 125 |
| 50 | 115 |
| 60 | 110 |

2.31.6. Għal veloċitajiet li jaqbżu t-300 km/h, il-kategorija massima tat-tagħbija ma tridx teċċedi l-massa speċifikata mill-manifattur tat-tajer, b'referenza għall-kapaċità għall-veloċità tat-tajer. Għall-veloċitajiet intermedji bejn 300 km/h u l-veloċità massima permessa mill-manifattur tat-tajer, tapplika interpolazzjon lineari tal-kategorija massima tat-tagħbija.

2.32. "Modalità ta' tħaddim b'tajer imniżżel (*flat tyre running mode*)" tiddeskrivi l-istat tat-tajer, li essenzjalment iżomm l-integrità strutturali tiegħu, filwaqt li jitħaddem fi pressjoni ta' nefħa bejn 0 u 70 kPa.

2.33. "Funzjonijiet bażiċi tat-tajer" tfisser il-kapaċità normali ta' tajer minfuħ biex isostni tagħbija partikolari sa veloċità partikolari u jittrażmetti l-forzi tas-sewqan, ta' l-istering u tal-brejkijiet lill-art li għaddej fuqha.

2.34. "Sistema *run-flat*" jew "Sistema b'mobilità estiża" tiddeskrivi assemblaġġ ta' komponenti speċifikati funzjonalment dipendenti, inkluż tajer, li flimkien jipprovdu r-rendiment speċifikat li jagħti lill-vettura l-funzjonijiet bażiċi tat-tajer, għallinqas b'veloċità ta' 80 km/h (50 mph) u f'distanza ta' 80 km meta jkun qed jitħaddem b'modalità ta' tħaddim b'tajer imniżżel.

2.35. L-"għoli milwi tas-sezzjoni" huwa d-differenza bejn ir-radju milwi, imkejjel miċ-ċentru tar-rimm sal-wiċċ taċ-ċilindru, u nofs id-dijametru nominali tar-rimm kif ġie ddefinit fl-ISO 4000-1.

3. L-IMMARKAR

3.1. It-tajers pnewmatiċi mressqa għall-appprovazzjoni għandu jkollhom, fuq iż-żewġ ħitan tal-ġenb fil-każ ta' tajers simmetriċi u għallinqas fuq il-ħajt tal-ġenb ta' barra fil-każ ta' tajers asimmetriċi:

3.1.1. It-trejdmark jew il-marka kummerċjali;

3.1.2. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.17. ta' dan ir-Regolament;

3.1.3. Indikazzjoni ta' l-istruttura kif ġej:

3.1.3.1. fuq tajers djagonali (kap imxaqleb), l-ebda mmarkar jew l-ittra "D" imqiegħda quddiem l-immarkar tad-dijametru tar-rimm;

3.1.3.2. fuq tajers b'kap radjali, l-ittra "R" imqiegħda quddiem l-immarkar tad-dijametru tar-rimm, u, jekk mixtieq, il-kelma "*RADIAL*";

3.1.3.3. fuq tajers *bias-belted*, l-ittra "B" imqiegħda quddiem l-immarkar tad-dijametru tar-rimm flimkien mal-kliem "*BIAS-BELTED*";

3.1.3.4. fuq tajers b'kap radjali adattati għal veloċitajiet li jaqbżu l-240 km/h imma li ma jeċċedux it-300 km/h (tajers immarkati bis-simbolu tal-veloċità "W" jew "Y" bħala parti mid-deskrizzjoni tas-servizz), l-ittra "R", imqiegħda quddiem l-immarkar tal-kodiċi tad-dijametru tar-rimm, tista' tiġi sostitwita bil-kitba "ZR".

3.1.3.5. fuq tajers "*run-flat*" jew "*self-supporting*" l-ittra "F" imqiegħda quddiem l-immarkar tad-dijametru tar-rimm.

3.1.4. Indikazzjoni tal-kategorija tal-veloċità tat-tajer permezz tas-simbolu muri fil-paragrafu 2.29. t'aktar 'il fuq;

3.1.4.1. Fuq tajers adattati għal veloċitajiet li jaqbżu t-300 km/h, l-ittra "R" imqiegħda quddiem l-immarkar tal-kodiċi tad-dijametru tar-rimm għandha tiġi sostitwita bil-kitba "ZR" u t-tajer għandu jkun immarkat b'deskrizzjoni tas-servizz li tikkonstisti fis-simbolu tal-veloċità "Y" u fl-indiċi tat-tagħbija korrispondenti. Id-deskrizzjoni tas-servizz għandha tkun immarkata fil-parenteżi, pereżempju, "(95Y)".

3.1.5. Il-kitba M+S jew M.S jew M&S fil-każ ta' tajer tas-silġ;

3.1.6. L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija kif ġie ddefinit fil-paragrafu 2.28. ta' dan ir-Regolament;

3.1.7. Il-kelma "*TUBELESS*" jekk it-tajer huwa maħsub biex jintuża mingħajr tubu intern;

3.1.8. Il-kelma "*REINFORCED*" jew il-kelmiet "*EXTRA LOAD*" jekk it-tajer ikun tajer rinforzat;

3.1.9. Id-data tal-manifattura fil-forma ta' grupp ta' erba' numri, bl-ewwel tnejn juru l-ġimgħa u l-aħħar tnejn is-sena tal-manifattura. Madankollu, dan l-immarkar li jista' jitqiegħed fuq ħajt tal-ġenb wieħed biss, m'għandux ikun mandatorju, fuq l-ebda tajer imressaq għall-approvazzjoni, sa sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament [1].

3.1.10. Fil-każ ta' tajers li ġew approvati għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 13 għas-serje 02 ta' emendi għar-Regolament Nru 30, l-identifikazzjoni li tissemma fil-paragrafu 2.17.1.5. għandha titqiegħed immedjatament wara l-immarkar tad-dijametru tar-rimm li jissemma fil-paragrafu 2.17.1.3.

3.1.11. Fil-każ ta' stepnijiet għal użu temporanju, il-kelmiet "*TEMPORARY USE ONLY*" f'karattri kapitali għoljin mill-inqas 12,7 mm.

(1) Qabel l-1 ta' Jannar 2000, id-data tal-manifattura tista' tiġi indikata minn grupp ta' tliet numri, bl-ewwel tnejn juru l-ġimgħa u l-aħħar wieħed is-sena tal-manifattura.

3.1.11.1. Barra minn hekk, fil-każ ta' stepnijiet għal użu temporanju tat-tip "T", il-kitba "*INFLATE TO 420 kPa (60 psi)*", f'karattri kapitali għoljin mill-inqas 12,7 mm.

3.1.12. Is-simbolu t'hawn taħt jekk it-tajer ikun tajer "*run-flat*" jew "*self-supporting*", fejn l-"h" tkun mill-inqas ta' 12 mm.




3.2. It-tajers għandhom jipprovdu spazju adegwat għall-marka ta' approvazzjoni, kif jintwera fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

3.3. L-Anness III għal dan ir-Regolament jagħti eżempju ta' l-arranġament ta' l-immarkar tat-tajers.

3.4. L-immarkar li jissemma fil-paragrafu 3.1. u l-marka ta' approvazzjoni preskritta fil-paragrafu 5.4. ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu fformati fuq jew fit-tajers. Għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod ċar u għandhom ikunu fl-erja t'isfel tat-tajer fuq għallinqas wieħed mill-ħitan tal-ġenb tiegħu, ħlief għall-kitba li tissemma fil-paragrafu 3.1.1. t'aktar 'il fuq.

3.4.1. Madankollu, għat-tajers identifikati bis-simbolu tal-"konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" (ara l-paragrafu 3.1.10.) "A" jew "U", l-immarkar jista' jitqiegħed fi kwalunkwe post fuq il-ħajt tal-ġenb ta' barra tat-tajer.

4. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

4.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' tajer pnewmatiku għandha titressaq mid-detentur ta' l-isem kummerċjali jew tat-trejdmark jew mir-rappreżentant akkreditat b'mod xieraq tiegħu. Għandha tispeċifika:

4.1.1. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.17. ta' dan ir-Regolament;

4.1.2. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark;

4.1.3. Il-kategorija ta' l-użu (tajer ordinarju (it-tip għat-triq) jew tas-silġ, jew għal użu temporanju);

4.1.4. L-istruttura: tajer dijagonali (kap imxaqleb), *bias-belted*, radjali, *run-flat*;

4.1.5. Il-kategorija tal-veloċità;

4.1.6. L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer;

4.1.7. Jekk it-tajer għandux jintuża b'tubu intern jew mingħajru;

4.1.8. Jekk it-tajer hux "standard" jew "rinforzat" jew "stepni għal użu temporanju tat-tip T";

4.1.9. In-numru tal-kategorija tal-kap tat-tajers dijagonali (kap imxaqleb);

4.1.10. Id-dimensjonijiet globali: il-wisa' globali tas-sezzjoni u d-dijametru ta' barra;

4.1.11. Ir-rimmijiet li fuqhom jista' jiġi mmontat it-tajer;

4.1.12. Ir-rimm tal-kejl u r-rimm tat-test;

4.1.13. Il-pressjoni tat-test fejn il-manifattur jitlob l-applikazzjoni tal-paragrafu 1.3. ta' l-Anness VII għal dan ir-Regolament;

4.1.14. Il-fattur x li jissemma fil-paragrafu 2.20. t'aktar 'il fuq.

4.1.15. Għal tajers adattati għal veloċitajiet li jaqbżu t-300 km/h, il-veloċità massima permessa mill-manifattur tat-tajer u l-kapaċità tal-ġarr tat-tagħbija permessa għal dik il-veloċità massima. Il-manifattur tat-tajer irid jispeċifika wkoll dawn il-valuri fil-letteratura teknika għat-tip ta' tajer.

4.1.16. L-identifikazzjoni tal-linji ta' barra tar-rimm li jżomm ix-xoffa ta' ġewwa speċifiċi għall-"modalità ta' tħaddim b'tajer imniżżel" ta' tajers "*run-flat*".

4.2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tkun akkumpanjata (ilkoll fi tliet kopji) minn skeċċ, jew minn ritratt rappreżentattiv, li jidentifika d-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer u minn skeċċ ta' l-għata tat-tajer minfuħ immontat fuq ir-rimm tal-kejl, li juri d-dimensjonijiet rilevanti (ara l-paragrafi 6.1.1. u 6.1.2.) tat-tip imressaq għall-approvazzjoni. Għandha tkun akkumpanjata wkoll jew mir-rapport tat-test maħruġ mil-Laboratorju tat-Testijiet approvat jew minn kampjun wieħed jew tnejn tat-tip ta' tajer, fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti. Id-disinji jew ir-ritratti tal-ħajt tal-ġenb u tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer għandhom jitressqu ladarba tkun ġiet stabbilita l-produzzjoni, mhux aktar tard minn sena wara d-data tal-ħruġ ta' l-approvazzjoni tat-tip.

4.3. L-Awtorità Kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti sabiex ikun żgurat kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

4.4. Fejn manifattur tat-tajers iressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip għal firxa ta' tajers, ma jitqiesx li hemm għalfejn jitwettaq test tat-tagħbija/tal-veloċità fuq kull tip ta' tajer fil-firxa. Fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Approvazzjoni tista' ssir għażla ta' l-agħar każ.

5. L-APPROVAZZJONI

5.1. Jekk it-tajer pnewmatiku mressaq għall-approvazzjoni skond dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6 aktar 'l isfel, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' tajer.

5.2. Għal kull tip approvat għandu jkun assenjat numru ta' l-approvazzjoni. L-ewwel żewġ numri tiegħu (bħalissa 02) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewlenin reċenti li saru lir-Regolament fiż-żmien meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti m'għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ta' tajer ieħor kopert minn dan ir-Regolament.

5.3. L-avviż ta' l-approvazzjoni jew ta' l-estensjoni jew tar-rifjut jew ta' l-irtirar ta' l-approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox skond dan ir-Regolament għandu jkun ikkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

5.3.1. Fejn l-approvazzjoni tat-tip tingħata għal tip ta' tajer adattat għal veloċitajiet ta' aktar minn 300 km/h (ara l-paragrafu 4.1.15.), il-veloċità massima rilevanti (km/h) u l-kapaċità tal-ġarr tat-tagħbija (kg) permessa għall-veloċità massima għandhom ikunu nnotifikati b'mod ċar fis-sezzjoni 10 tal-formola ta' komunikazzjoni (ara l-Anness I għal dan ir-Regolament); jistgħu jiġu speċifikati wkoll il-kapaċitajiet tal-ġarr tat-tagħbija għal veloċitajiet intermedji ta' aktar minn 300 km/h.

5.4. Fuq kull tajer pnewmatiku li jkun konformi ma' tip ta' tajer approvat skond dan ir-Regolament, fl-ispazju msemmi fil-paragrafu 3.2 aktar 'il fuq u minbarra l-immarkar preskritt fil-paragrafu 3.1 aktar 'il fuq, għandha titwaħħal b'mod li tidher sew marka internazzjonali ta' l-approvazzjoni li tkun magħmula minn:

5.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([1]);

5.4.2. Numru ta' l-approvazzjoni.

5.5. Il-marka ta' l-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u m'għandhiex tkun tista' titħassar.

5.6. L-Anness II għal dan ir-Regolament jagħti eżempju ta' l-arranġament tal-marka ta' l-approvazzjoni.

([1]) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (battal), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (battal), 31 għall-Bożnja u Ħerzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (battal), 34 għall-Bulgarija, 35 (battal), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (battal), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għall-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (battal), 42 għall-Komunità Ewropea (l-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu ECE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (battal), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għal New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malażja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (battala) u 56 għall-Montenegro. In-numri sussegwenti għandhom jiġu assenjati lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li bih jirratifikaw jew jaderixxu mal-Ftehim dwar l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwaħħlu ma' u/jew Jintużaw f'Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

6. IR-REKWIŻITI

6.1. **Id-dimensjonijiet tat-tajers**

6.1.1. *Il-wisa' ta' sezzjoni ta' tajer*

6.1.1.1. Il-wisa' tas-sezzjoni għandha tkun ikkalkulata bil-formula li ġejja:

$$S = S_1 + K(A - A_1),$$

fejn:

S hija l-"wisa' tas-sezzjoni" espressa f'mm u mkejla fuq ir-rimm tal-kejl;

$S_1$ hija l-"wisa' nominali tas-sezzjoni" (f'mm) kif jintwera fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer fid-denominazzjoni tat-tajer kif ġie preskritt;

A hija l-wisa' (espressa f'mm) tar-rimm tal-kejl, kif jintwera mill-manifattur fin-nota deskrittiva [1];

$A_1$ hija l-wisa' (espressa f'mm) tar-rimm teoretiku.

$A_1$ għandha titqies li hija daqs $S_1$ immultiplikata bil-fattur x, kif ġie speċifikat mill-manifattur, u K għandha titiqes li hija daqs 0,4.

6.1.1.2. Madankollu, għat-tipi ta' tajers li għalihom id-denominazzjoni tingħata fl-ewwel kolonna tat-tabelli fl-Anness V għal dan ir-Regolament, il-wisa' tas-sezzjoni għandha tkun dik mogħtija faċċata tad-denominazzjoni tat-tajers f'dawn it-tabelli.

6.1.1.3. Madankollu, għat-tajers identifikati bis-simbolu tal-"konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" (ara l-paragrafu 3.1.10.) "A" jew "U", K għandha titqies li hija daqs 0,6.

6.1.2. *Id-dijametru ta' barra ta' tajer*

6.1.2.1. Id-dijametru ta' barra ta' tajer għandu jkn ikkalkulat bil-formula li ġejja:

$$D = d + 2H$$

fejn:

D hija d-dijametru ta' barra espress f'mm

d hija n-numru konvenzjonali ddefinit fil-paragrafu 2.17.1.3. ta' aktar 'il fuq, espress f'mm [1],

H hija l-għoli nominali tas-sezzjoni f'mm, daqs:

$$H = 0{,}01\ S_1 \times Ra,$$

$S_1$ hija l-wisa' nominali tas-sezzjoni f'mm, u

[1] Meta n-numru konvenzjonali jingħata bil-kodiċijiet, il-valur f'mm jinkiseb billi tali numru jiġi mmultiplikat b'25,4.

Ra hija l-proporzjon ta' l-aspett nominali,

ilkoll kif jintwerew fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer fid-denominazzjoni tad-daqs tat-tajers skond ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3.4. t'aktar 'il fuq.

6.1.2.2. Madankollu, għat-tipi ta' tajers li d-denominazzjoni tagħhom tingħata fl-ewwel kolonna tat-tabelli ta' l-Anness V għal dan ir-Regolament, id-dijametru ta' barra għandu jkun dak faċċata tad-denominazzjoni tad-"daqs" f'dawn it-tabelli.

6.1.2.3. Madankollu, għat-tajers identifikati mis-simbolu tal-"konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" (ara l-paragrafu 3.1.10.) "A" jew "U", id-dijametru ta' barra għandu jkun dak speċifikat fid-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer kif intwera fuq il-ħajt tal-ġenb tat-tajer.

6.1.3. *Il-metodu biex jitkejlu t-tajers pnewmatiċi*

Id-dimensjonijiet tat-tajers pnewmatiċi għandhom jitkejlu skond il-proċedura deskritta fl-Anness VI għal dan ir-Regolament.

6.1.4. *L-ispeċifikazzjonijiet tal-wisa' ta' sezzjoni ta' tajer*

6.1.4.1. Il-wisa' globali ta' tajer tista' tkun inqas mill-wisa' tas-sezzjoni ddeterminata skond il-paragrafu 6.1.1. ta' aktar 'il fuq.

6.1.4.2. Tista' teċċedi dak il-valur bil-perċentwali li ġejjin:

6.1.4.2.1. f'tajers dijagonali (kap imxaqleb): 6 fil-mija;

6.1.4.2.2. f'tajers b'kap radjali, *run-flat*: 4 fil-mija;

6.1.4.2.3. barra minn hekk, jekk it-tajer ikollu strixxi (jew ċineg) protettivi speċjali, il-figura kif tiġi miżjuda mit-tolleranza ta' aktar 'il fuq tista' tinqabeż bi 8 mm.

6.1.4.2.4. Madankollu, għat-tajers identifikati bis-simbolu tal-"konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" (ara l-paragrafu 3.1.10.) "A" jew "U", il-wisa' globali tat-tajer, fl-erja ta' isfel tat-tajer, hija daqs il-wisa' nominali tar-rimm li fuqu jiġi mmontat it-tajer, kif jintwera mill-manifattur fin-nota deskritta, miżjuda b'20 mm.

6.1.5. *L-ispeċifikazzjonijiet tad-dijametru ta' barra ta' tajer*

Id-dijametru ta' barra ta' tajer ma jridx ikun barra mill-valuri Dmin u Dmax miksuba mill-formuli li ġejjin:

$Dmin = d + (2H \times a)$

$Dmax = d + (2H \times b)$

fejn:

6.1.5.1. għad-daqsijiet elenkati fl-Anness V, u għat-tajers identifikati bis-simbolu tal-"konfigurazzjoni ta' l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm" (ara l-paragrafu 3.1.10.) "A" jew "U", l-għoli nominali tas-sezzjoni H ikun daqs:

H = 0,5 (D-d), għar-referenzi ara l-paragrafu 6.1.2.

6.1.5.2. għal daqsijiet oħrajn, mhux elenkati fl-Anness V, "H" u "d" jiġu ddefiniti fil-paragrafu 6.1.2.1,

6.1.5.3. Il-koeffiċjenti "a" u "b" rispettivament huma:

6.1.5.3.1 Il-koeffiċjent "a" = 0,97

| 6.1.5.3.2 | Il-koeffiċjent "b" għal tajers ordinarji (it-tip għat-triq) | Tajer radjali, *Run-flat* | Tajer dijagonali u *Bias-belted* |
|---|---|---|---|
| | | 1,04 | 1,08 |

6.1.5.4. għat-tajer tas-silġ, id-dijametru globali (Dmax) stabbilit skond dak li ngħad aktar 'il fuq jista' jinqabeż b'1 fil-mija.

6.2. **It-test tar-rendiment tat-tagħbija/tal-veloċità**

6.2.1. It-tajer pnewmatiku għandu jgħaddi minn test ta' rendiment tat-tagħbija/tal-veloċità mwettaq skond il-proċedura deskritta fl-Anness VII għal dan ir-Regolament.

6.2.1.1. Fejn issir applikazzjoni għat-tajers identifikati permezz tal-kodiċi f'ittri "ZR" fid-denominazzjoni tad-daqs u adattati għal veloċitajiet ta' aktar minn 300 km/h (ara l-paragrafu 4.1.15.), it-test tat-tagħbija/tal-veloċità ta' aktar 'il fuq jitwettaq fuq tajer wieħed fil-kundizzjonijeit tat-tagħbija u tal-veloċità mmarkati fuq it-tajer (ara l-paragrafu 3.1.4.1.). Irid jitwettaq test ieħor tat-tagħbija/tal-veloċità fuq kampjun ieħor ta' l-istess tip ta' tajer fil-kundizzjonijiet tat-tagħbija u tal-veloċità speċifikati bħala massimi mill-manifattur tat-tajer (ara l-paragrafu 4.1.15. ta' dan ir-Regolament).

Jekk il-manifattur tat-tajer jaqbel, it-tieni test jista' jitwettaq fuq l-istess kampjun tat-tajer.

6.2.1.2. Fejn issir applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' "sistema *run-flat*", it-test tat-tagħbija/tal-veloċità t'aktar 'il fuq jitwettaq fuq tajer wieħed, minfuħ skond il-paragrafu 1.2. ta' l-Anness VII, fil-kundizzjonijiet tat-tagħbija u tal-veloċità mmarkati fuq it-tajer (ara l-paragrafu 3.1.4.1.). Irid jitwettaq test ieħor tat-tagħbija/tal-veloċità fuq kampjun ieħor ta' l-istess tip ta' tajer kif ġie speċifikat fil-paragrafu 3. ta' l-Anness VII. Jekk il-manifatttur jaqbel, it-tieni test jista' jitwettaq fuq l-istess kampjun.

6.2.2. Tajer li, wara li jgħaddi mit-test tat-tagħbija/tal-veloċità, ma juri l-ebda separazzjoni tal-wiċċ ta' barra mfellel, l-ebda separazzjoni tal-kapi, l-ebda separazzjoni tal-kurduni, l-ebda tkissir fi bċejjeċ jew l-ebda kurdun maqsum għandu jitqies li għadda mit-test.

6.2.2.1. Madankollu, tajer immarkat bis-simbolu tal-veloċità "Y" li, wara li jgħaddi mit-test rilevanti, juri tibwiq superfiċjali fil-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer ikkawżat mit-tagħmir u mill-kundizzjonijiet speċifiċi tat-test, jitqies li għadda mit-test.

6.2.2.2. Jekk tajer b'"sistema *run-flat*" li, wara li jgħaddi mit-test kif ġie speċifikat fil-paragrafu 3. ta' l-Anness VII, ma juri l-ebda bidla fl-għoli milwi tas-sezzjoni, meta pparagunat ma' l-għoli milwi tas-sezzjoni fil-bidu tat-test, akbar minn 20 fil-mija u jżomm il-wiċċ ta' barra mflellel konness maż-żewġ ħitan tal-ġenb, jitqies li għadda mit-test.

6.2.3. Id-dijametru ta' barra tat-tajer, imkejjel sitt sigħat wara t-test tar-rendiment tat-tagħbija/tal-veloċità, ma jridx ivarja b'aktar minn ± 3,5 fil-mija mid-dijametru ta' barra kif imkejjel qabel it-test.

6.3. **L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel**

6.3.1. It-tajer pnewmatiku għandu jinkludi mhux inqas minn sitt ringieli trasversali ta' indikaturi ta' l-użu, bejn wieħed u ieħor spazjati indaqs u li jinsabu fil-kanali ewlenin tal-wiċċ ta' barra mfellel. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel għandhom ikunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu konfużi max-xfar tal-lastku bejn il-kanali jew il-blokki tal-wiċċ ta' barra mfellel.

6.3.2. Madankollu, fil-każ ta' tajers b'dimensjonijiet xierqa sabiex jiġu mmontati fuq rimmijiet b'dijametru nominali ta' 12 jew inqas, għandhom jiġu aċċettati erba' ringieli ta' indikaturi ta' użu tal-wiċċ ta' barra mfellel.

6.3.3. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel iridu jipprovdu mezz biex jindikaw, b'tolleranza ta' + 0,60/– 0,00 mm, meta l-kanali tal-wiċċ ta' barra mfellel ma jibqgħux aktar fondi aktar minn 1,6 mm.

6.3.4. L-għoli ta' l-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel jiġi ddeterminat billi titkejjel id-differenza bejn il-fond, mis-superfiċje tal-wiċċ ta' barra mfellel sal-quċċata ta' l-indikatur ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel u sal-qiegħ tal-kanali tal-wiċċ ta' barra mfellel qrib in-niżla fil-bażi ta' l-indikatur ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel.

7. IL-MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP TA' TAJER PNEWMATIKU U L-ESTENSJONI TA' L-APPROVAZZJONI

7.1. Kull modifikazzjoni tat-tip ta' tajer pnewmatiku għandha tiġi nnotifikata lid-Dipartiment Amministrattiv li approva t-tip ta' tajer pnewmatiku. Imbagħad, id-dipartiment jista' jew:

7.1.1. Iqis li l-modifikazzjonijiet li saru mhux probabbli li jkollhom effett ħażin apprezzabbli u li, ikun xi jkun il-każ, it-tajer pnewmatiku xorta għadu konformi mar-rekwiżiti; jew

7.1.2. Jeħtieġ rapport ieħor tat-test mingħand is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

7.2. M'għandhiex titqies li modifikazzjoni fid-disinn tal-wiċċ ta' barra mfellel tat-tajer teħtieġ repetizzjoni tat-testijiet preskritti fil-paragrafu 6. ta' dan ir-Regolament.

7.3. Konferma jew rifjut ta' l-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-bidliet, għandha tkun ikkomunikata skond il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 5.3. t'aktar 'il fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7.4. L-Awtorità Kompetenti li toħroġ l-estensjoni ta' l-approvazzjoni għandha tassenja numru serjali għal tali estensjoni u tinforma biha lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

8. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Ftehim (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

8.1. It-tajers approvati skond dan ir-Regolament għandhom ikunu mmanifatturi b'tali mod li jkunu konformi mat-tip approvat, billi jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 6. ta' aktar 'il fuq.

8.2. L-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista' tivverifika l-metodi ta' kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni f'kull ħin. Għal kull faċilità ta' produzzjoni, il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' mill-inqas darba kull sentejn.

9. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. L-approvazzjoni mogħtija rigward tip ta' tajer pnewmatiku skond dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 8.1. ta' aktar 'il fuq jew jekk it-tajers meħuda mis-serje ma jkunux għaddew mit-testijiet preskritti f'dak il-paragrafu.

9.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat preċedentement, hija għandha minnufih tinnotifika b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

10. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur ta' aprovazzjoni jieqaf għalkollox mill-manifattura ta' tip ta' tajer pnewmatiku approvat skond dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

11. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

11.1. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament m'għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjoni lil serje preċedenti ta' emendi, jew lil suppliment preċedenti għal serje ta' emendi għal dan ir-Regolament.

11.2. L-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament m'għandha tirrifjuta tajer approvat skond is-serje 01 ta' emendi għal dan ir-Regolament.

11.3. L-indikaturi ta' l-użu tal-wiċċ ta' barra mfellel:

11.3.1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-Suppliment 4 għas-serje 02 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma jistgħux aktar joħorġu approvazzjonijiet skond is-Suppliment 3 għas-serje 02 ta' emendi rigward ir-rekwiżiti tal-paragrafu 6.3.3.

11.3.2. It-tajers il-ġodda kollha li ġew immanifatturi mill-1 ta' Ottubru 1995 għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 6.3.3. kif ġew emendati mis-Suppliment 4 għas-serje 02 ta' emendi.

12. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

12.1. Il-Partijiet għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jkunu responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għalkollox, li jkunu nħarġu f'pajjiżi oħra.

12.2. Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jagħżlu laboratorji ta' manifatturi tat-tajers bħala laboratorji tat-testijiet approvati.

12.3. Fejn Parti għall-Ftehim tapplika l-paragrafu 12.2. ta' aktar 'il fuq, jekk tixtieq dan, waqt it-testijiet hija tista' tkun irrappreżentata minn persuna waħda jew aktar ta' l-għażla tagħha.

*Figura spjegattiva*

(ara l-paragrafu 2 tar-Regolament)



*ANNESS I*

**KOMUNIKAZZJONI**

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))

E [1] …

maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:

…

…

…

li tikkonċerna [2]: APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI RIFJUTATA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

ta' tip ta' tajer pnewmatiku għal vetturi bil-mutur skond ir-Regolament Nru. 30

Nru. ta' l-Approvazzjoni … Nru. ta' l-Estensjoni …

1. L-isem kummerċjali jew it-trejdmark(s) tal-manifattur fuq it-tip ta' tajer: …

2. Id-denominazzjoni tat-tip ta' tajer mill-manifattur: …

3. Isem u l-indirizz tal-manifattur: …

4. Jekk applikabbli, isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: …

5. Deskrizzjoni fil-qosor: …

5.1. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer: …

5.2. Il-kategorija ta' użu: normali/silġ/użu temporanju [2] …

5.3. L-istruttura: tajer dijagonali/*bias-belted*/radjali/*run-flat* [2] …

5.4. Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità: …

5.5. L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija: …

6. Is-Servizz Tekniku u, fejn ikun applikabbli, il-laboratorju tat-test approvat għal finijiet ta' approvazzjoni jew ta' verifika tal-konformità: …

7. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: …

8. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: …

9. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk ikun applikabbli): …

10. Kwalunkwe rimarka: …

11. Approvazzjoni mogħtija/estiża/irrifjutata/irtirata [2] …

12. Post: …

13. Data: …

14. Firma: …

15. Annessa ma' din il-komunikazzjoni hemm lista ta' dokumenti fil-fajl ta' approvazzjoni ddepożitat mas-Servizzi Amministrattivi li taw l-approvazzjoni u li jistgħu jinkisbu wara li ssir talba għalihom.

---

[1] In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' l-approvazzjoni fir-Regolament).

[2] Aqta' barra dak li ma japplikax.

*ANNESS II*

**Eżempju ta’ l-arranġament tal-marka ta’ approvazzjoni**




a = 12 mm min.

Il-marka ta’ approvazzjoni ta’ hawn fuq li twaħħlet fuq tajer pnewmatiku turi li t-tip ta’ tajer ikkonċernat ġie approvat fl-Olanda (E 4) bin-numru ta’ approvazzjoni 022439.

*Nota:* L-ewwel żewġ numri tan-numru ta’ approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond ir-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament kif ġie emendat mis-serje 02 ta’ emendi.

In-numru ta’ l-approvazzjoni jrid jitqiegħed qrib iċ-ċirku u jew fuq jew taħt l-“E” jew inkella fuq il-lemin jew ix-xellug ta’ dik l-ittra. Iċ-ċifri tan-numru ta’ approvazzjoni jridu jkunu fuq l-istess naħa ta’ l-“E” u jridu jħarsu fl-istess direzzjoni. L-użu ta’ numri Rumani bħala numri ta’ approvazzjoni għandu jkun evitat biex tkun ipprevenuta kwalunkwe konfużjoni ma’ simboli oħrajn.

*ANNESS III*

**L-arranġament ta’ l-immarkar tat-tajers**

1. **Eżempju ta’ l-immarkar li għandu jkun hemm fuq it-tip ta’ tajers imqiegħda fuq is-suq wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament**




b = 6 mm (min.)
c = 4 mm (min.)

Dan l-immarkar jiddefinixxi tajer pnewmatiku:

(a) li jkollu wisa’ nominali tas-sezzjoni ta’ 185;

(b) li jkollu proporzjon ta’ l-aspett nominali ta’ 70;

ċ) li jkollu struttura ta’ kap radjali (R);

(d) li jkollu dijametru nominali tar-rimm ta’ 14;

(e) li jkollu kapaċità għat-tagħbija ta’ 580 kg, li tikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija 89 fl-Anness IV għal dan ir-Regolament;

(f) li jkollu kategorija tal-veloċità T (veloċità massima 190 km/h);

(g) li jitwaħħal mingħajr tubu intern (“*tubeless*” (mingħajr tubu));

(h) tat-tip “tas-silġ” (M+S);

(i) li jkun ġie manifatturat matul il-25 ġimgħa tas-sena 2003.

2. **Fil-każ partikolari ta’ tajers li jkollhom konfigurazzjoni ta’ l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm “A” jew “U”, l-immarkar għandu jkun fil-forma ta’ l-eżempju li ġej**

185-560 R 400A, jew 185-560 R 400U fejn:

185 huwa l-wisa’ nominali tas-sezzjoni f’mm,

560 huwa d-dijametru ta’ barra espress f’mm,

R hija indikazzjoni ta’ l-istruttura tat-tajer - ara l-paragrafu 3.1.3. ta’ dan ir-Regolament,

400 huwa d-dijametru nominali tar-rimm espress f’mm,

A jew U hija l-konfigurazzjoni ta’ l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm.

L-immarkar ta’ l-indiċi tat-tagħbija, tal-kategorija tal-veloċità, tad-data tal-manifattura u mmarkar ieħor, għandu jkun kif ingħata fl-eżempju 1 ta’aktar ’il fuq.

3. **Il-pożizzjonament u l-ordni ta’ l-immakar li jikkostitwixxi d-denominazzjoni tat-tajer għandhom ikunu dawn li ġejjin:**

(a) id-denominazzjoni tad-daqs kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.17. ta’ dan ir-Regolament għandha tkun iggruppata kif intwera fl-eżempji ta’aktar ’il fuq: 185/70 R 14 u 185-560 R 400A jew 185-560 R 400U;

(b) id-deskrizzjoni tas-servizzi li tinkludi l-indiċi tat-tagħbija u s-simbolu tal-veloċità għandhom jitqiegħdu eżatt wara d-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer kif ġiet iddefinita fil-paragrafu 2.17. ta’ dan ir-Regolament;

ċ) is-simboli “*tubeless*”, “*reinforced*”, u “M + S” jistgħu jkunu mbiegħda mid-denominazzjoni tad-daqs.

*ANNESS IV*

**L-indiċijiet tal-kapaċità għat-tagħbija**

Li = L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija

kg = Il-massa korrispondenti tal-vettura li għandha tinġarr.

| Li | kg | Li | kg | Li | kg | Li | kg |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | 45 | 31 | 109 | 61 | 257 | 91 | 615 |
| 1 | 46,2 | 32 | 112 | 62 | 265 | 92 | 630 |
| 2 | 47,5 | 33 | 115 | 63 | 272 | 93 | 650 |
| 3 | 48,7 | 34 | 118 | 64 | 280 | 94 | 670 |
| 4 | 50 | 35 | 121 | 65 | 290 | 95 | 690 |
| 5 | 51,5 | 36 | 125 | 66 | 300 | 96 | 710 |
| 6 | 53 | 37 | 128 | 67 | 307 | 97 | 730 |
| 7 | 54,5 | 38 | 132 | 68 | 315 | 98 | 750 |
| 8 | 56 | 39 | 136 | 69 | 325 | 99 | 775 |
| 9 | 58 | 40 | 140 | 70 | 335 | 100 | 800 |
| 10 | 60 | 41 | 145 | 71 | 345 | 101 | 825 |
| 11 | 61,5 | 42 | 150 | 72 | 355 | 102 | 850 |
| 12 | 63 | 43 | 155 | 73 | 365 | 103 | 875 |
| 13 | 65 | 44 | 160 | 74 | 375 | 104 | 900 |
| 14 | 67 | 45 | 165 | 75 | 387 | 105 | 925 |
| 15 | 69 | 46 | 170 | 76 | 400 | 106 | 950 |
| 16 | 71 | 47 | 175 | 77 | 412 | 107 | 975 |
| 17 | 73 | 48 | 180 | 78 | 425 | 108 | 1 000 |
| 18 | 75 | 49 | 185 | 79 | 437 | 109 | 1 030 |
| 19 | 77,5 | 50 | 190 | 80 | 450 | 110 | 1 060 |
| 20 | 80 | 51 | 195 | 81 | 462 | 111 | 1 090 |
| 21 | 82,5 | 52 | 200 | 82 | 475 | 112 | 1 120 |
| 22 | 85 | 53 | 206 | 83 | 487 | 113 | 1 150 |
| 23 | 87,5 | 54 | 212 | 84 | 500 | 114 | 1 180 |
| 24 | 90 | 55 | 218 | 85 | 515 | 115 | 1 215 |
| 25 | 92,5 | 56 | 224 | 86 | 530 | 116 | 1 250 |
| 26 | 95 | 57 | 230 | 87 | 545 | 117 | 1 285 |
| 27 | 97,5 | 58 | 236 | 88 | 560 | 118 | 1 320 |
| 28 | 100 | 59 | 243 | 89 | 580 | 119 | 1 360 |
| 29 | 103 | 60 | 250 | 90 | 600 | 120 | 1 400 |
| 30 | 106 | | | | | | |

*ANNESS V*

**Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer u d-dimensjonijiet**

*Tabella I*

**It-Tajers f'Kostruzzjoni Dijagonali (tajers Ewropej)**

| Id-daqs | Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm tal-kejl | Id-dijametru globali (1) mm | Il-wisa' tas-sezzjoni tat-tajer (1) mm | Id-dijametru nominali tar-rimm "d" mm |
|---|---|---|---|---|
| **Is-Serje *Super Ballon*** | | | | |
| 4.80-10 | 3.5 | 490 | 128 | 254 |
| 5.20-10 | 3.5 | 508 | 132 | 254 |
| 5.20-12 | 3.5 | 558 | 132 | 305 |
| 5.60-13 | 4 | 600 | 145 | 330 |
| 5.90-13 | 4 | 616 | 150 | 330 |
| 6.40-13 | 4.5 | 642 | 163 | 330 |
| 5.20-14 | 3.5 | 612 | 132 | 356 |
| 5.60-14 | 4 | 626 | 145 | 356 |
| 5.90-14 | 4 | 642 | 150 | 356 |
| 6.40-14 | 4.5 | 666 | 163 | 356 |
| 5.60-15 | 4 | 650 | 145 | 381 |
| 5.90-15 | 4 | 668 | 150 | 381 |
| 6.40-15 | 4.5 | 692 | 163 | 381 |
| 6.70-15 | 4.5 | 710 | 170 | 381 |
| 7.10-15 | 5 | 724 | 180 | 381 |
| 7.60-15 | 5.5 | 742 | 193 | 381 |
| 8.20-15 | 6 | 760 | 213 | 381 |
| **Is-Sejre *Low Section*** | | | | |
| 5.50-12 | 4 | 552 | 142 | 305 |
| 6.00-12 | 4.5 | 574 | 156 | 305 |
| 7.00-13 | 5 | 644 | 178 | 330 |
| 7.00-14 | 5 | 668 | 178 | 356 |
| 7.50-14 | 5.5 | 688 | 190 | 356 |
| 8.00-14 | 6 | 702 | 203 | 356 |
| 6.00-15 L | 4.5 | 650 | 156 | 381 |
| **Is-Serje *Super Low Section*** (2) | | | | |
| 155-13/6.15-13 | 4.5 | 582 | 157 | 330 |
| 165-13/6.45-13 | 4.5 | 600 | 167 | 330 |
| 175-13/6.95-13 | 5 | 610 | 178 | 330 |

| Id-daqs | Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm tal-kejl | Id-dijametru globali (1) mm | Il-wisa' tas-sezzjoni tat-tajer (1) mm | Id-dijametru nominali tar-rimm "d" mm |
|---|---|---|---|---|
| 155-14/6.15-14 | 4.5 | 608 | 157 | 356 |
| 165-14/6.45-14 | 4.5 | 626 | 167 | 356 |
| 175-14/6.95-14 | 5 | 638 | 178 | 356 |
| 185-14/7.35-14 | 5.5 | 654 | 188 | 356 |
| 195-14/7.75-14 | 5.5 | 670 | 198 | 356 |
| **Is-Serje *Ultra Low Section*** | | | | |
| 5.9-10 | 4 | 483 | 148 | 254 |
| 6.5-13 | 4.5 | 586 | 166 | 330 |
| 6.9-13 | 4.5 | 600 | 172 | 330 |
| 7.3-13 | 5 | 614 | 184 | 330 |

(1) It-tolleranza: ara l-paragrafi 6.1.4. u 6.1.5.
(2) Id-denominazzjonijiet tad-daqs li ġejjin ġew aċċettati: 185-14/7.35-14 jew 185-14 jew 7.35-14 jew 7.35-14/185-14.

*Tabella II*

**Is-Serje Millimetrika – Radjali (tajers Ewropej)**

| Id-daqs | Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm xifer tal-kejl | Id-dijametru globali (1) mm | Il-wisa' tas-sezzjoni tat-tajer (1) mm | Id-dijametru nominali tar-rimm "d" mm |
|---|---|---|---|---|
| 125 R 10 | 3.5 | 459 | 127 | 254 |
| 145 R 10 | 4 | 492 | 147 | 254 |
| 125 R 12 | 3.5 | 510 | 127 | 305 |
| 135 R 12 | 4 | 522 | 137 | 305 |
| 145 R 12 | 4 | 542 | 147 | 305 |
| 155 R 12 | 4.5 | 550 | 157 | 305 |
| 125 R 13 | 3.5 | 536 | 127 | 330 |
| 135 R 13 | 4 | 548 | 137 | 330 |
| 145 R 13 | 4 | 566 | 147 | 330 |
| 155 R 13 | 4.5 | 578 | 157 | 330 |
| 165 R 13 | 4.5 | 596 | 167 | 330 |
| 175 R 13 | 5 | 608 | 178 | 330 |
| 185 R 13 | 5.5 | 624 | 188 | 330 |
| 125 R 14 | 3.5 | 562 | 127 | 356 |
| 135 R 14 | 4 | 574 | 137 | 356 |
| 145 R 14 | 4 | 590 | 147 | 356 |
| 155 R 14 | 4.5 | 604 | 157 | 356 |
| 165 R 14 | 4.5 | 622 | 167 | 356 |

| Id-daqs | Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm xifer tal-kejl | Id-dijametru globali (1) mm | Il-wisa' tas-sezzjoni tat-tajer (1) mm | Id-dijametru nominali tar-rimm "d" mm |
|---|---|---|---|---|
| 175 R 14 | 5 | 634 | 178 | 356 |
| 185 R 14 | 5.5 | 650 | 188 | 356 |
| 195 R 14 | 5.5 | 666 | 198 | 356 |
| 205 R 14 | 6 | 686 | 208 | 356 |
| 215 R 14 | 6 | 700 | 218 | 356 |
| 225 R 14 | 6.5 | 714 | 228 | 356 |
| 125 R 15 | 3.5 | 588 | 127 | 381 |
| 135 R 15 | 4 | 600 | 137 | 381 |
| 145 R 15 | 4 | 616 | 147 | 381 |
| 155 R 15 | 4.5 | 630 | 157 | 381 |
| 165 R 15 | 4.5 | 646 | 167 | 381 |
| 175 R 15 | 5 | 660 | 178 | 381 |
| 185 R 15 | 5.5 | 674 | 188 | 381 |
| 195 R 15 | 5.5 | 690 | 198 | 381 |
| 205 R 15 | 6 | 710 | 208 | 381 |
| 215 R 15 | 6 | 724 | 218 | 381 |
| 225 R 15 | 6.5 | 738 | 228 | 381 |
| 235 R 15 | 6.5 | 752 | 238 | 381 |
| 175 R 16 | 5 | 686 | 178 | 406 |
| 185 R 16 | 5.5 | 698 | 188 | 406 |
| 205 R 16 | 6 | 736 | 208 | 406 |

(1) It-tolleranza: ara l-paragrafi 6.1.4. u 6.1.5.

*Tabella III*

**Is-Serje 45 – Radjali fuq Rimmijiet Metriċi TR ta' 5°**

| Id-daqs | Il-wisa' tar-rimm tal-kejl | Id-dijametru globali | Il-wisa' tas-sezzjoni tat-tajer |
|---|---|---|---|
| 280/45 R 415 | 240 | 661 | 281 |

*ANNESS VI*

**Il-metodu tal-kejl tat-tajers pnewmatiċi**

1.1. Immonta t-tajer fuq ir-rimm tal-kejl speċifikat mill-manifattur skond il-paragrafu 4.1.12. ta' dan ir-Regolament u onfħu sa pressjoni ta' bejn 3 u 3.5 bar.

1.2. Aġġusta l-pressjoni kif ġej:

1.2.1. f'tajers standard *bias-belted*: sa 1.7 bar;

1.2.2. f'tajers dijagonali (kap imxaqleb): sa:

| Il-kategorija tal-kap | Il-pressjoni (bar) | | |
|---|---|---|---|
| | Il-kategorija tal-veloċità | | |
| | L, M, N | P, Q, R, S | T, U, H, V |
| 4 | 1,7 | 2,0 | — |
| 6 | 2,1 | 2,4 | 2,6 |
| 8 | 2,5 | 2,8 | 3,0 |

1.2.3. f'tajers radjali standard: sa 1.8 bar;

1.2.4. f'tajers rinforzati: sa 2.3 bar;

1.2.5. fi stepnijiet għal użu temporanju tat-tip T: sa 4.2. bar.

2. Ikkundizzjona t-tajer, immontat fuq ir-rimm tiegħu, fit-temperatura ambjentali tal-kamra għal mhux inqas minn 24 siegħa, ħlief jekk preskritt mod ieħor fil-paragrafu 6.2.3. ta' dan ir-Regolament.

3. Aġġusta mill-ġdid il-pressjoni sal-livell speċifikat fil-paragrafu 1.2. ta'aktar 'il fuq.

4. Kejjel il-wisa' globali b'kalliper f'sitt punti spazjati ndaqs, fejn titqies il-ħxuna ta' l-istrixxi jew taċ-ċineg protettivi. L-akbar kejl li jinkiseb b'dan il-mod jitqies bħala l-wisa' globali.

5. Iddetermina d-dijametru ta' barra billi tkejjel iċ-ċirkonferenza massima u tiddividi l-figura li tkun inkisbet b'dan il-mod b'π (3.1416).

*ANNESS VII*

**Il-proċedura għat-testijiet tar-rendiment tat-tagħbija/tal-veloċità**

1. IL-PREPARAZZJONI TAT-TAJER

1.1. Immonta tajer ġdid fuq ir-rimm tat-test speċifikat mill-manifattur skond il-paragrafu 4.1.12. ta’ dan ir-Regolament.

1.2. Onfħu sal-pressjoni xierqa kif tingħata (f’bar) fit-tabella ta’aktar ’l isfel:

**L-istepnijiet għal użu temporanju tat-tip T: sa 4.2 bar**

| Il-kategorija tal-veloċità | Tajers dijagonali (kap imxaqleb) | | | Sistema Radjali/*Run-flat* | | Tajers *Bias-belted* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Il-kategorija tal-kap | | | Standard | Rinforzata | Standard |
| | 4 | 6 | 8 | | | |
| L, M, N | 2,3 | 2,7 | 3,0 | 2,4 | 2,8 | — |
| P, Q, R, S | 2,6 | 3,0 | 3,3 | 2,6 | 3,0 | 2,6 |
| T, U, H | 2,8 | 3,2 | 3,5 | 2,8 | 3,2 | 2,8 |
| V | 3,0 | 3,4 | 3,7 | 3,0 | 3,4 | — |
| W | — | — | — | 3,2 | 3,6 | — |
| Y | — | — | — | 3,2 ([1]) | 3,6 | — |

([1]) Il-valur ta’ “3.2” rigward it-tajers tal-Kategorija tal-Veloċità “Y” b’mod involontarju ma ġiex inkluż fis-Suppliment 5 għas-serje 02 ta’ emendi li daħlu fis-seħħ fit-8 ta’ Jannar 1995 u jista’ jitqies bħala Corrigendum għal dan is-Suppliment u li kien effettiv minn dik l-istess data.

1.3. Il-manifattur jista’ jitlob, fejn jagħti r-raġunijiet, l-użu ta’ pressjoni tan-nefħa tat-test li tvarja minn dawk mogħtija fil-paragrafu 1.2. ta’ aktar ’il fuq. F’każ bħal dan, it-tajer għandu jintefaħ sa dik il-pressjoni.

1.4. Ikkundizzjona l-assemblaġġ tat-tajer u tar-rota f’temperatura tal-kamra tat-test għal mhux inqas minn tliet sigħat.

1.5. Aġġusta mill-ġdid il-pressjoni tat-tajer għal dik speċifikata fil-paragrafu 1.2. jew 1.3. ta’ aktar ’il fuq.

2. IT-TWETTIQ TAT-TEST

2.1. Immonta l-assemblaġġ tat-tajer u tar-rota fuq fus tat-test u agħfsu kontra l-wiċċ ta’ barra ta’ rota lixxa b’dijametru ta’1.70 m ± 1 fil-mija jew 2 m ± 1 fil-mija.

2.2. Fuq il-fus tat-test applika tagħbija ta’ 80 fil-mija ta’:

2.2.1. il-kategorija tat-tagħbija massima daqs l-Indiċi tal-Kapaċità għat-Tagħbija għat-tajers b’Simboli tal-Veloċità minn L sa H biż-żewġ ittri inklużi,

2.2.2. il-kategorija tat-tagħbija massima assoċjata ma’ veloċità massima ta’ 240 km/h għal tajers b’Simbolu tal-Veloċità “V” (ara l-paragrafu 2.31.2. ta’ dan ir-Regolament).

2.2.3. il-kategorija tat-tagħbija massima assoċjata ma’ veloċità massima ta’ 270 km/h għal tajers b’Simbolu tal-Veloċità “W” (ara l-paragrafu 2.31.3. ta’ dan ir-Regolament).

2.2.4. il-kategorija tat-tagħbija massima assoċjata ma’ veloċità massima ta’ 300 km/h għal tajers b’Simbolu tal-Veloċità “Y” (ara l-paragrafu 2.31.4. ta’ dan ir-Regolament).

2.3. Matul it-test kollu, il-pressjoni tat-tajer ma tridx tiġi korretta u t-tagħbija ta-test trid tinżamm kostanti.

2.4. Matul it-test, it-temperatura fil-kamra tat-test trid tinżamm bejn l-20° u t-30° jew, jekk jaqbel il-manifattur, f’temperatura ogħla.

2.5. Wettaq it-test kollu, mingħajr interruzzjoni, skond il-partikolaritajiet li ġejjin:

2.5.1. iż-żmien meħtieġ sabiex tgħaddi minn veloċità ta’ żero għall-veloċità inizjali tat-test: 10 minuti;

2.5.2. il-veloċità inizjali tat-test: il-veloċità massima preskritta għat-tip ta' tajer (ara l-paragrafu 2.29.3 ta' dan ir-Regolament), bit-tnaqqis ta' 40 km/h fil-każ ta' rota lixxa li jkollha dijametru ta' 1.70 m ± 1 fil-mija jew bit-tnaqqis ta' 30 km/h fil-każ ta' rota lixxa li jkollha dijametru ta' 2 m ± 1 fil-mija;

2.5.3. żidiet suċċessivi fil-veloċità: 10 km/h;

2.5.4. kemm idum it-test f'kull fażi ta' veloċità ħlief l-aħħar wieħed: 10 minuti;

2.5.5. kemm idum it-test fl-aħħar fażi tal-veloċità: 20 minuta;

2.5.6. il-veloċità massima tat-test: il-veloċità massima preskritta għat-tip ta' tajer, bit-tnaqqis ta' 10 km/h fil-każ ta' rota lixxa li jkollha dijametru ta' 1.7 m ± 1 fil-mija jew daqs il-veloċità massima preskritta fil-każ ta' rota lixxa li jkollha dijametru ta' 2 m ± 1 fil-mija.

2.5.7. madanakollu, għal tajers adattati għal veloċità massima ta' 300 km/h (simbolu tal-veloċità "Y"), it-test idum għaddej għal 20 minuta fil-fażi tal-veloċità inizjali tat-test u għal 10 minuti fl-aħħar fażi tal-veloċità.

2.6. Il-proċedura għat-tieni test (ara l-paragrafu 6.2.1.1.), biex ikun ivvalutat ir-rendiment ta' tajer adattat għal veloċitajiet li jaqbżu t-300 km/h, għandha tkun kif ġej:

2.6.1. Fuq il-fus tat-test applika tagħbija ta' 80 fil-mija tal-kategorija tat-tagħbija massima assoċjata mal-veloċità massima speċifikata mill-manifattur tat-tajer (ara l-paragrafu 4.1.15. ta' dan ir-Regolament).

2.6.2. It-test għandu jsir mingħajr interruzzjonijiet skond dan li ġej:

2.6.2.1. Għaxar minuti sabiex il-magna tgħaddi minn żero għall-veloċità massima speċifikata mill-manifattur tat-tajer (ara l-paragrafu 4.1.15. ta' dan ir-Regolament).

2.6.2.2. Ħames minuti bil-veloċità massima tat-test.

3. IL-PROĊEDURA BIEX TKUN IVVALUTATA L-"MODALITÀ TA' TĦADDIM B'TAJER IMNIŻŻEL" TA' "SISTEMA *RUN-FLAT*"

3.1. Immonta tajer ġdid fuq ir-rimm tat-test speċifikat mill-manifattur skond il-paragrafi 4.1.12. u 4.1.15. ta' dan ir-Regolament.

3.2. Wettaq il-proċedura kif ġiet deskritta fid-dettall fil-paragrafi 1.2. sa 1.5. ta' aktar 'il fuq b'temperatura tal-kamra tat-test ta' 38 °C ± 3 °C b'relazzjoni għall-kundizzjonament ta' l-assemblaġġ tat-tajer u tar-rota kif ġie deskritt fid-dettall fil-paragrafu 1.4.

3.3. Neħħi l-inserizzjoni tal-valv u stenna sakemm it-tajer jinżel kompletament.

3.4. Immonta l-assemblaġġ tat-tajer u tar-rota fuq fus tat-test u agħfsu kontra l-wiċċ ta' barra ta' rota lixxa b'dijametru ta' 1.70 m ± 1 fil-mija jew 2.0 m ± 1 fil-mija.

3.5. Fuq il-fus tat-test applika tagħbija ta' 65 fil-mija tal-kategorija tat-tagħbija massima li tikkorrispondi għall-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer.

3.6. Fil-bidu tat-test, kejjel l-għoli milwi tas-sezzjoni (Z1).

3.7. Matul it-test, it-temperatura tal-kamra tat-test għandha tinżamm ta' 38 °C ± 3 °C.

3.8. Wettaq it-test kollu, mingħajr interruzzjoni, skond il-partikolaritajiet li ġejjin:

3.8.1. iż-żmien meħtieġ biex il-magna tgħaddi minn veloċità ta' żero għal veloċità kostanti tat-test: 5 minuti

3.8.2. il-veloċità tat-test: 80 km/h

3.8.3. kemm idum it-test bil-veloċità tat-test: 60 minuta

3.9. Fi tmiem it-test, kejjel l-għoli milwi tas-sezzjoni (Z2).

3.9.1. Ikkalkula l-bidla f'perċentwali ta' l-għoli milwi tas-sezzjoni pparagunat ma' l-għoli milwi tas-sezzjoni fil-bidu tat-test $((Z1 - Z2)/Z1) \times 100$.

4. METODI TA' TEST EKWIVALENTI

Jekk jintuża metodu ieħor għajr dak deskritt fil-paragrafi 2. u/jew 3. ta' aktar 'il fuq, trid tintwera l-ekwivalenza tiegħu.